# L-Imnara

GHAQDA TAL-FOLKLOR

## L-IMNARA

**Vol. 9 Numru 2 2009 Ħarġa Numru 33**

**IT-TNEJN U TLETIN SENA TA' PUBBLIKAZZJONI**

## WERREJ

| | | |
|---|---|---|
| **In-Nisa, l-Unur tal-Familja, u t-Tagħlim tal-Knisja f'Malta tas-seklu sbatax:** | Carmel Cassar | 52 |
| **Iż-Żwieġ, id-dota, u l-Knisja f'Malta Tas-seklu Sbatax:** | Carmel Cassar | 54 |
| **Is-Sengħa tal-Barrieri:** | Charles Camilleri | 57 |
| **Il-Vjatku fil-Birgu** | George Cilia | 63 |
| **Id-Daqq tal-Qniepen fil-Folklor:** | Saviour Camilleri | 65 |
| **Is-Superstizzjoni tat-Tbaħħir:** | Guido Lanfranco | 70 |
| **Apprezzament: Alfred Fenech:** | | 72 |
| **Ix-Xtut taż-Żebbuġ, l-Għasri, u l-Għarb:** | Alex Camiilleri | 73 |
| **Il-But ta' Taħt:** | Angelo Dougall | 87 |
| **Aktar Taqbil Folkloristiku minn Bormla:** | Angelo Dougall | 88 |
| **Iċ-Ċitrata ta' Żerrek:** | Albert Ganado | 89 |
| **Twemmin niesna fl-Imgħoddi:** | Anton Attard | 90 |
| **Il-Ġobon tan-Nar:** | Ġużi Gatt | 93 |
| **L-Imsajad:** | Karmenu Pace | 96 |
| **Il-Gorboġ 2:** | Karmenu Pace | 99 |

Bullettin tal-Għaqda Maltija tal-Folklor. Joħroġ darba fis-sena. L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk ta' l-Għaqda jew tal-Editur, jekk ma jkunux hekk speċifikati.

*L-Indirizz tal-Editur: 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan, STJ 1307*

"L-Imnara" hu perjodiku li joħroġ darba fis-sena mill-Għaqda Maltija tal-Folklor. Jitqassam b'xejn lill-membri ta' l-Għaqda u ma jinstabx għall-bejgħ. Il-ħlas tas-sħubija fl-Għaqda (li jista' jiġi rivedut) hu ta' 5 Ewro fis-sena għall-membri f'Malta, 7 Ewro fis-sena għall-membri fl-Ewropa, u 10 Ewro fis-sena għall-membri fl-Awstralja. Jitħallsu wkoll 3 Ewro oħra bħala reġistrazzjoni darba biss.

**Min irid jissieħeb fl-Għaqda Maltija tal-Folklor u jirċievi "L-Imnara" taħt il-kundizzjonijiet msemmija, għandu jibgħat il-ħlas dovut lit-Teżorier: Is-Sur George Glanville, "Spring", Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, FGR 1614.**

Il-perjodiku "L-Imnara" ilu joħroġ mill-1978. L-artikoli jittrattaw il-folklor lokali u huma riżultat ta' osservazzjonijiet u riċerki oriġinali. Il-kitbiet huma prinċipalment bil-Malti, iżda jistgħu ikunu bl-Ingliż.

**Kitbiet oriġinali jistgħu jintbagħtu lill-Editur: Is-Sur Ġużi Gatt, 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan STJ 1307.**

**L-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR:**

Il-Kumitat għas-sena 2009:

President Onorarju: Is-Sur Guido Lanfranco.

President: Is-Sur Angelo Dougall; Viċi-President: is-Sur Anton Attard; Segretarju: Is-Sur Ġużi Gatt; Teżorier: Is-Sur George Glanville; Assistent Segretarju: is-Sur Carmelo Pace, Assistent Teżorier: Is-Sur Alfred Borg, Membri: is-Sur Frans Farrugia; u Is-Sur John Zammit.

# IN-NISA, L-UNUR TAL-FAMILJA, U T-TAGĦLIM TAL-KNISJA F'MALTA TAS-SEKLU SBATAX

**Carmel Cassar**

**Bħal soċjetajiet tradizzjonali u pre-industijali oħra, Malta tas-seklu sbatax kienet soċjeta' li fiha l-familja kienet il-fus li fuqu jiddependi l-għajxien u l-istess eżistenza ta' dak li jkun. Il-familja kienet il-post fejn wieħed isib il-kenn, il-faraġ, il-wens, jitgħallem jagħmilha man-nies, jagħti, u jsib min jagħtih l-għajnuna. L-għaqda tal-familja kienet għalhekk l-aktar ħaġa mportanti u fuqha kien jiddependi l-ġid komuni tal-membri li jiffurmawha. Ma setax jonqos mela li l-unur tal-familja kien jitqies bħala l-kejl prinċipali li bih wieħed ikejjel postu fis-soċjeta. L-unur u d-diżunur kienu meqjusa li jġibu l-għaqda jew il-firda fil-familja, u l-membri nisa tal-familja kienu meqjusa bħala l-aktar li jintlaqtu. Għan-nisa, ż-żwieġ kien mod ta' kif ikollhom il-mezzi biex jgħixu, u l-għajnuna meta jenħtiġuha imma kien ukoll fundamentali biex jipproteġi l-unur tal-familja kollha. B'hekk l-irġiel kienu jgħamlu minn kollox biex iżommu lin-nisa il bogħod minn xi għajb u dan kien jgħodd b'mod speċjali għan-nies ta' l-irħula. It-taqlib soċjali, l-inċertezza ekonomika, u l-iskarsezza tad-djar tal-ibliet tal-port kienu jservu biex tinħoloq atmosfera ta' tensjoni kbira, fejn malajr jisħnu l-irjus u dak li jkun iħoss li għandu jiddefendi l-unur tan-nisa tal-familja tiegħu akkost ta' kollox. Il-każijiet li se nsemmu f'din il-kitba huma maħsuba biex jiddiskutu l-unur u d-diżunur f'Malta tas-seklu sbatax minn din il-perspettiva. Bejn wieħed u ieħor dawn il-każijiet iservu biex juru li dak iż-żmien, l-unur tan-nisa kien meqjus bħala l-pern li fuqu jiddependi l-unur tal-familja, u fuq l-unur tal-familja kien jiddependi l-għajxien u l-pożizzjoni soċjali ta' dak li jkun. Lejn l-aħħar ta' din il-kitba se jissemmew ukoll il-konkubinaġġ u l-bigamija li t-tnejn ikomplu juru kif l-unur tal-mara kien waħda mill-preokkupazzjonijiet tal-ħajja ta' kuljum tal-bniedem ta' dak iż-żmien.**

L-unur u l-fama kienu ndispensabbli għall-bniedem tas-seklu sbatax, għax mingħajrhom ħajtu setgħet titkisser. L-unur kien il-kawża ta' ħafna mill-ġlied u l-kustjonijiet bejn iċ-ċittadini speċjalment meta xi ħadd kien jgħaddi xi kumment jew insinwazzjoni fil-konfront ta' xi ħaddieħor. L-unur tant kien importanti li anke l-qrati kienu jqisu d-difiża tal-unur bħala valur importanti ħafna, speċjalment għal xi ħadd ta' klassi għolja. Għall-irġiel, l-unur kien jiddependi l-iktar fuq il-qlubija u l-kuraġġ fiżiku tagħhom, fuq il-lealta' li juru lejn ħaddieħor, u fuq l-onesta' f'xogħolhom. Min-naħa l-oħra l-unur tan-nisa kien meqjus li jiddependi fuq id-dinjita' sesswali. Dan forsi jista' jispjega għaliex Torquato Tasso, fid-*Discorso della virtu feminile e donnesca* li ppubblika fl-1582 ipprova jfisser id-differenza ta' x'inhu unur għall-mara u x'inhu unur għar-raġel. Skond Tasso, kull sess kellu virtu dominanti; virtu li għalkemm tgħodd għaż-żewġ sessi, imma għal wieħed minnhom hi aktar importanti. B'hekk għan-nisa l-virtu l-aktar importanti kienet meqjusa li hi l-kastita`, filwaqt li għall-irġiel l-aqwa virtu` kienet meqjusa li hi l-kuraġġ. B'hekk għar-raġel kien ta' diżunur li jkun ġifa, imma inqas ta' diżunur jekk ixellef xi daqsxejn il-kastita`. Għall-mara, l-*impudicita`* kienet mill-aktar mistmerra, imma li tkun daqsxejn ġifa u mhux kuraġġuza ma kienx xi diżunur kbir. Għal Tasso l-irġiel kellhom jirbħu l-unur billi jkunu elokwenti fi kliemhom u jafu xi jgħidu, kif ukoll ikunu ġenerużi, kuraġġużi, u jkollhom dinjita'. In-nisa kienu meqjusa onorevoli meta jżommu fommhom sieket, ma jkunux ħalja, u jkunu modesti u umli. Donnu Tasso jrid jgħid li ma jixraqx li mara tkun elokwenti u ġeneruza, jew li raġel ikun fommu sieket u tal-ġabra. Bħala konsegwenza ta' dan il-karigi pubbliċi jitqiesu aktar addattati għall-irġiel milli għan-nisa.

Jiġifieri donnu li għan-nisa l-unur kien jiddependi fuq is-sesswalita` tagħhom. Għal din ir-raġuni n-nisa kien jitħallew jagħmlu kawżi fil-qorti biex jiddefendu ruħhom mill-malafama u l-insulti. Id-dokumenti tal-qrati Maltin juru li l-ikbar insult li stajt tagħmel lil mara kien li tgħajjarha "qaħba". Ħafna drabi n-nisa kienu mistennija li jitgħallmu kif għandhom iġibu ruħhom sewwa, u jiddependu fuq il-qraba tagħhom irġiel biex jiddifendulhom unurhom fil-pubbliku. Id-difiża tan-nisa mill-irġiel kienet tħares in-nisa mill-periklu, f'għajnejn is-sożjeta` u f'għajnejn il-liġi, imma din l-istess difiża kienet tħares ukoll l-interessi tal-irġiel.

Ħafna teoriji soċjali diga` rrikonexxew l-importanza li d-difiża tal-unur għandha fil-kontrol tas-soċjetajiet u tal-popli. Meta kiteb dwar l-Andalusija fin-naħa t'isfel ta' Spanja, Julian Pitt-Rivers fisser l-importanza tal-kunċett ta' *verguenza*, li jiġbor fih is-sens ta' vergonja, s-sens ta' modestja, d-difiża tar-reputazzjoni ta' dak li jkun, u l-unur tan-nisa tal-grupp. Dawn is-sentimenti fis-soċjeta kienu jipproteġu l-pudur tan-nisa, li għal żwieġhom kien importanti ħafna. Skond Pitt-Rivers, in-nisa kellhom ammont limitat ta' *verguenza*, u jekk jitilfuha ma jkunux jistgħu jġibuha lura. L-ammont ta' *verguenza* li

jkollha mara, jonqos jista' u mhux jiżdied. U l-familja kollha tbati meta xi mara fil-familja ma ġġibx ruħha sew.

B'dana kollu, fil-qrati tal-pajjiżi tal-Mediterran, l-ilmenti minn tfajliet li ma jkunux fil-kontrol assolut tal-familji tagħhom ma kienux jittieħdu bis-serjeta'. Tfajliet bħal dawn kienu fil-periklu, missirijiethom kienu jitqiesu li m'humiex kapaċi jiddefenduhom sew, u fis-suq taż-żwieġ ma kellhomx valur għoli wisq. B'hekk ħafna drabi kienu jsipiċċaw jiżżewġu rġiel ta' status baxx ħafna u dota fqira bir-riżultat li kienu jispiċċaw fl-aktar livelli baxxi tas-soċjeta' fi żmien meta id-distinzzjoni tal-klassi kienet ferm aktar b'saħħita mill-lum.

Jidher li għalkemm is-soċjeta fil-port kienet permissiva mhux ħazin, il-promiskwita` ma kinitx ittollerata. L-istupru ma kienx jitqies bħala sempliċi reat, għax id-dokumentazzjoni turi li n-nisa ħafna drabi kienu jiġu mogħtija l-għażla li jiżżewġu lil min aggredihom. Il-Konċilju ta' Trentu kien spjega ruħhu ċar fuq dil-kwistjoni: Skond il-liġi Kanonika, relazzjonijiet sesswali barra ż-żwieġ kienu żina'. L-iżverġnar ta' mara barra ż-żwieġ kien ikkundannat bl-aħrax. Dan kien konformi mall-liġijiet qodma Lhud, li kienu ġew addottati kelma b'kelma mir-reliġjon Nisranija. Tant hu hekk li fil-ktieb tal-Esodu insibu li: "Jekk wieħed iqarraq b'xebba, mhix mgħarrsa, u jorqod magħha, iħallasha b'martu. Imma jekk missierha ma jridx jagħtihielu, iħallas flus daqs kemm hi d-dota tax-xebbiet." Kas li ġara kmieni fis-seklu dsatax u li kien jinvolvi raġel ta' 23 sena minn Genova juri li prinċipji bħal dawn kienu nfurzati mid-drawwiet ta' dak iż-żmien. Lil Genoviz xlewh b'bigamija, imma hu qal li meta żżewweġ it-tieni mara tiegħu kien ħaseb li din kienet verġni. Imma mbagħad sar jaf li qablu kienet raqdet ma' raġel Malti mill-Mosta. Dan ikkonfermatu l-mara stess, li qalet li dan il-Mosti kien anke ntrabat li jagħti somma flus lil missierha. Kienu anke ftehmu li s-somma kellha tingħata bin-nifs, tant fis-sena. Il-kaz juri li għalkemm kienu għaddew mijiet ta' snin mill-Koncilju ta' Trentu il-knisja kienet qed issibha diffiċili tinforza t-tagħlim tagħha.

Iż-żina' kienet titfa' dell ferm ikbar fuq il-mara milli fuq ir-raġel. Mara li titlef xbubitha qabel iż-żwieġ kienet titlef ukoll il-valur tagħha bħala għarusa. Raġel li jiżżewwiġha kien jippretendi kumpens finanzjarju talli jkun ħadha. Hemm kaz tas-seklu sbatax fejn raġel mill-Belt ippreferа li jmur il-ħabs tal-Magna Curia Castellania milli jiżżewweġ il-mara li kien stupra. Fi proċess bħal dan il-mara kienet titlef ġieħha mas-socjeta`. Ir-raġel li żina' magħha kien jieħu fama ħażina, imma ma kienx ibati telf finanzjarju.

Għall-Knsija, iż-żina', jiġifieri s-sess bejn tnejn m'humiex miżżewġa, u l-adulterju, jew is-sess bejn tnejn miżżewġa imma mhux lil xulxin, kienu t-tnejn meqjusa bħala dnub. Imma l-adulterju kien jittieħed ferm iżjed bis-serjeta` mill-knisja peress li ż-żwieġ kien wegħda ta' fedelta` li tiggarantaxxi l-għixien tal-familja. Ix-xogħol iebes u l-għaqal, flimkien mall-onesta`, kienu l-kejl ta' kemm kien hemm rieda tajba fiż-żwieġ. Fl-analizi tagħha fuq il-ħajja fil-belt ta' Pariġi fis-seklu tmintax, Arlette Farge tgħid li:

> "...*in-nuqqas ta' stabilita`, l-għażż, is-serq, u s-sokor, kienu jfixxklu bis-sħiħ lil dak il-bilanċ ekonomiku fraġli li kien iżomm il-miżżewġin flimkien. L-awtoritajiet kienu jafu sew b'dan u spiss kienu jirċievu lmenti minn irġiel u nisa li ma kinux lesti li jittolleraw aktar l-abbuz jew l-eċċessi tas-sieħeb jew sieħba tagħhom. Meta koppja kienet tasal f'dan l-istat, kienet titlef l-unur mal-ġirien, u tieħu fama ħażina fost in-nies tax-xogħol...*"

Fiż-żwieġ, kemm ir-raġel kif ukoll il-mara kellhom l-unur tagħhom x'jissalvagwardjaw. Ir-raġel li ma kienx jimxi sewwa ma' martu kien jitlef ġieħu mal-ġirien; u l-mara li tagħmilha ma' kumpannija ħażina kienet issib lil min ilumha u jagħmel għaliha. B'hekk il-miżżewġin kellhom id-dmir li iibżgħu għall-unur u l-fama tagħhom, ta' uliedhom u tal-familjari kollha tagħhom.

Il-Knisja Kattolika kienet ilha li implimentat riforma fl-imġiba sesswali tal-membri tagħha sa mir-Riforma Protestanta. B'hekk il-Koncilju ta' Trentu, fl-24 sessjoni tiegħu ta' l-1564, kien iddikjara li dawk li kienu jgħixu fi stat ta' konkubinaġġ, ikunu mill-liema klassi soċjali jkunu, għandhom, wara li jiġu mwissija għal tliet darbiet mill-awtoritajiet tal-post, jingħataw l-iskomunika tal-Knisja. Jiġifieri l-Knisja, li qabel kienet sempliċement tħares bl-ikrah lejn imġiba sesswali illeċita, saret issa l-ikbar għadu ta' relazzjoni sesswali illeċiti. M'għandniex xi ngħidu, l-bidla dejjem tkun diffiċli li taqbad l-art, u l-isqfijiet u l-inkwiżituri kienu jsibuha iebsa biex jimponu regoli bħal dawn.

Fis-snin ta' wara l-Konċilju ta' Trentu, l-Knisja għamlet sforzi kbar biex iddaħħal aktar dixxiplina soċjali u morali. Imma dawn l-isforzi mhux dejjem sabu t-triq lixxa quddiemhom. Il-kundizzjonijiet ħziena tal-għixien, l-aktar minħabba nuqqas ta' protezzjoni soċjali, kienu jagħmlu ż-żwieġ biċċa xogħol iebsa, bil-koppja ħafna drabi tgħix flimkien mingħajr ġibda jew affezzjoni lejn xulxin, u nieqsa mill-emozzjoni u l-imħabba ta' bejniethom. Il-mewt tal-missier jew tal-omm kienet tfisser ħafna drabi t-tifrik tal-familja, tħarbit ekonomiku għall-membri tagħha, iżolament u diżastru li kien jagħmel il-ħajja tan-nies milquta ħajja partikolarment diffiċli biex tħabbat wiċċek magħha.

F'ambjent ta' taqtigh il-qalb bhal dan, r-rabta taz-zwieg kienet mahsuba l-aktar biex il-mizzewġin jgħinu lil xulxin ilaħħqu mal-ħajja. Kienet l-eħfef mezz li joffri ftit tat-tama li wieħed seta' forsi jibni xi forma ta' stabbilita` f'ħajtu. Il-kundizzjonijiet biex rabta bħal din isseħħ – jiġifieri n-namur u l-gherusija, iz-zwieġ u l-hajja flimkien, il-ġlied ġol-familja, it-tqala legittima jew illegittima, kienu fihom infushom sfidi biex dak li jkun iżomm u jiddefendi l-unur u l-fama tiegħu. L-istima li l-miżżewġin kien ikollhom taghhom infushom kienet tiddependi

mis-suċċess tal-ħajja ta' bejniethom. Il-konflitti li kienu jinħolqu fil-ħajja taż-żwieġ, kif wieħed jista' jara mill-każijiet imressqa quddiem il-qrati, jagħtu stampa ċara tal-viżjoni tal-ħajja li kellhom in-nies ta' l-eta' pre-industijali; jgħinuna nifmhu kif dawn in-nies kien jħarsu lejhom infushom u lejn l-oħrajn, u anke kif kienu jaħsbu li għandhom jaġixxu u jgħixu flimkien bħala mara u raġel. Fi kliem ieħor, minn dawn il-każijiet tal-qrati wieħed jista' jislet kodiċi ta' etika li kien prodott kollettiv tas-socjeta' jew inkella l-frott ta' deċiżjonijiet individwali, jew forsi dawn it-tnejn flimkien.

**Kitbiet ikkonsultati:**


Cassar, C.: *Honour and Shame in the Mediterranean.* Malta, 2003.

Cassar, C.: *Daughters of Eve. Women, Gender Roles, and the Impact of the Council of Trent in Catholic Malta.* Malta 2002.

Farge, A.: *Fragile Lives. Violence, Power and Solidarity in Eighteenth Century Paris.* Eng. trans. Cambridge, 1993.

Goody, J. 'Inheritance, property and women: some comparative considerations'. Goody, J., Thirsk, J. and Thompson, E.P. (eds), *Family and Inheritance. Rural Society in Western Europe 1200-1800.* Cambridge, 1976.

Goody, J.: *The Development of the Family and Marriage in Europe.* Cambridge, 1983.

Grieco Matthews, S.F.: 'The body, appearance, and sexuality'. Zemon Davis, N. and Farge, A. (eds), *A History of Women in the West,* vol.iii. *Renaissance and Enlightenment Paradoxes.* Cambridge Mass and London, 1993.

Pitt Rivers, J.: *People of the Sierra.* Chicago, 1961.

Pitt-Rivers, J.: *The Fate of Schechem or the Politics of Sex: Essays in the Anthropology of the Mediterranean.* Cambridge, 1977.

*The Canons and Decrees of the Council of Trent, celebrated under the sovereign pontiffs, Paul III and Pius IV.* Eng trans. J. Waterworth. London, 1848.


# IŻ-ŻWIEĠ, ID-DOTA, U L-KNISJA KATTOLIKA F'MALTA TAS-SEKLU SBATAX

**Carmel Cassar**

**Għall-biċċa l-kbira tan-nisa Maltin ta' dari, kif wara kollox kien ukoll għall-biċċa l-kbira tan-nisa f'pajjiżi oħra fl-Ewropa u fil-Mediterran, iż-żwieġ kien avveniment li jġib miegħu l-akbar bidla ta' ħajjithom. F'Malta Kattolika mill-aħħar tas-seklu sittax 'il quddiem, iż-żwieġ kien qabel xejn meqjus bħala sagrament li jagħti l-grazzja sagramentali u li għalih kienet meħtieġa l-barka tal-qassis. Qabel iż-żwieġ kien hemm ċerimonja oħra – l-għerusija. Fiż-żmien ta' qabel il-Konċilju ta' Trentu, li l-aħħar sezzjoni tiegħu għalqet fl-1564, l-għerusija kellha saħħa daqs iż-żwieġ. Kulma kien hemm bżonn kien li l-għarus u l-għarusa jwiegħdu ruħhom lil xulxin fil-preżenza ta' qassis bħala xhud; mqar mingħajr il-permess tal-ġenituri.**

Il-Konċilju ta' Trentu, li permezz tad-Digriet Tametsi, kien ipprova jġib iż-żwiġijiet taħt il-kontrol tal-Knisja, kien iddikjara li l-knisja kienet tiddiżapprova bil-qawwa żwiġijiet mingħajr il-kunsens tal-ġenituri; imma la darba żwiġijiet bħal dawn ikunu laħqu ingħataw il-barka tal-Knisja, din kienet tirrifjuta li tannullahom. Wara l-Konċilju ta' Trentu, l-Knisja baqgħet tinsisti fuq iż-żwieġ bħala sagrament, għalkemm il-verġinita' kienet meqjusa bħala virtu superjuri. Minn barra li ġabu magħhom infurzar akbar tal-liġi Kanonika, il-prinċipji ppridkati mill-Konċilju ta' Trentu komplew jinfurzaw il-persuna diġa dominanti tar-raġel fiż-żwieġ, u lill-mara ħallewlha biss ir-rwol tagħha fix-xogħol tad-dar. In-nisa kellhom ikunu xempju ta' ommijiet eżemplari u nisa tad-dar kif jogħġob lill-Knisja u kif approvat mis-soċjeta ċivili. Għall-wegħda tal-protezzjoni u s-sapport għal għomorhom li kien jagħtihom ir-raġel, huma kellhom jagħtuh l-ubbidjenza tagħhom.

Il-bint ħafna drabi kienet issib l-ġenituri tagħha jinponulha lil min tieħu bħala żewġha. Fuq min tieħu bħala żewġha kienet tiddependi l-pożizzjoni soċjali tagħha, il-pożizzjoni ekonomika tagħha, u fejn kienet se tispiċċa tmur toqgħod. Jidher li n-nisa ta' dak iż-żmien ma kinux jistennew minn żwieġhom l-intimita' emozzjonali li jistennew illum. Imma kienu jippretendu li għall-anqas ir-raġel ikun jirrispettahom u ma jabbużax minnhom.

Jidher ċar li dawn iż-żminijiet kienu żminijiet ta' sbilanċ sesswali, ta' instabilita politika, u ta' ekonomija dejjem sejra lura. Kienu żminijiet li fihom iż-żwieġ kien diffiċli għal ħafna nies, u għal xi wħud anke impossibbli. Il-ġenituri kienu jerfgħu huma r-responsabbilta taż-żwieġ ta' binthom. Iż-żwieġ, iebes kemm kien iebes, kien meqjus li jħares lix-xebba mill-perikli tad-dinja. Ir-rabta taż-żwieġ kienet tħarisha mill-periklu li ma tagħrafx tuża sew is-sesswalita tagħha. Wieħed jista' jifhem għalhekk, għala lill-bniet kienu jżewġuhom kmieni. Fl-1600, raġel mill-Mosta kien stqarr li lill-martu kien iżżewwiġha meta kellha 11-il sena. U Margarita Zammit, minn Għawdex kienet iddikjarat li żżewġet meta kellha biss 12-il sena. Jidher car li n-namur u għerusija fit-tul ma kinux jgħaddu minn ras in-nies ta' dak iż-żmien. L-individwu ftit kellu minn fejn jagħżel. It-tlaqqigħ taż-żwieġ kien ħafna drabi deċiż mill-ġenituri, u dawn kienu jiddeċiedu skont il-pożizzjoni soċjali u l-ġid li jkollu dak li jkun. Dan kien ifisser li ħafna nisa kienu jispiċċaw jiżżewġu rġiel li magħhom ma kellhom l-ebda rabta emozzjonali. Dan ma kienx wisq differenti minn

dawk li jidħlu għall-ħajja reliġjuża. Dawn ukol kienu jispiċċaw maqbuda f'ħajja li għaliha ma kellhom l-ebda vokazzjoni. B'dan il-mod kemm dawk li jiżżewġu kif ukoll dawk li jsiru reliġjużi kien faċli ferm li jispiċċaw frustrati sesswalment u emozzjonalment.

Iż-żwieġ kien iġib l-unur lill-mara u l-familja tagħha. La kienet miżżewġa, is-sesswalita tal-mara kienet taħt kontroll legali, u ż-żwieġ kien jagħtiha l-prestiġju u pożizzjoni soċjali. Dan joħroġ ċar mill-iStatus Animarum – il-qagħda tal-erwieħ- tal-1667, tal-parroċċa ta' Portu Salvu (San Duminku), l-Belt. Minn elfejn u erbgħa u sebgħin mara adulta, dsatax-il waħda biss kienu mniżżla bħala *Bizocche* (sorijiet terzjarji). U minn dawn id-dsatax, erbgħa biss kienu taħt il-45 sena.

In-nisa kienu meqjusa li ma kinux kapaċi jgħixu weħidhom mingħajr il-ħarsien ta' xi raġel bla ma jaqgħu fil-periklu tad-dnub. U allura l-irġiel, u l-missirijiet, u xi kultant anke l-aħwa subien, kienu jitqiesu li huma responsabbli minnhom. Is-soċjeta kienet allura tagħmel restrizzjonijiet kbar fuq il-mara. Iż-żwieg kien arranġement li kien jimpurtah l-iżjed mill-kundizzjonijiet ekonomiċi tal-familja, u x-xewqat u l-emozzjonijiet tal-koppja kienu jiġu ferm wara. Iż-żwieġ kien post fejn tqiegħed in-nisa kollha li jkunu sesswalment maturi biex is-soċjeta tkun tista' tikkontrollhom, l-aktar permezz ta' l-irġiel tagħhom.

Kienet x'kienet il-pożizzjoni soċjali tagħhom, in-nisa ma kellhomx post la fil-politika u lanqas fl-oqsma professjonali. Il-pożizzjoni soċjali ta' missierhom kienet tiddetermina huma lil min setgħu jiżżewġu, imma weħedhom, mingħajr il-familja, ma kellhomx saħħa. F'soċjeta ddominata mill-irġiel, in-nisa kienu għalhekk, iridu jew ma jridux, isibu ruħhom jagħmlu parti mill-familja tar-raġel tagħom. Il-valur tagħhom fis-suq taż-żwieġ kien jiddependi l-aktar mid-dota li setgħu jġibu magħhom. It-tendenza kienet li ż-żwieġ isir bejn individwi tal-istess pożizzjoni soċjali u ekonomika. F'Malta anke l-awtoritajiet (il-Gvern) kienu stipulaw li ma kinux jirrekonoxxu żwiġijiet bejn individwi ta' klassi soċjali differenti, għax din kien iġib diżunur lill-qraba tagħhom. Jiġifieri ż-żwieġ ma setax jeżisti mingħajr l-approvazzjoni ta' ħaddieħor. Fil-klassijiet soċjali kollha, lil min tieħu b'martek jew żewġek kien ikkontrollat u inflwenzat mill-familja tiegħek, mill-qraba, u min-nies li taf, għax dak jew dik li tagħżel kien ikollhom effett ukoll fuq iċ-ċirkustanzi soċjali, ekonomiċi u domestiċi tal-familja tiegħek. Rari kont tisma mara titkellem fuq l-imħabba romatika fil-konfront ta' raġel. Is-sieħeb jew sieħba fiż-żwieġ kien għalhekk jintgħażel mhux għall-imħabba, imma għall-bżonnijiet marbuta mal-kura tad-dipendenti, l-ġid tan-negozju tal-familja, jew għat-tkomplija tar-razza. Iż-żwieġ bejn partijiet ta' livelli soċjali u ekonomiċi differenti kien għalhekk skoraġġit. B'dana kollu xorta kien isir taħlit soċjali fiż-żwiġijiet fis-saffi kollha tas-soċjeta', l-aktar fin-naħat tal-port il-kbir. Biex wieħed jifhem dal-fenominu jrid jiftakar li qed nitkellmu fuq ekonomija mibnija fuq il-biedja u l-agrikoltura, u li fiha, biex żwieġ iseħħ kien hemm bżonn it-tqassim tal-propjeta', kemm għall-għarus u kemm għall-għarusa.



**Il-Konċilju ta' Trentu hu meqjus fost l-aktar important minn dawk li laqqgħet il-Knisja Kattolika. Seħħ bejn Diċembru, 1545 u Diċembru 1563 u ltaqa' 25 darba. L-ewwel tmien sessjonijiet tlaqqgħu fil-belt ta' Trentu bejn l-1545 u l-1547; it-tliet sessjonijiet ta' wara tlaqqgħu f'Bologna fl-1547, tul il-pontifikat tal-Papa Pawlu III. Il-Konċilju reġa' ltaqa' fil-belt ta' Trentu għal erba' sessjonijiet oħra, bejn l-1551 u l-1552, meta kien hemm il-Papa Ġulju III. L-aħħar disa' sessjonijiet iltaqgħu taħt il-Papa Piju IV, fi Trentu wkoll, bejn l-1559 u l-1563.**

**Il-Konċilju kkundanna dawk li sejjaħ bħala "ereżiji Protestanti" u ddefinixxa t-tagħlim tal-Knisja fuq l-Iskrittura u t-Tradizzjoni, id-Dnub tan-Nisel, is-Sagramenti, l-Ewkaristija fil-quddiesa, u l-qima tal-qaddisin. B'riżultat ta' dan il-Konċilju, l-Papa Piju IV ħareġ il-Katekiżmu Ruman (1566), il-Brevjarju rrevedut (1568), u l-Missal irrivedut (1570), hidma li tat bidu għal dik li llum tissejjaħ "il-quddiesa Tridentina".**

**Fuq nett tidher inċiżjoni qadima li turi sessjoni mill-Konċilju ta' Trentu.**

Sa l-aħħar tas-seklu sittax, il-kuntratt jew il-kitba taż-żwieġ kienet saret strument importanti ta' kif il-propjeta' tgħaddi minn id għall-oħra. Id-dota tidher li kienet importanti l-aktar biex tiżgura li l-mara tiġbed lejha sieħeb addattat. Wara l-Konċilju ta' Trentu, b'deċizjonijiet aktar stretti minn-naħa tal-Knisja, jidher li tjiebet xi ftit il-pożizzjoni legali tal-mara fl-isfera ekonomika. Imma l-iżvantaġġi ċivili baqgħu, bħal ma jixhed il-bżonn li fil-kitba taż-żwieġ, jekk ma jkunx hemm il-missier, ried ikun hemm sostitut, mqar xi ħadd jiġi mill-mara mil-bogħod.

Iż-żwieġ kien ukoll jinġieb bħala raġuni għala n-nisa kellhom jiġu esklużi minn pożizzjonijiet u karigi pubbliċi. Id-dmir li kellhom li jobdu lil żwieġhom, kien jimpedihom milli jaġixxu ta' persuni indipendenti. Anke jekk mara tkun xebba jew armla, kienet tidħol taħt din l-oġġezzjoni wkoll, għax dawn setgħu, xi darba, jiżżewġu. Kienet id-dota li tiddetermina l-futur tal-mara. Fil-prinċipju tagħha, d-dota li ġġib magħha l-mara kienet tibqa' marbuta magħha għal għomorha. Id-dota kellha l-funzjoni li mhux biss tgħin fl-operat tad-dar u l-familja waqt li r-raġel għadu ħaj, imma wkoll biex tipprovdi mezz ta' għixien għall-mara wara l-mewt ta' żewġha. Id-dota setgħet titgawda mill-mara meta tormol, imbagħad wara mewtha tgħaddi għand it-tfal. Imma l-irġiel li jberbqu u jaħlu d-dota ta' marthom tant kienu komuni li fl-elf sitt mija u erbgħin, il-Gran Mastru Lascaris għamel anke liġijiet biex irażżnu abbużi bħal dawn. Iddikjara li raġel li jberbaq fix-xejn id-dota ta' martu jeħel għaxar uqijiet li kellhom jitħallsu lit-tezor.

Id-dota kienet titniżżel f'kuntratt, jew kitba, taż-żwieġ. Il-kitba taż-żwieġ kienet issir aktar fl-ibliet milli fl-irħula, fejn fil-biċċa l-kbira l-ftehim kien isir *senza scrittura* (jiġifieri bil-fomm quddiem ix-xhieda). Fil-fatt l-istudjuż Malti tas-seklu tmintax Agius de Soldanis isejjaħ arranġementi bħal dawn bħala *colla parola* (jiġifieri bil-kelma). F'Malta, l-missier ġie li ntrabat li jibni anke dar għal bintu u għal żewġha bħala dota għaż-żwieġ. M'hemmx dubju li bint li ġġib magħha dar bħala dota għandha ċans ferm ikbar li ssib raġel ta' kwalita tajba. It-tagħmir tad-dar kien ħafna drabi r-responsabbilta ta' missier it-tifla, għalkemm id-dota setgħet tinkludi wkoll l-artijiet u affarijiet immobbli. Id-dota tal-bint kienet tvarja skont ma tista' l-familja tagħha, u skont kemm il-familja kienet akkanita li ż-żwieġ iseħħ. Il-prinċipju tal-liġi Rumana li *"nullum sine dote fiat conjugium iuxta possibilitatem"* jiġifieri li "kemm jista' jkun kull żwieġ kellu jkollu dota" kien ifisser li jekk il-familja tat-tifla ma setgħetx tagħti d-dota li wegħdet qabel iż-żwieġ – għax ħafna drabi din il-wegħda kienet issir ma' l-għerusija – iż-żwieġ ma setax iseħħ u kull ftehim li kien hemm kien jitħassar. Għalhekk jidher illi l-Konċilju ta' Trentu żamm viċin ħafna tal-liġi Rumana.

Il-Konċilju ta' Trentu kien tħabat biex jistabbilixxi ċ-ċerimonja reliġjuża u pubblika taż-żwieġ bħala l-uniku mod ta' kif ikun hemm żwieġ validu. U allura, uffiċċjalment, l-aspett finanzjarju ma kienx ingħata daqstant relevanza. Imma xorta waħda, għall-iskopijiet tal-liġi Rumana l-aspetti finanzjarji kienu jiġu qabel iċ-ċerimonja reliġjuża. Hemm każi li juru illi l-għoti tad-dota lill-bint għoddu faqqar lill-familja tagħha. F'talba li kien għamel wieħed raġel mis-Siġġiewi biex jingħata art pubblika kien iddikjara li d-dota li ta' lil tliet uliedu bniet kienet tefgħet lill-familja fil-faqar u l-erba' uliedu l-oħra, hu u l-mara ma kellhom biex jgħixu. Jiġifieri l-bniet kienu ta' piż. Numru kbir ta' bniet fil-familja kien ta' uġiegħ ta ras, għax il-bniet joħorġu l-ġid minn ġewwa, filwaqt li s-subien setgħu idaħħlu fil-familja ġid ġdid. Din il-kundizzjoni għadha rikorrenti f'żoni rurali f'ċerti partijiet ta' l-Asja bħal ma hi l-Indja fejn ħafna nisa jisfgħu vittmi ta' kwistjonijiet bejn il-familji minħabba d-dota.

Mela l-importanza tal-mara fejn jidħol il-qsim tal-propjeta kienet tiddetermina l-pożizzjoni soċjali tagħha. Mara li setgħet iġġib il-propjeta bħala dota kienet tiġbed lejha rġiel ta' kalibru ogħla. Fi studju li R.J. Faith għamlet fuq id-drawwiet fil-qsim tal-wirt fl-Ingilterra Medjevali, tissuġġerixxi li nisa romol li jkunu wirtu l-propjeta ta' żwieġhom kienu mfittxija aktar għaż-żwieġ minn nisa oħra. Dan għaliex ħafna drabi dawn in-nisa kienu jġibu magħhom artijiet, djar u ġid ieħor li akkwistaw fl-ewwel żwieġ. F'dan il-każ it-tieni raġel kien imur joqgħod mal-mara – dak li fl-antropoloġija jissejjaħ 'uxorilocality' minflok il-mara tmur toqgħod mar-raġel jew 'virilocality'. F'każi bħal dawn il-mara kienet tkun f'pożizzjoni b'saħħitha ferm imma r-raġel kien ukoll jaqbillu għax kien ikollu kwalita' ta' ħajja aħjar u kien jassigura kwalita' aħjar lid-dixxendenti tiegħu. Iżda n-norma kienet bil-maqlub jiġifieri iktar kont issib nisa jmorru joqgħodu mar-raġel 'virilocality' milli rġiel imorru joqgħodu mal-mara 'uxorilocality'.

Għalhekk id-drawwa li l-mara tmur toqgħod mal-familja ta' żewġha kienet importanti ħafna fis-soċjetajiet ta' qabel ir-rivoluzzjoni industrijali tas-seklu dsatax. Kien hemm bżonn li l-mara tidħol tmidd idejha fil-qasam minn fejn ir-raġel kellu l-għixien tiegħu, ħafna drabi x-xogħol tar-raba'. Dan il-qasam tax-xogħol kien ħafna drabi mibni fuq il-kuntatti ekonomiċi u politiċi li kellhom bejniethom l-irġiel. U allura l-qofol ta' kollox kien il-post minn fejn kien jaħdem ir-raġel. Imma fil-każ ta' Malta m'hemm l-ebda prova ċara li l-mara kienet awtomatikament tmur toqgħod mal-familja ta' żewġha. Imma peress li d-dinja tal-mara kienet spiss il-ħajja ta' ġewwa d-dar, din ma setgħetx tieħu sehem fis-sistema ekonomika ta' barra d-dar, sakemm, m'għandniex xi ngħidu, ma tinzertax li tkun armla, jew ta' xi klassi għolja. Imma anke f'dal-każ, l-amministrazzjoni ta' ġidha u ħwejjiġha ħafna drabi kien jindaħal fiha xi amministratur jew nutar.

Adottat minn: Carmel Cassar, *Daughters of Eve. Women, Gender Roles and the Impact of the Council of Trent on Catholic Malta.* (Mireva, 2002).

© Carmel Cassar

# IS-SENGĦA TAL-BARRIERI

**Charles Camilleri**

**Matul iż-żmien, sew is-sengħa tal-qtugħ tal-ġebel mill-barrieri, kif ukoll l-għodod li kienu jintażaw sa xi ħamsin sena ilu nbidlu sew. F'dan l-artiklu se naraw il-metodi li kienu jintużaw fil-qtugħ tal-ġebel, l-għodod, u se nsemmu xi ismijiet ta' diversi qatgħat u qisien ta' ġebel.**

Qabel ma bdew jintużaw il-magni fil-barrieri, l-ġebel ma kienx joħroġ mill-barriera bħall-lum – forma ta' kantun – imma kien jinqata' skont qisien li kien jitlob l-imgħallem fuq is-sit tal-bini. Biex jibda x-xogħol fuq barriera ġdida, l-ewwel li jrid isir hu li titneħħa l-ħamrija mill-wiċċ. Dari ma kienx hawn gafef, u l-ħamrija kienet titneħħa biz-zappun, billi timtela fil-qfief, u tinġarr minn fuq il-post permezz tal-bhima.



*Zappun – li bih kienu jimtlew il-qfief*

Meta jinkixef il-wiċċ wieħed ikun jista' jara x'tip ta' blat hemm taħt il-ħamrija. Il-blata tal-wiċċ tista' tkun magħmula minn saff iebes li jissejjaħ SALVAĠĠ; jew jista' jkun saff miksur u mmermer li jissejjaħ FRAGLU; jew saff ta' blat artab li jissejjaħ TURBAZZ. Dan kollu jrid jitneħħa biex jinkixef il-blat it-tajjeb. Il-biċċa xogħol biex jitneħħa l-blat il-ħażin kienet tissejjaħ it-TISFIJA.

Il-blat jista' jkun ukoll ta' tip imsejjaħ SOLL. Ġebel meħud mis-soll ġieli jintuża fil-pedamenti, peress li jekk jintuża 'l fuq mill-qatran, dan jitmermer malajr.



***Qoffa bħal dawk li kienu jintużaw biex titneħħa l-ħamrija minn wiċċ il-blat. Ma kienetx tkun magħmula mill-qasab, imma mill-virgi ta' xitla li tissejjaħ "xitla tal-virgi". Kien jingħad ghalhekk li l-qoffa kienet magħmula mill-"virgi tal-virgi".***

Issa se naraw kif kien jinqata' l-blat mill-barrieri. L-ewwel kienet titħaffer trinka twila li kienet tissejjaħ il-QATGĦA. Imbagħad titħaffer trinka oħra li tiġi skorra mal-qatgħa, u tissejjaħ it-TISLIBA. Tislibiet ikun hemm tnejn: waħda f'kull tarf tal-qatgħa. Il-qatgħat u t-tislibiet kienu jsiru bil-BAQQUN fil-wiċċ tal-blat, u t-trinkatur kien joqgħod attent kif iqatta'. Kienu jintużaw bqaqen ta' diversi tulijiet – skont il-fond tat-trinka – u t-trinka kienet tkun xi seba' pulzieri wiesgħa (15cm).

It-trinkatur kien jibda jħaffer bl-itqal baqqun, li jkun dak li għandu l-iqsar MARLOĊĊ (handle) li jkun fih xi tliet piedi. Fil-biċċa l-kbira, t-trinkatur kien joqgħod bil-qiegħda, b'sieq waħda mimduda mal-art, u l-oħra (l-leminija) mdendla fit-trinka. Il-wisa' tat-trinka kien jidjieq iktar ma l-baqqun jinżel fil-fond, u t-trinkatur ried jikkalkula sewwa – għax l-ebda ħadd m'għandu l-ħila li jibqa' nieżel dritt preċiż RIEGLA ĊOMB iktar ma t-trinka titfannad. In-naħa ta' fuq tat-trinka jkun dejjem usa minn isfel; u l-wisa' ta' fuq jiddetermina kemm it-trinka tista' tkun fonda.

F'barriera li għadha għal kollox ġdida, t-trinkatur ried iħaffer mhux biss "qatgħa" waħda u żewġ tislibiet, imma żewġ




**BAQQUN tat-tiksir**



**BAQQUN tat-trinka**

***Baqqun – li bih kienet tinqata' t-trinka. Bqaqen kien hemm erba' tulijiet, bl-twal marloċċ ikun ħames piedi u nofs.***




***Il-wiċċ tal-barriera kien jitfassal f'taqsimiet biex il-blat jinqata' biċċa biċċa. Kull taqsima tissejjaħ TRAVERSA.***




***Biex tinqata' l-ewwel traversa kien jitqatta' PETT ma' ġenb wieħed.***

qatgħat u żewġ tislibiet biex b'hekk ikun ħaffer rettangolu sħiħ. Kull rettangolu li jinqata' kien ikun bejn wieħed u ieħor tletin pied b'għoxrin pied u kien jissejjaħ TRAVERSA. L-ewwel darba biss, ma waħda mill-qatgħat kien jinqata' wkoll PETT, li kien ikun fond daqskemm kienet fonda t-trinka u kbir biżżejjed biex żewġ ħaddiema jistgħu jinżlu fih u jagħtu daqqiet ta' mazza (ara d-disinn ta' fuq u kif se nispjegaw 'il quddiem).

Fil-pett, imma isfel nett, kienu jitħaffru toqob li jissejħu KNIENER (waħda tissejjaħ KENNIERA), waħda ftit 'il bogħod mill-oħra. Fil-kniener kienu jitpoġġew l-ISPNAJJAR (wieħed jissejjaħ SPNAR). Dawn kienu speċi ta' skriepel kbar. L-ispnajjar kienu jissammru fil-kniener permezz ta' mazza kbira li kienet tkun tiżen mat-tletin ratal (24 kilo) jew aktar. Wara diversi daqqiet li kienu jingħataw fuq l-ispnajjar b'ċertu sengħa, wieħed kien jisma' l-blata tfaqqa' u tinqata' mal-vina tal-blat, bejn il-QATGĦA u ż-żewġ TISLIBIET.

Biex l-ispnajjar ikunu jistgħu jidħlu u joforqu l-blat, u fl-istess ħin ma jeħlux, kienu jintużaw iċ-ĊAPEP. ĊAPPA kienet tkun biċċa landa li kienet titqiegħed bejn l-ispnar u l-blata biex l-ispnar ma jeħilx mal-blat imma jiżloq fuq il-landa. Meta l-ġebla kienet tkun iebsa, waqt li kienet tingħata d-daqqa fuq l-ispnajjar dawn kienu jerġgħu jinbeżqu 'l barra. F'każi bħal dawn, minflok ċapep kienu jintużaw biċċiet tal-injam jew anke tal-karti.

Meta l-blata l-kbira msejħa "traversa" tkun inqatgħat minn isfel mal-vina (bid-daqqiet tal-mazza li l-ħaddiema jkunu taw fuq l-ispnajjar li jkunu imdaħħlin ġol-kniener), kien jibda x-xogħol biex il-blata l-kbira titqatta' f'biċċiet iżgħar (ara d-disinn isfel). It-traversa titqatta' dejjem bl-ispnajjar u d-daqqiet tal-mazza, sakemm ikunu waslu f'biċċiet żgħar biżżejjed li minnhom jistgħu jinqatgħu l-knaten infushom. L-ispnajjar użati biex joforqu kantun minn ieħor huma iżgħar minn dawk



użati fil-bidu tal-proċess, u l-knaten jinferqu minn xulxin bl-użu tal-iskalpellina li tintuża bħala lieva.

Wara li tinqata' l-ewwel traversa fil-barriera, kull traversa oħra jkollha ġenb mikxuf (kif jidher fid-disinn fil-ġenb). Il-ġenb il-mikxuf kien jissejjaħ it-TAVLATURA. Wara li titħaffer trinka u żewġ tislibiet, il-kniener kienu jitħaffru n-naħa t'isfel tat-tavlatura, u l-proċess ikompli kif fissirna qabel. L-ispazju vojt ta' madwar it-traversa, jiġifieri l-ispazju maħluq mit-trinek, kien jissejjaħ il-FOROGĦ.

**TIPI TA' XQUQ FIL-BLAT.**

Il-blat fil-barriera jista' jkollu xquq li, skont in-natura, d-direzzjoni, u l-inklinatura tagħhom, jingħataw ismijiet differenti:

BRAMA: Din tkun xaqq vertikali jew xi ftit jew wisq wieqaf, imma qatt xaqq mimdud jew orizzontali.

OPPJATURA: Ġeneralment din tkun xaqq mimdud, imma xaqq li ma jasalx 'il bogħod; ngħidu aħna minn xi tlieta sa tlettax-il metru. Ix-xaqq jista' jkun xi ftit għax-xtur, imma qatt vertikali.

QIEGĦ: Qiegħ ikun dejjem xaqq mimdud, u jibqa' sejjer tul kbir.

DAGĦBIEN: Bħal ħofra jew għar fil-blat. Is-soltu jkun vertikali u l-brama tista' tkun fergħa ta' dagħbien.

BRAMA FINA: Jgħidula wkoll ĦARIRA, imma jekk ma tkunx tidher bil-għajn għalkemm tkun hemm xorta, tissejjaħ ukoll BRAMA MUTA jew BRAMA




*Wara li tinqata'l-ewwel traversa fil-barriera, kull traversa oħra Jkollha ġenb mikxuf li jissejjaħ TAVLATURA*



**SPNAR għall-kniener u t-traversi**



**SPNAR għall-ferqa tal-kantun**



**Par CAPEP**



**Par LANDI doppji**



**SKALPELLINA għall-qlib tal-ġebel**



**MAZZA għall-ħbit tat-traversi**




**MANNARETT**

**MTERQA**
**(L-imterqa tal-inkulmar tkun iżgħar)**






**Disinn magħmul minn Innocenzo Camilleri fl-1976, biex ifiehem il-proċess tal-qtugħ tal-ġebel bl-ispnajjar sakemm fl-aħħar tasal biex ikollok kantun.**

LIXXA. Għal din trid toqgħod attent għax il-ġebla tista' tinqasam waqt li tkun qed tinħadem.

**IL-QISIEN TAL-ĠEBEL**

Skont il-qies li kienet tinqata', il-ġebla kienet tingħata isem differenti:

IL-BIĊĊA: Din kienet tiskorri l-ħmistax-il pied kubu u kienet l-ikbar qies li kien joħroġ mill-barrieri. L-antiki kienu jgħidu "biċċa taqleb nofs karettun". Dan għaliex fuq karettun ma kinux joqgħodu żewġ biċċiet. Fil-fatt, biex jgħabbuha, kienu l-ewwel igerbuha u jqegħduha wieqfa; iħollu l-bagħal minn mal-karettun u jpoġġu l-karettun bix-xatba u l-lasti weqfin mall-biċċa; jorbtu l-"biċċa" mal-karettun u mbagħad jarbulawh biex ix-xatba u l-lasti jerġgħu jiġu mimduda. B'hekk il-"biċċa" kienet tiġi fuq il-karettun u jerġgħu jorbtu l-bagħal. Meta daħlu l-krejnijiet, il-"biċċiet" bdew jitgħabbew fuq it-trakkijiet permezz tal-krejn.

L-ISKARPA: It-tieni l-ikbar qies kienet l-iskarpa. Din kienet tkun blokka li ma tiskorrix ħmistax-il pied kubu. Skarpa li kienet tkun kwadra kienet tissejjaħ ROMBLU.

IL-BLATA: Blata hi blokka twila mhux inqas minn tliet piedi u nofs (1.10 mtrs).

IL-KAVALL: Il-Kavall hu blokka li t-tul tiegħu hu inqas minn tliet piedi u nofs. Mela itwal minn tliet piedi u nofs jissejjaħ "blata" u inqas minn tliet piedi u nofs jissejjaħ "kavall".

VAŻA: Hekk tissejjaħ blokka li s-sezzjoni tagħha kienet ta'

ħdax-il pulzier b'xiber u kwart (11" x 13").

KANTUN DOBBLU: Kantun wiesa' ħdax-il pulzier.

KANTUN SINGLU: Kantun wiesa' disa' pulzieri.

Il-kliem "blata" u "kavall" kienu jalludu biss għat-tul; waqt li "vaża", "kantun dobblu", u "kantun singlu" kienu jalludu biss għall-ħxuna. Għaldaqstant seta' jkollok "blata tal-kantun" (9 pulzieri wisa', 10 pulzieri u kwart għoli, u 3 piedi u nofs tul), u seta' jkollok "kavall tal-vażi" (13-il pulzier wisa', 10 pulzieri u kwart għoli, u minn tnejn sa tliet piedi u nofs tul).

XULLIEL: Xulliela hi blokka li għandha għoli ta' 10 pulzieri u kwart, imma t-tul u l-ħxuna mhux determinati. Ix-xulliel kien jintuża fid-dobblu fejn wiċċ wieħed biss ikun jidher.

XRIEK: Ix-xorok kienu jintużaw biex isaqqfu bihom. Kienu jkunu xi tliet pulzieri ħoxnin, u t-tul kien ivarja. L-itwal xriek kien dak li jissejjaħ "tal-qasba" (6 piedi u għaxar pulzieri u nofs). Meta x-xorok tal-qasba kienu jintużaw biex isaqqfu bihom, l-irjus kienu jitqiegħdu fuq il-KILEB. Il-kileb kienu ġebel kbir ħiereġ 'il barra mill-ħajt. Peress li x-xorok tal-qasba kienu jkunu twal, ġieli kienu jinqasmu, u biex jintrifdu kien jitqiegħed travu fin-nofs li kien jissejjaħ PASTAŻ. Ġeneralment, il-wisa' tax-xorok kien ikun ta' xiber (11-il pulzier). Ix-xorok kienu jinxtraw bil-BARKATA. BARKATA kienet numru ta' xorok ta' tul speċifikat. Jekk it-tul tax-xriek ikun qasir, in-numru ta' xorok fil-barkata kien ikun relattivament kbir. Meta jiżdied it-tul tax-xriek, in-numru ta' xorok fil-barkata kien jonqos. It-tul tax-xorok f'barkata kien ivarja minn tlett ixbar sa ħamest ixbar u nofs, u kienu jinbiegħu hekk:

| **Tul** (bix-xiber) | **Barkata** (numru ta' xorok) |
|---|---|
| 3 | 16 |
| 3 ¼ | 15 |
| 3 ½ | 14 |
| 3 ¾ | 13 |
| 4 | 12 |
| 4 ¼ | 11 |
| 4 ½ | 10 |
| 4 ¾ | 9 |
| 5 | 8 |
| 5 ¼ | 7 |
| 5 ½ | 6 |

Xorok itwal minn ħamest ixbar u nofs kienu jinbiegħu bil-wieħed.

KAPTELL: hu xriek li jkun eħxen minn 4 pulzieri.

SKALUNA: Meta taraġ kien għadu jsir bil-ġebel, kull tarġa kienet tissejjaħ skaluna, u l-ġebla kienet tinqata' skond il-bżonn.

ĊANGATURA: kienet tintuża biex titqiegħed fl-art flok il-madum.

**L-IŻMARRATUR**

Ta' min jgħid li qabel mal-knaten u ġebel ieħor joħorġu mill-barriera, dawn kienu jiġu ŻMARRATI. Xi ħaddiem kien ikun inkarigat li, permezz tal-kanal tal-imterqa, iqarreb kemm jista' jkun il-kantun lejn l-għamla finali tiegħu, biex imbagħad il-ġebel kien jintnaġar minn-NAĠĠAR fuq il-post fejn se jsir il-bini. In-naġġar, permezz tal-mannarett u r-raxketta, kien jonġor l-uċuħ kollha biex jiġu lixxi u l-kantun ikun jista' jitqiegħed f'postu fil-bini.

Hekk tajna ħarsa ħafifa lejn sengħa antika ta' missirijietna; sengħa li llum inbidlet mhux ftit. It-tbatija tal-ħaddiem tal-barrieri, għall-grazzja t'Alla, naqset ħafna; imma m'għandna qatt nittraskuraw dis-sengħa qadima li missirijietna kienu tant mgħallmin fiha, u għandna nżommu l-kliem tekniku li kien jintuża fiha.

© **Charles Camilleri**



**Trinkatur, milwi ganċ, iħaffer bil-baqqun it-trinka ta' madwar it-traversa.**




## IL-BAQQUN TAT-TIKSIR

Dak li jidher hawn fuq huwa disinn ieħor magħmul minn Innocenzo Camilleri fl-1976 biex ifiehem l-għodda u x-xogħol tal-barrieri. Mhux importanti li r-riproduzzjoni tad-disinn m'hijiex daqshekk ċara – it-tagħrif kollu li fih qiegħed imniżżel fl-artiklu tagħna. Li xtaqna ninnutaw imma, hu l-fatt ta' kemm l-ilsien Malti kien għadu b'saħħtu ma' niesna sa ftit tas-snin ilu. Isimgħu il-frażijiet imniżżla fid-disinn u użati bl-aktar mod naturali mill-ħaddiema ta' ftit snin ilu:

* Spnar **għall-ferqa** tal-kantun.
* Mazza **għall-ħbit** tat-traversi.
* Kien hemm kniener ta' erba' spnajjar, imma wkoll **żwieġ** ta' żewġ spnajjar.
* Il-vojt ta' madwar it-traversa kien jissejjaħ **il-forogħ.**

Xi ġmiel ta' kliem, u x'differenza mill-lum fejn kulħadd ikisser u jfarrak il-lingwa.

Fid-disinn t'hawn fuq hemm ħaġa li ma ssemmietx fl-artiklu. Dak li jissejjaħ il-**Baqqun tat-tiksir**, li kien ikollu marloġġ ta' żewġ piedi u żewġ pulzieri, f'tarf il-marloġġ kien ikollu wkoll **vajlora**. Fid-disinn din il-vajlora qiegħda mmarkata u ħdejha hemm miktub: **"Vajlora tar-ram għall-ħżuż"**. Ir-raġuni kienet li fuq il-marloġġ ta' dal-baqqun kienu jiġu mmarkati diversi qisien, kif jidher fid-disinn tal-ġenb. Il-ħaddiem fil-barriera kien juża l-marloġġ biex ikejjel il-qisien li għandu bżonn skont id-daqs tal-ġebel li ordnawlu, u bil-vajlora fit-tarf tal-marloġġ kien jagħmel ħażż biex ikun jaf fejn se jagħmel il-kannierra biex jofroq il-kantun. Il-marki fuq il-marloġġ kienu jsiru b'għafsa bix-xifer tal-mannarett.



# IL-VJATKU FIL-BIRGU

**Il-Vjatku Solenni li jżur il-morda tal-parroċċa nhar l-Għid il-Kbir**

George Cilia



Diffiċli tiskopri meta beda jiġi organizzat il-Vjatku f'Malta. Nafu li fil-Birgu kienet twaqqfet fl-1445 il-fratellanza ta' Santa Marija illi fiha l-fratelli kellhom jikkontribwixxu sitt karlinijiet kull sena għax-xema' biex jakkumpanjaw il-vjatku ta' sħabhom bix-xemgħa mixgħula. Iżjed tard bdew jitwaqqfu l-fratellanzi tas-Santissimu Sagrament bl-għan ewlieni għar-rispett u qima lejn Ġesu Sagramentat, kemm fil-knisja, kif ukoll waqt it-tqarbin tal-morda. L-isqfijiet kienu spiss ifakkru lill-Kappillani, u dawn ifakkru lill-fratelli fil-parroċċi tagħhom, biex jieħdu ħsieb il-morda, ifarrġuhom, u jsaħħuhom bit-tqarbin fi djarhom u fl-isptarijiet. Wara xi żmien, din id-drawwa bdew isejħulha Vjatku – mill-Latin *Viaticum* – jiġifieri dak li hu meħtieġ għall-vjaġġ tal-aħħar.

## IL-FRATELLANZI TAS-SAGRAMENT

Jidher li kif ġew imwaqqfa l-fratellanzi tas-Sagrament bir-regoli kollha tal-imseħbin, l-organizzazzjoni tal-vjatku kienet prinċipalment obbligu tagħhom. Għalhekk dawn ordnaw li jindaqqu tokki tal-qanpiena – tlieta tlieta – biex jinġabru dawk kollha li jistgħu jieħdu sehem, b'xi xemgħa jew fanal f'idhom, bil-baldakkin jew bl-umbrella, it-tronett, il-qanpiena, u l-istandard aħmar b'sinjal ta' qima lejn is-Sagrament. Kull min jieħu sehem f'din il-proċessjoni jirbaħ indulġenza ta' mitt jum. Il-kappillani kienu joħorġu jiġbru darba fix-xahar għall-bżonnijiet tal-vjatku.

Tista' tgħid li dari kulħadd kien imut id-dar; ftit wisq kienu jkunu dawk li jmutu fl-isptarijiet. Kien għalhekk li kont tisma' spiss t-tokki tal-qanpiena tal-vjatku. Fi żmien l-Għid il-Kbir kien joħroġ vjatku solenni biex jitqarrbnu l-morda tal-parroċċa. Il-qassis kien jibda xi kant, filwaqt li n-nies fit-triq kienu jinżlu għarrkubbtejhom, jitolbu għall-moribond. Kif il-vjatku jasal qrib id-dar tal-marid, jidħol is-saċerdat u l-fratell bit-tronett, jistaqsih jekk iridx iqerr, u wara tweġibha pożittiva jsir il-qrar, jingħad it-talb bil-Latin, u fl-aħħar it-tqarbina li tikkonforta lill-Insara fil-pont tal-mewt – it-tqarbin ssir anke jekk il-marid ma jkunx sajjem.

## IT-TĦABBIRA TAL-VJATKU.

Mat-tokki – tlieta, tlieta – tal-qanpiena l-antika, kulħadd, kbar u tfal, jifhmu li dan hu sinjal ta' vjatku għal xi moribond. Ikun hemm min jintebaħ min seta' kien, u oħrajn isaqsu min hija l-persuna li tkun waslet għall-aħħar mumenti. Jekk jinzerta li l-moribond ikun xi qassis, fratell, jew bniedem popolari, l-miġemgħa tiżdied sewwa. L-ewwel ma jasal ħdejn il-bieb tal-knisja jkun il-puluzija, biex jieħu d-direzzjoni tat-triq li għandu jsegwi l-vjatku, b'hekk imexxi l-proċessjoni bla tfixkil. It-tfal kienu jiġru minn ta' quddiem biex jilħqu t-tronett, il-qanpiena, l-istandard l-aħmar, jew l-umbrella. Jekk ikun hemm il-fratelli, dawn kienu jeħduhom huma. Oħrajn jieħdu fanal, filwaqt li xi tfal ikollhom fanal tagħhom. Niftakar li ommi ordnatli fanal li kien jiswa tmintax irbiegħi (Eur 0.28). Kienet wissietni biex nibża' għalih, ħalli jservini għal żmien twil. Kien ħafna għal qalbi, iżda sfortunatament ma lħaqtx gawdejtu wisq għax faqqgħet il-gwerra, d-dar tagħna ntlaqtet, u l-fanal spiċċa mat-tifrik.

Meta l-vjatku jdoqq filgħaxija, jew billejl, xorta kien jakkumpanjaw ħafna nies. Anzi, l-irġiel kienu jiżdiedu għax, min ikun ġie lura mix-xogħol, min jagħlaq il-ħanut, min joħroġ mill-każin, u saħansitra jkun hemm minn joħroġ mis-sodda biex juri qima lejn is-Sagrament. Oħrajn kienu jibqgħu wara t-twieqi jew fil-bieb, jixgħelu xemgħa jew lampa tal-pitrolju, jinżlu għarrkubtejhom, u jitolbu. F'temp bnazzi b'dawl ta' qamar, il-proċessjoni timxi aktar bl-ordni: l-ewwel tal-istandard u tal-qanpiena, it-tfal bil-fanal mixgħul b'xemgħa tteptep ma' kull pass li jieħdu, mexjin tnejn tnejn wara xulxin, is-saċerdot taħt l-umbrella u ieħor bit-tronett. Nisa b'rashom mgħottija bl-għonnella jew bil-velu, irġiel bil-ġlekk, żgħażagħ u anzjani

jiffurmaw folla ta' nies mexjin sa fejn iwassalhom tal-istandard. Meta l-vajtku jasal fejn għandu jasal, kulħadd jibqa' jistenna barra, jgħid it-talb, sakemm is-saċerdot jerġa' joħroġ mid-dar biex jerġa' lura lejn il-knisja. Hekk tispiċċa din iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Għall-kuntrarju, jekk il-vjatku jinzerta jkollu bżonn joħroġ fi ġranet ta' maltemp, xita u ksieħ, is-saċerdot kien joħroġ ġos-suġġetta privatament. Din kienet tkun bħal kaxxa kbira li tingħalaq bil-bieba tal-ħġieġ biex b'hekk is-saċerdot ma jixxarrabx. Is-suġġetta jkollha żewġ lasti li bihom tinġarr minn erbat irġiel, mill-knisja sad-dar tal-moribond. Din inqatgħet żmien ilu meta bdew jidhru l-vetturi fit-toroq. Is-suġġetta għadha tinstab fil-mużew tal-parroċċa.

### META WAQAF

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija bdiet tinbidel l-istruttura soċjail; żdied it-traffiku, naqsu l-fratelli. Għalhekk waqaf il-Vjatku fit-toroq. Baqa' biss isir f'xi parroċċi speċjalment dak solenni fi żmien l-Għid. Il-Konċilju Vatikan II li sar fis-snin sittin, kompla naqqas din il-manifestazzjoni sa ma wasalna biex dan illum isir minn saċerdot waħdu. Issa anke ingħataw permess il ministri tal-Ewkaristija: irġiel lajċi joħorġu jqarbnu huma, jġorru l-ostja fit-teka mdendla mal-għonq għal fuq is-sider, jidħlu fid-dar, jitolbu u jqarbnu lil kull min jixtieq jirċievi s-Sagrament.

Hekk spiċċat drawwa antika u għażiża għalina Insara Maltin.

Riferenzi

1 Mill-ktieb *Birgu – A Maltese Maritime City*, paġna 666 Vol II

2 Tagħrif ieħor meħud mill-ktieb *Il-Fratellanzi tas-Sagrament* ta' Patri Filippu Mallia O.P.

© George Cilia

# IL-VJATKU

## Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali

Kollox dlam ċappa, żiffa kiesħa tvenven
Ġox-xquq tat-twieqi u fuq il-ħġieġ imsakkar
Ix-xita rqiqa, bla ma tehda, ttektek,
U minn l-imwieżeb

L-ilma jċarċar fit-toroq. Fuq iż-żlieġa
Ta' l-art imxarrba 'l hawn u 'l hinn tinkiser
Id-dija ħamra tal-fanali, u donnha
Għar-rqad tistiednek.

Kemm tmedd il-ħarsa ħadd ma jidher barra;
Xi waqt jinstama' mixi mgħaġġel: tgħaddi
Xbejba sewda fit-triq u tgħib: xi roti
Fil-bogħod igergru.

Fil-ħin nisma' kemm kemm leħen qanpiena:
-- Drajtu biżżejjed dak il-leħen – jersaq
U kull ma jmur jitqawwa. F'daqqa waħda
Nilmaħ jitħarrku

Xi dwal, tnejn tnejn...Resqin...min-naħa l-waħda
U ma' l-oħra tat-triq jitqassmu: iħeffu,
Quddiem, it-tfal: fin-nofs tmewweġ u tħammar
Bandiera ċkejkna.

Qegħdin joqorbu sew...beda jinstema'
Il-leħen tal-qassis u tan-nies l-oħra: jidhru
Id-dwal fit-twieqi, wara l-ħġieġ, u f'nofshom
Nies għarkobbtejhom.

Għaddej Ġesu'...bil-lejl, fir-riħ, fix-xita!
Kollu ħniena u mogħdrija, kollu mħabba,
Sejjer iqawwi l-qalb u r-ruħ ta' msejken
Fl-aħħar taqbida.

Nisthajjel miegħu għaddejjin, moħbija
Għall-għajnejn tal-bnedmin, anġli bil-qtajja',
U Lilu jfaħħru li f'daqsxejn ħobż abjad
Il-kobor tiegħu

Għalaq u ħeba, u b'għira mqaddsa jżiġġu
Għall-ħena ta' min bih jixba' u jitwettaq.
Għadda Ġesu'...warajh baqgħet bħal fwieħa
Ħelwa ta' ġenna.

O tagħlim il-Feddej! O emmna mqaddsa!
Kemm intom sbieħ! Kemm fikom għerf tas-sema!
Oh tjieba ta' bla tarf, int biss stajt tagħmel
Dal-ġenn ta' mħabba!

Deh, meta l-jiem ta' din il-ħajja għalija
Ikunu waslu biex jintemmu, u mdejjaq
Taħt il-ħakma tal-mewt, kollu nisthajlu
Ħolma l-imgħoddi,

Ikun bil-lejl, ikun bin-nhar, fix-xitwa
Jew fil-qilla tas-sajf, hekk ja mulejja,
Ejja żurni, bit-tfal tnejn tnejn, bil-leħen
Li jitlob ħniena.

L-aħħar Ħabib, ejja ġo sidri, u qiegħed
Qalbek fuq qalbi u minn kull dnub saffiha;
Miegħek mgħannaq, Ġesu', naqbad bla biża'
It-triq ta' dejjem.

# ID-DAQQ TAL-QNIEPEN FIL-FOLKLOR MALTI



Saviour Camilleri

**F'għodwa sielma u bikrija ta' xahar sajfi, stajt nisma' mill-bogħod ġejjin, ilħna ferrieħa ta' qniepen jitbandlu f'żiffa ħelwa mal-fwieħa taż-żahar mill-ġonna qrib u madwari għelieqi mifruxa jixirfu sal-irdumijiet li ħesrem jaqtgħu fil-baħar. Din ix-xena qanqlitni biex nikteb dan id-djarju fuq id-daqq tal-qniepen li jakkumpanjana f'ħajjitna s-sena kollha. Il-varjazzjonijiet tad-daqq tagħhom jimlew u jżewqu ġrajjietna fuq din l-art minn meta nkunu żgħar sa mewtna, fejn b'mod naturali nitgħallmu kif ninterpretawhom u minnhom inkunu nafu x'okkażjoni hi, ċ-ċirkustanza, u l-avveniment iffesteġġjat.**

Dawn id-drawwiet li baqgħu neżlin magħna mill-imgħoddi saru jagħmlu parti mill-folklor ta' dawn il-gżejjer. Dan id-daqq tal-qniepen huwa ħolqa minn tiżwieqa ta' drawwiet oħra li jkomplu jsebbħu l-festi tagħna, il-Maltin. Għalhekk illum xtaqt inġedded is-sinifikat li kellhom dari u li llum dan naqas. Se nkun qed nirreferi għad-daqq tal-qniepen li nsibu mdendla, waħda waħda, f'kull arkata fil-kampnari tal-knejjes tagħna bil-qanpiena l-kbira ġeneralment tkun dejjem f' nofs il-kampnar.

## MANJIERI

Qabelxejn hemm tliet manjieri kif jindaqqu l-qniepen. Hemm l-ewwel mod - li l-qanpiena titħarrek hi biex taħbat mal-ilsien. Hemm it-tieni mod - li hu speċi ta' martell li jagħti d-daqqiet fuq barra tal-qanpiena, u l-aħħar mod - li jixxejjer l-ilsien biex jaħbat fuq iż-żewġ naħat ta' ġewwa tal-qanpiena. Dan tal-aħħar huwa dak użat minna l-Maltin. Il-qniepen jistgħu jindaqqu kemm minn isfel (aħna ngħidu li l-qniepen ikunu **ggangġjati**) u kemm minn fuq (hekk il-qniepen ikunu **żgangġjati**) billi l-ilsien jixxengel tul il-qanpiena. Irrid ngħid hawnhekk, li meta d-daqq isir minn fuq, dan ikun isbaħ fit-tonatura minn dak li jsir minn isfel u dan għall-fatt li meta d-daqq ikun minn fuq, l-ilsien iħabbat fuq iż-żewġ naħat, filwaqt li minn isfel, dan isir fuq naħa waħda tal-qanpiena. Il-parti fejn jaħbat l-ilsien tissejjaħ 'pjaga', għax bit-tisbit kontinwu tal-ilsien dejjem jagħti fuq l-istess banda, maż-żmien tkun saret selħa fil-qanpiena.

## METODU

Biex wieħed jibda jdoqq qanpiena m'hemmx xi għerf – l-aktar meta d-daqq ikun minn isfel – għax kull m'għandek tagħmel hu li titfa' l-ingassa tal-

ħabel f'saqajk waqt li b'idejk taħfen il-ħabel. Xogħlok ikun li tiġbed il-ħabel 'l isfel. It-teknika mbagħad tidħol aktar 'il quddiem, meta wieħed jibda jitgħallem idoqq b'ċertu grazzja u sengħa biex id-daqq joħroġ b'armonija waħda. Dan jgħodd l-aktar meta d-daqq ikun minn fuq (maġenb il-qanpiena stess). Għall-dan il-għan, meta d-daqq ikun minn fuq trid taqbad il-ħabel tal-ilsien f'idejk u tibda xxenglu biex tagħti tokk tokk. Għall-ewwel it-tokki jkunu f'intervalli mbiegħda. Aktar ma jgħaddi l-ħin, l-intervalli bejn it-tokki jibdew jiqsaru, u jibqgħu jiqsaru sakemm fl-aħħar l-ilsien ikun qed iħabbat fuq iż-żewġ naħat. Hi u tibda ddoqq il-qanpiena, t-tokki għandhom ikunu ftit b'saħħithom ħalli jinstemgħu sewwa – l-aktar meta tqis li hemm xi qniepen li diġa' qed jindaqqu, u jagħmel sabiħ ukoll li l-leħen tat-tokk jispikka iżjed minn tal-oħrajn. Biex id-daqq ikun aktar armonjuż, jaqbel ukoll li t-tokk ta' qanpiena li qed tibda ma jingħatax simultanjament ma' tokki ta' qanpiena oħra li qed tindaqq, ħalli ma tinstemax sabta waħda li fiha ma jkunux spjegati l-ħsejjes. Malli mbagħad il-qanpiena tibda ddoqq sewwa, il-ħoss għandu jitbaxxa ħafna, u jidħol, ħelu ħelu, fl-armonija tal-oħrajn – bħal fil-mużika – minn *forte* għal *diminuendo*.

## L-ISKOP TAD-DAQQ

Il-qniepen jindaqqu bi skop; biex iwasslulna aħbar ta' xi ġrajja jew ċirkustanza partikulari għaddejja fil-komunità, tista' tkun ċirkustanza kemm ta' ferħ u kemm ta' niket. Fl-imgħoddi, in-nies fil-lokal, ma kellhomx it-teknoloġiji u l-arloġġi li hawn illum. Il-qniepen, kienu l-mezz ewlieni biex jgħarrfu lill-komunitajiet tagħhom b'dak li jkun qed iseħħ, isejħulhom għat-talb, jew għal xi funzjoni ġewwa l-knisja, u jżommuhom aġġornati fil-ħin. Dan id-daqq kien parti integrali mill-ħajja tal-poplu ta' dak iż-żmien. Kienet din ir-rabta komunitarja mal-ħsejjes tal-qniepen, li kienet iżomm il-bilanċ tal-ħajja għal bosta snin, u li ż-żmien niseġ fl-istess ħajja siekta, xorta ta' kultura u tradizzjoni marbuta ma' dan id-daqq fejn ċerti minn dawn id-drawwiet baqgħu jinżammu sal-ġurnata tal-lum.

## XEJRIET TA' DAQQ

Ix-xejriet tad-daqq prinċipalment jinqasmu fi tlieta: hemm il-moti li nassoċċjawhom ma' ġrajjiet ta' ferħ; hemm daqq kiebi bħal trepassjoni jew il-libra li nassoċċjawhom ma' ġrajjiet ta' niket, u hemm daqq li jikkonsisti f'tokki b'intervalli speċifiċi skont iċ-ċirkustanza marbuta miegħu.

Jekk nibdew minn tal-aħħar, insibu tokki tal-arloġġ li jimmarkaw l-ħin - is-sigħat u l-kwarti. Ma' dawn hemm tokki speċifiċi li simbolikament ikunu qed jaqsmu l-jum f'erba' taqsimiet; il-Paternoster, l-Angelus tat-tmienja, l-Angelus ta' nofsinhar, it-tokki tal-Ave Maria (dawn ikunu ma' nżul ix-xemx, u l-aħħar tokki jkunu tal-Imwiet. Dawn tal-aħħar huma tokki qabel jidħol il-lejl, fejn

**Rota tal-injam**




**Manjiera ta' daqq ta' qniepen li ma m'aħniex imdorrijin biha Malta: il-qanpiena titħarrek hi biex taħbat mal-ilsien.**

għandna naħsbu fil-mejtin tagħna.

Iżjed minn hekk, hemm tokki b'intervalli meqjusa li nirreferu għalihom bħala **tnaqqir**. Dan it-tnaqqir jgħodd kemm bħala sinjal biex wieħed ikun infurmat b'dak li jkun għaddej fil-knisja (ġeneralment), kif ukoll biex isejjaħ in-nies tattendi għall-funzjoni reliġjuża li tkun se tibda.

Għall-fratelli biex jakkumpanjaw fil-**purċissjoni**.
Meta kien ikun hemm **vjatku** (dari). F'xi bnadi l-vjatku għadu joħroġ darba fis-sena – Ħadd fuq l-Għid.

Bejn servizz u ieħor, is-sensiela ta' tokki jew tnaqqir ivarja fit-temp u l-manjiera. Hekk in-nies tkun tista' tiddistingwi liema servizz hu. Jekk nieħdu eżempju ta' dan, ngħidu aħna, t-



**Il-qanpiena l-kbira fil-kampnar tal-knisja ta' San Lawrenz Tal-Birgu.**

**Xorta ta' sinjali huma dawk f'quddiesa kantata solenni jew mhix:**

**Paneġierku** (jekk jinzerta jkun hemm).
**Santu.**
**Konsagrazzjoni.**

**Xorta ta' sejħiet/stedin jinkludu:**

**Quddiesa** tal-ħin.
Għall-**eżerċizzji** u **Via Sagra** fi żmien ir-Randan
Għall-kanoniċi - għall-**għasar/ quddiesa konventwali** tal-ħdud/**kolletta/terza**

tnaqqir għall-fratelli jikkonsisti f'sensiela ta' erba' tokki konsekuttivi u mhux imbegħda, b'intervall ħafif bejniethom. Filwaqt li sejħiet għall-kanoniċi jkunu b'żewġ qniepen żgħar jalternaw. Tokki oħra, pereżempju huma t-tokki ta' 33 wieħed biex isejħu n-nies għall-quddies.

Hemm il-mod l-ieħor ta' daqq li huwa kiebi u għalhekk nassoċċjaw man-niket. Kelma teknika ta' dan id-daqq hija l-kelma **glissando** fejn tisbit ta' tokki qawwija, waħda wara l-oħra, b'mod instantju, miż-żgħira sal-kbira, joħolqu effett u sens ta' diqa f'min jismagħhom.

Din il-bixra ta' daqq nistgħu naqsmuha fi tlieta:

1) **Libra**
Kull nhar ta' Ġimgħa fit-3.00 ta' wara nofsinhar. Din tfakkarna fil-mewt u l-passjoni ta' Sidna Ġesù
F' Novembru – ix-xahar tal-mejtin

2) **Trapassjoni**
Meta jmut xi ħadd.
Waqt il-funeral.

3) **Transitu**
Fil-mewt ta' qassis/kanonku, isqof jew Papa.

Mat-tħabbira tal-mewt, is-sagristan jibda **jrempel** (kelma teknika) jew jiġbed it-tokki bil-kbira, li l-ewwel jibdew mbegħdin u wara jispissjaw sakemm tispiċċa f'monologu. Din ix-xeħta ta' daqq ngħidulu **transtu**. Wara li tkun spiċċat iddoqq il-qanpiena l-kbira waħedha (għalhekk **monologu**) għal xi ftit minuti, din tkun akkumpanjata mill-**glissando**. Din id-darba u fil-każ tal-**libra**, id-daqq ikun bil-qniepen il-kbar waqt li għall-fidili, id-daqq ikun biż-żgħar. Hemm eċċezzjoni waħda: fil-mewt ta' tarbija flok mota lugubra, tindaqq mota ta' ferħ bl-iżgħar żewġ qniepen. Dan għaliex it-trabi huma innoċenti u qatt ma jkunu ġarrbu ħażen u proprju għalhekk imorru jgawdu 'l Alla mill-ewwel. Il-quddiesa tagħhom tissejjaħ **de Angelis** u fiha wkoll tingħad il-glorja. Din il-mota hi msejħa **Frejħa**.

L-aħħar mod ta' daqq li baqgħalna naraw, hija il-mota. Dan id-daqq hu komuni magħna u nassoċċjawh mal-ferħ – komuni għax spiss nisimgħu

dan it-tip ta' daqq. Fil-fatt mota tismagħha anke meta m'hijiex ġurnata ta' festa, tista' tkun għar-Rużarju u quddiesa ta' kuljum filgħaxija - naturalment mhux bil-qniepen il-kbar. Iżda kull nhar ta' Ħamis tindaqq mota filgħaxija bħala tifkira tat-twaqqif tal-Ewkaristija. Ta' min jgħid li din id-drawwa kienet inbdiet fl-Isla, u l-Isqof Labini fl-1781 ħareġ ċirkulari biex din id-drawwa sabiħa tiġi estiża għall-parroċċi oħra.

## FESTI SEKONDARJI, EWLIENA, U T-TITULAR

Minn hawn niġu għal dawk li huma festi sekondarji, festi ewlenin jew kif ngħidulhom aħjar **prima klassi** u t-titular.
Fil-festi sekondarji jindaqqu moti bil-qniepen il-kbar f'lejliet u nhar il-festa, imma mhux bil-kbira, u tkun mota waħda ta' kwarta, jew ta' 3 moti f'nofsinhar, filgħaxija u qabel jidħol il-lejl. Imbagħad l-istess nhar il-festa.

Dawk li huma festi ta' **prima klassi** bħalma huma l-Milied, l-Għid, u Santa Marija, il-qniepen jindaqqu kollha, u din id-darba bil-qanpiena l-kbira wkoll, u jistgħu jindaqqu erba' motijiet, kemm lejliet u kemm nhar il-festa, li jibdew minn nofsinhar ta' lejlietha u jkomplu bl-istess tempijiet tas-sollennità, kif jindaqq għat-titular.

Fl-aħħar niġu għat-titular. F'ċerti nħawi bħal fil-Kottonera, minn xhur qabel il-festa, u bħala tħejjija spirtiwali għall-festa, ikun hemm jiem partikulari fost il-ġimgħa, li fihom tiġi ċċelebrata quddiesa kantata u tingħad il-kurunella – din hija drawwa antika li ġejja mill-antennati tagħna, bħall-**kwaranturi.** Ngħidu aħna, l-Isla u Bormla, għandhom is-**Sibtijiet,** San Lawrenz tal-Birgu, **l-Erbgħat** u San Duminku tal-Birgu wkoll, **it-Tlitiet.** Malli jispiċċaw dawn, tibda **in-novena** wkoll bi tħejjija għall-festa. Dawn huma disat ijiem ta' preparazzjoni ta' qabel il-festa sewwa, li fihom jingħad ir-Rużarju meditat, kurunella, l-quddiesa kantata, titkanta l-antifona, barka, u ċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-innu. Kemm qabel jibdew is-**Sibtijiet** (li semmejna) kif ukoll qabel in-**novena** tindaqq mota bil-kbira u wara magħha jidħlu l-qniepen kollha, kif ukoll dawk tal-knejjes filjali li jinsabu fl-istess parroċċa, bħala preludju għall-festa li issa tkun qed toqrob.

Drawwa sabiħa li baqgħet tinżamm fil-Kottonera hija li bħala ħbiberija u għaqda reġjunali, il-qniepen ta' dawn il-parroċċi jakkumpanjaw bid-daqq meta xi waħda minn dawn il-parroċċi tkun qed tiċċelebra l-festa tagħha u dan isir fit-De Deum u fil-ħruġ tal-purċissjoni rispettivament.

## L-ERBA' MOTI TAS-SOLENNITA'

U hekk nidħlu fis-solennità tal-festa. Wara li jitkanta it-**De Deum**, aħna ngħidu li l-festa tkun daħlet fl-aqwa tagħha. Malli jkunu nofsinhar neqsin għoxrin jew anke qabel, jibdew it-tokki bil-kbira sa nofsinhar. Dawn ikunu s-sinjal ta' nofsinhar. F'lejliet u nhar il-festa, dawn it-tokki jindaqqu minn kmieni biex it-tul tagħhom juru b'liema solennità sejrin jindaqqu l-qniepen f'dawn il-jiem ta' festa filwaqt li jnisslu ċertu ferħ f'qalb in-nies tal-lokal, issa li l-festa qiegħda magħna. Nistħajjel il-qniepen qed jgħidu lin-nies, "ifirħu intom ukoll nies ta' din il-belt/raħal bħalma, aħna, l-qniepen, ferħana bid-diwi tagħna qed nimlew l-arja ferrieħa u ħelwa bid-daqq tagħna". Għalhekk f'xi knejjes, l-ilsna tal-qniepen jiżżejnu biċ-ċfuf jew girlanda tal-karti kuluriti fil-jiem tal-festa. Dan biex juru li anke l-qniepen iridu jiddandnu fil-jiem tal-festa u huma parti minn dan il-ferħ li ġġib miegħha l-festa. Il-parti tagħhom hi li se jkunu qed iwasslu leħinhom bil-kbir u bla nikta. Saħansitra sal-qniepen hawn min jidlek biż-żejt maħruq biex jidhru jleqqu minn isfel.

Malli jispiċċa l-aħħar tokk f'nofsinhar, jibdew l-ewwel erba' moti minn sensiela ta' erbgħa u għoxrin mota miġburin erbgħa, erbgħa kull darba, bil-qniepen il-kbar. Din il-ħannieqa ta' erba' moti jerġgħu jindaqqu għall-ewwel għasar kif ukoll wara li jispiċċaw il-funzjonijiet tal-knisja, għall ħabta tat-8 30pm. L-għada jerga' jkun hemm l-istess moti; qabel il-Quddiesa l-Kbira (kantanta bil-vuċijiet), f'nofsinhar u l-aħħar erba', qabel it-tieni għasar. Kull darba li jindaqqu, dawn l-erba' moti jieħdu madwar siegħa u nofs, b'intervall ħafif bejn mota u oħra. Qabel kull mota jinġibed tokk, jgħidulu **t-tokk tar-rifsa**. Wkoll wara kull mota, ikun hemm xi tokki: Tokk wieħed, ifisser għall-ewwel mota; żewġ tokki, għat-tieni mota; it-tielet, tliet tokki u r-raba' (l-aħħar) mota, jinġibdu disgħa, u dawn tal-aħħar, ikunu jimmarkaw l-għeluq tal-erba' moti; biex jgħarrfu li wasal il-ħin biex tinbeda l-funzjoni ġewwa l-knisja. Dawn it-tokki ta' wara l-moti, jsiru biss meta fil-knisja se jkun hemm xi servizz - f'nofsinhar u tard bil-lejl, billi fil-knisja ma jkun hemm xejn, dawn it-tokki ta' wara l-moti ma jindaqqux. L-iskop ta' dawn it-tokki ta' wara kull mota, (meta se ssir xi funzjoni fil-knisja) kien, biex in-nies ikollha tagħrifa

kemm baqa' ħin biex tibda l-funzjoni u hekku tattendi għaliha.

Tagħrif li tajjeb li jingħata hawnhekk huwa, li għalkemm il-moti kollha tista' tgħid, jibdew miż-żgħira għall-kbira u jispiċċaw mill-kbira għaż-żgħira, fil-kottonera u xi nħawi oħra, dawn il-moti jvarjaw fil-manjiera tad-daqq, l-aktar fit-tieni u t-tielet mota. Dan isir, biex id-daqq jinżel aktar ħelu għall-widna u ma tkunx ħaġa ripetittiva. Għad-dilettanti, dawn iż-żewġ moti jkunu jridu jdoqquhom huma, għaliex fihom joħorġu l-element armonjuż f'dik li hi teknika u l-kelma użata hawnhekk hija **jqabbluhom**, jiġifieri, meta għandek, ngħidu aħna, iż-żewġt iqniepen il-kbar idoqqu waħedhom, u inti, waqt li qiegħed iddoqq ma tħallix iż-żewġ ilsna jaħbtu fl-istess ħin mal-qanpiena, iżda li wieħed imur kontra l-ieħor.

Barra dawn l-erba' moti li semmejna, hemm moti oħrajn li jindaqqu waqt ħinijiet partikulari f'xi servizz fil-knisja, ngħidu aħna: fi **glorji, magnificat** f' kull **għasar**, **transulazzjoni,** mota ta' sbiħ il-jum f'nhar il-festa u oħra ta' għeluq il-festa, u mhux l-inqas, il-purċissjoni – baqa' xi nħawi li daqq fil-purċissjoni jibqa' sejjer mingħajr waqfien ta' xejn ( xi erba' sigħat daqq). Ma' dawn insemmu wkoll it-tnaqqir li jsir għall-panegierku waqt il-Quddiesa l-Kbira u għall-fratelli. Sinjali oħra ta' tokki huma fis-santu u l-konsagrazzjoni tal-quddiesa kantata u għall-quddies lett, barra t-tokki tal-Paternoster u l-ħinijiet tal-jum kif semmejniehom aktar 'il fuq. U hekk, tista' tgħid, inkunu ġbarna d-daqq kollu ta' matul il-jumejn tas-solennità tal-festa, jiġifieri minn lejlietha sal-aħħar mota tal-għeluq il-festa (wara l-barka).

## GĦELUQ

Skont il-vjaġġaturi, *G. Cockburn*, u *P. Williams*, meta kienu hawn Malta fil-bidu tal-ammisnistrazzjoni Ingliża stqarrew li l-qniepen f'Malta, qatt ma kienu jieqfu jdoqqu, imkien ieħor, lanqas fi Sqallija li kienet imsemmija għad-daqq tal-qniepen u nippreċiża '*never cease ringing here night or day".....* *"at no other place, not even Sicily, of bell-ringing notoriety"*

Iżda issa jkollna nammettu li ż-żmien inbidel, u l-qniepen ma għadx għandhom l-importanza li kellhom dari għax barra li anke d-daqq naqas min idoqqhom naqsu sew u xi knejjes ġà daħħlu s-sistema elettronika. Ilha wkoll li nqatgħet id-drawwa li nies mill-lokal idoqqu huma stess fil-ġranet tal-festa. Kienu inħolqu xi gajjijiet ta' xi erbgħa jew ħames min-nies li jissejħu huma biex jieħdu l-inkarigu kollu tad-daqq f'lejliet u nhar il-festa. Niftakar wieħed mill-gajjiet kienu jorqdu f'kamra fil-kampnar għax barra li kienu jdumu jdoqqu tard lejlietha, l-għada, d-daqq, kien jibda minn kmieni ħafna u trasport minn u 'l hawn ma kienx ikun hemm.

Lanqas in-nies ma għadha n-nies ta' dari għax iż-żmien ibiddel in-nies miegħu. Illum saru jdejjquha l-qniepen u saret aktar tiggosta ħsejjes sfrenati jew imqanżħa ta' dinja moderna u laxka milli ilħna hennejja u naturali li bħal strument ieħor qegħdin biex jagħtu glorja lil Alla.

Fl-aħħar, ma rridux nagħmlu bħall-qniepen li waqt dawn isejħu n-nies għas-servizzi fil-knisja huma jibqgħu sajma u barra għall-ħniena tal-elementi.

**Bibljografija:**

John Formosa, Bell-Ringing in Maltese History
(1800 – 1870) paper study p.151

19/05/2009 **© Saviour Camilleri**



**Silhouette tal-awtur idoqq lejliet il-festa ta' San Lawrenz.**

## NOTI DWAR IS-SUPERSTIZZJONI TAT-

# TBAĦĦIR

### KIF MIĠBURA MINN FOMM IL-POPLU

**Guido Lanfranco**

**F'din il-kitba mhux il-ħsieb tiegħi li niddiskuti l-istorja tas-superstizzjoni tat-tbaħħir fil-gżejjer tagħna imma biss biex nuri x'qaluli għadd ta' Maltin dwar dan is-suġġett. Mis-sena 1993 sal-1995, minbarra snin oħrajn, waqt il-parteċipazzjoni tiegħi fi programmi fuq ir-radju RTK (minbarra radjijiet oħra) dwar drawwiet u tradizzjonijiet Maltin, bdejt norjenta s-suġġett b'mod li nħajjar lis-semmiegħa anzjani jew lill-uliedhom biex, permezz tal-*phone-ins*, jitkellmu fuq l-esperjenzi personali tagħhom. Kien hemm għadd kbir li wieġbu fuq kull suġġett u, għalkemm mhux dejjem kien possibbli, rrekordjajt ħafna minn dak li qalu. Kien hemm ukoll min ipprefera jiktibli ittra. Hawn qed nuri biss direttament meħuda mit-traskrizzjonijiet tar-*recordings* li jittrattaw dwar is-superstizzjoni tat-tbaħħir. Inħalli f'idejkom biex tosservaw il-varjanti f'dak li kienu jgħidu u jagħmlu niesna li jirriflettu s-sitwazzjoni f'Malta u Għawdex fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.**

* "Biex tbaħħar kienet issib għatu tal-landa tal-gallettini. Kienet tpoġġi fih weraq taż-żebbuġ, melħ . . . Il-melħ għall-għajn . . . u tgħid: 'San Barnabaw, l-għajn ħażina tmur minn hawn.' Iddur ukoll sa taħt is-sodda . . . F'Sibt il-Glorja . . . Ukoll fuq ras it-tfal u sat-taraġ tal-bejt; tibda minn fuq għal isfel." *(Mara, 25-V-1993)*

* "Għat-tbaħħir, in-nanna tiegħi (kieku issa għandha qrib 90 sena) kienet issib il-weraq taż-żebbuġ niexef ġo taġen ħażin u tbaħħar kull nhar ta' Ħamis. Iddur kull erba' rkejjen tal-kmamar. Warajha t-tfal jgħidu l-Kredu, u hi tgħid: 'San Pawl ta' Ruma, jekk hawn l-għajn reġġagħha lura.' L-irmied kienu jiġbruh ġo karta u jarmuh f'salib it-toroq. Meta kien idum ma jaqbad iż-żebbuġ kienet tgħid: 'Mela veru hawn l-għajn ħażina fid-dar!'. " *(Mrs. Bonavia, Fgura, min Ħal Tarxien 25-V-93)*

* "Għal xi waħda marida jew sfortunata kienu jgħidu: 'Ara kif insteħtet din! Xi ħadd seħetha!'. U jbaħħru bi ftit weraq taż-żebbuġ, ftit xema' tat-tniebri u seba' melħiet u jgħidu t-talb. Jidħlu seba' darbiet fil-kamra jew fejn tkun, taħt is-sodod, madwar dak li jkun. Hi stess m'ilhiex li marret biex tbaħħar lil waħda għax ġiet għaliha biex tbaħħrilha għax qalet li misħuta, anki tgħaddi minn quddiemha persuna, seħtitha u għajnitha. Tidħol u toħroġ seba' darbiet, u titlob, Missierna u Ħobżna, Sliema u Qaddisa u Glorja, kull darba, u tgħid: 'F'ġieħ San Pietru Pawl ta' Ruma, Jekk għandek xi għajn ta' xi għejra ta' xi mibgħeda terġa' lura; F'ġieħ San Barnabaw jekk hawn ix-xjaten oħroġhom barra minn hawn.'." *(Mara mill-Mosta, 25-V-1993)*

* "Meta kien ikollha xi dubju f'xi ħaġa kienet tbaħħar. Ukoll nhar ta' Ħamis meta kienet iddoqq il-qanpiena f'xis-sebgħa ta' filgħaxija. Wara li kienet tixħet il-melħ kienet tgħid: 'San Barnabaw, keċċi t-tentazzjoni minn hawn'. U missierna, Avemarija u Glorja. Kienet tbaħħar bit-taġen fuq ras kulħadd, u titfa' l-melħ. Meta jibda jaqbeż il-melħ jgħidu: 'Ħarġet l-għajn!'. Ibaħħru minn ġewwa għall-bieb ta' barra; ukoll kienu jħalltu ix-xemgħa tat-tniebri." *(Mara, 25-V-1993, kienet tgħix man-nanna.)*

* Għallmithielha mara oħra ta' tmenin sena xi tletin sena ilu. "San Barnabaw, daħħal l-għajn tajba u oħroġ il-ħażina minn hawn.!" *(Mara, 1-VI-93)*

* "Kien hawn waħda, l-Ħamis kienet dejjem tbaħħar id-dar; is-sena kollha." *(Mara, Qala, Għawdex 16-II-94)*

* "Il-Ħamis dori hawnhekk kulħadd ibaħħar ġo turtiera, jaħraq iż-żebbuġ milli jagħtu Ħadd iż-Żebbuġ . . . Kulħadd ibaħħar. Niftakar jien anki ommi, Alla jaħfrilha, u missieri. Kellna kantina jraqqad il-bhejjem ġo fiha. Kienet tinżel bil-duk u tbaħħar u tgħid xi ħoġa wkoll kienet. Nhor ta' Ħamis biss; Is-sena kollha. *(Karmenu Spiteri, Żejtun, aktar minn 80 sena 16-II-1994)*

* "Niftakar liz-zija kienet toqgħod tistenna proprju li tgħaddi l-istawa ta' Kristu Rxoxt. Malli tgħaddi minn quddiem il-bieb tad-dar iz-zija kienet taqbad tbaħħar. Eżatt, tistenna l-istatwa tgħaddi minn quddiem id-dar. Kellha taġen qadim. Titfa ż-żebbuġ, taħarqu u tbaħħar. Kint għadni tifel; però kienet tgħid it-talb." *(Raġel, Ħal Qormi, 23-II-1994)*

* "Ommi kienet tbaħħar f'Sibt il-Glorja filgħodu. Żebbuġ ġo xi landa tal-kunserva, iddawwar it-tfal magħha. Id-dar kollha, fuq u isfel u fost it-talb tgħid: 'Jekk hawn xi għajn ħażina toħroġ; Sinjur, berkilna din id-dar li ngħixu fiha'. Wara l-bieb iżżomm fergħa; Fil-basket li toħroġ bih tħobb iżżomm xi biċċa żebbuġa. Jekk tiltaqa' ma' xi ħadd f'xi gwaj jew ma jiflaħx kienet tagħtih werqa żebbuġa. Lit-tifla ż-żgħira kienet tagħmliha werqa żebbuġa mal-pram jew puxċer, għax imbierka. Qabel kien idur is-sagristan mat-toroq u jagħtik weraq taż-żebbuġ kemm trid f'Ħadd il-Palm kif il-kappillan ibierku fuq iz-zuntier, u jtuh xi ħaġa." *(Mara, Ħamrun, 23-III-1994)*

* Ommi kienet tbaħħar id-dar fil-mota tal-Ħamis, wara l-Ave Marija filgħaxija, bħala tifkira tat-twaqqif tal-Ewkarestija; għadha tindaqq f'xi postijiet. Ommna kienet tgħidilna: 'Kulħadd jieqaf f'xi jkun jagħmel'. Fil-mota tal-Ħamis. Noqogħdu għarr-kobbtejna . Kellha taġen lest bil-weraq taż-żebbuġ ta' Ħadd il-Palm u tbaħħar id-dar u fuq ras kull wieħed minna. Kienet tagħmel forma ta' Salib bit-taġen u tgħidilna ngħidu Kredu waqt li tberikhom. Kienet tgħid li meta ż-żebbuġ idum ma jieħu n-nar kien sinjal li se jiġi xi gwaj fuq id-dar. Kienet ukoll tbaħħar kontra l-għajn." *(Raġel, 23-III-1994)*

* "Fuq l-arkova (*) . . . Lill-għarusa l-ġdida kienu jgħidulha: 'Ddaħħal lil ħadd f'dik il-kamra! Mgħandu jaraha ħadd, lanqas l-istess membri tal-familja jekk ma jkunux il-ġenituri jew in-nanniet!' Għax l-arkova (*) kienet tkun kamra bil-ħnejja fejn kien hemm biss is-sodda u kien hemm purtiera kbira. Ma kien jidħol ħadd fiha dik, anzi jekk xi ħadd għal xi raġuni jew oħra jidħol kienet tgħidlek: 'Ara li tbaħħarha!', jekk ikunu barranin." *(Mara, Raħal Ġdid, 23-XI-94) (*) Trid tgħid alkova.*

* "Ommi kienet tagħmel iż-żebbuġ niexef fuq taġen, taħarqu u ddur il-kmamar kollha f'Sibt il-Glorja filgħodu." *(Mara, Tas-Sliema, 15-II-1995)*

* "Talba għal waqt it-tbaħħir: 'Żebbuġ imbierek, żebbuġ għażiż, żebbuġ tad-devozzjoni, keċċi kull għajn ta' ferħ, ta' għira, ta' tentazzjoni' Għal tliet darbiet; Kredu." *(Anna Psaila, Qormi, ittra 17-III-1995)*

* "Jien għadni nbaħħar f'Sibt il-Glorja u ngħid: 'Baħħar baħħarni mix-xitan ostorni'. U tgħid il-Missierna. 'Għammar inti Ġesù ma' Marija u San Ġużepp', 'Skansana mid-deni', u hekk, u tgħid il-Paternoster. Kull kamra kienet tagħmel; taħt is-sodda, kullimkien. Iż-żebbuġ taħarqu u, kif jagħmel id-duħħan u jintefa,. . . hekk, tibda tbaħħar. Ikollu fwieħa qisha ta' ġenna, ngħidilha jiena. Għat-tbaħħir ġieli jixħtu ponn melħ għall-għajn, jew ras ta' tewma. Għall-għajn ommi kienet taħraq sew ras tewm, tixħtilha ponn melħ u tbaħħar biha biex tmur l-għajn. Mhux maż-żebbuġ, għax dik (*jagħmluha*) meta jkun hemm suspett li daħlet l-għajn." *(Mara, Valletta, 15-III-1995)*

* "It-talba tat-tbaħħir kienet hekk. L-ewwel trodd is-salib mbagħad tgħid: 'Sant'Anna u San Mikiel ġejjin mill-art ta' Betlem. Il-Madonna timxi u tbierek u tiltaqa' ma' San Mikiel u qaltlu: 'San Mikiel, fejn sejjer?' Qallha sejjer inbaħħar dik il-għajn u kreatura. U qaltlu 'Fittex mur qabel ma jinqata' ż-żebbuġ mill ġnien.' Dik il-għajn li ratek, dik il-għajn li ferħet bik, jinqata' d-diskors minn fommha u ħadd aktar ma jsemmik. Jekk hi għajn toħroġ 'l-barra, jekk mill-ferħ hi terġa' lura' Mbagħad tgħid tliet Avemarijiet, Glorja Patri għal tliet darbiet b'devozzjoni kbira. It-tbaħħir għadu jsir ħafna u, jekk ikun hemm mara jkollha tarbija jidhrilha li se timrad xi ftit, tbaħħar." *(Lawrence Camilleri, Xewkija, 15-III-1995)*

* "Jien kelli l-mamà tiegħi, bħalha kien hawn ħafna, nhar ta' Ħamis kienet tbaħħar mad-dar kollha. Kienet iddoqq dik il-mota nhar ta' Ħamis. Kienet titfa' ż-żebbuġ u x-xemgħa safra tat-tniebri; dik kienu jagħtuhielna meta jiġi jbierek l-arċipriet. Però, meta jidħlu f'xi affarijiet, jiġu fid-dubju, tfal mhux sewwa, jiġi xi ħadd fid-dar, kienet tbaħħar, għax kienet temmen fih. U kienet tgħid talba fl-aħħar: 'San Pietru ta' Ruma, jekk hi ferħa waqqafha, jekk hi għajn reġġagħha lura.' U tgħid xi Avemarijiet; meta taħseb li hemm għajn kienet tgħid dik. Ukoll, kellna l-fniek zgħar. Missieri kien jifraħ ħafna bl-affarijiet; jibda d-dmugħ nieżel minn għajnejh. Allura, qabel jara l-ħaġa li se jifraħ biha kien jgħid 'l ommi: 'Baħħarha!' għax kien jibża' li jgħajjinha l-ħaġa, anke meta kien ikollna t-tfal żgħar." *(Mara, Nadur, 15-III-1995)*

* "Meta kienet iddoqq il-Glorja ta' nhar ta' Sibt kienu jkunu lesti biż-żebbuġ tas-sena ta' qabel. Kienu jaħarquh u jbaħħru d-dar bih." *(Doris Dimech, Floriana, 29-III-1995)*

* "Niftakar 'l ommi, Sibt il-Għid, malli jibdew il-qniepen fl-għaxra ta' filgħodu, tal-Kattidral u ta' San Ġorġ, kienet tibda

tbaħħar." *(Mara, Rabat Għawdex, 29-III-1995)*

* "F'Sibt il-Glorja, Alla jaħfrilha, ommi, kienet tieħu l-weraq taż-żebbuġ u taħarqu, niftakarha, f'xi taġen qadim, induru magħha u ngħidu xi Kredu u talb hekk. Ġo taġen qadim jew għatu ta' landa. Konna ngħidu xi orazzjoni insomma. Kienet tibda minn isfel u nitilgħu t-tarġ." *(Mara, 12-IV-1995)*

* "Biex inbaħħar jien niftaħ il-bieb ta' barra u niftaħ il-bieb tal-bitħa biex ngħid jekk ikun hemm xi ħaġa toħroġ. Kienet tiġini waħda xiħa tbaħħarli u f'kull kantuniera tal-kmamar, kienet taħraq iż-żebbuġ. Hekk." *(Mary Zammit, Santa Venera, anzjana, 12-IV-1995)*

* "Għandi 71 sena. Il-mama tiegħi kienet tbaħħar u jiena bqajt bis-sistema li nbaħħar sa llum, li ngħid: 'San Pawl ta' Ruma, jekk hawn xi għajn reġġagħha lura.' Mbagħad l-irmied konna noħorġuh f'salib it-toroq. Issa, minflok f'salib it-toroq, l-irmied narmuh fil-ġnien. Kienet tbaħħar taħt is-sodod. Tibda minn fuq, tasal sal-bieb ta' barra u tgħid: 'San Pawl ta' Ruma jekk hawn xi għajn reġġagħha lura.' *(Mara, Ħamrun 12-IV-1995)*

* "In-nanna kienet tgħid li meta tbaħħar kienet tgħid il-Kredu; dejjem hekk nafha." *(Mara, 12-IV-1995)*

* "Zijuwi kien qassis, żmien il-gwerra li għaddiet. Meta kont qed inbaħħar ħaduli taħt il-vit u tfihuli!" *(Mara, Birkirkara, 12-IV-1995)*

***Nota:* *Din il-ġabra dwar is-superstizzjoni tat-tbaħħir, qiegħda biss biex turi aspett mill-kultura tagħna għal skopijiet ta' studju u bl-ebda mod ma tfisser li jien qed naqbel ma dak li ntqal jew qed ninkuraġġih.***

**© Guido Lanfranco**

---

APPREZZAMENT

# ALFRED FENECH

**Fit-22 ta' Marzu, 2009 ħalliena s-Sur Alfred Fenech li kien ilu membru tal-Għaqda tal-Folklor sa mis-snin tmenin. Kien ġie elett membru tal-Kumitat fl-1983. Is-Segretarja dak iż-żmien kienet Ms. Jessie Grech u, meta din iżżewġet u rriżenjat mill-kumitat fl-1986, Alfred Fenech laħaq Segretarju minflokha. Dam Segretarju sal-2002, meta sfortunatament kellu jirreżenja minħabba problemi ta' saħħa. F'Marzu 2006 Alfred Fenech reġa' daħal fil-Kumitat u fl-2008 inħatar Viċi-President.**

**Is-Sur Fenech kien iħobb ħafna l-folklor u oġġetti assoċjati mal-ħajja tal-imgħoddi, u kellu kollezzjoni ġenerali kbira li fiha kellu wkoll dak li hu folkloristiku. Kien jipparteċipa fid-diversi wirjiet u ħarġiet li kienet tagħmel l-Għaqda tal-Folklor u kien juri nteress f'kulma nagħmlu. Kien ingarigat mill-*Hobbies Society* ibbażata l-Ħamrun għal snin kbar, kollu nteress u ħeġġa.**

**L-Għaqda tilfet ħabib kbir li fforma parti mportanti mill-istorja tagħha. Aħna nibqgħu naħsbu fih fit-talb tagħna u nestendu l-kondoljanzi tagħna lill-familja tiegħu. RIP**

**Guido Lanfranco**

**APPREZZAMENT**

# ALFRED FENECH

Kien il-Viċi-President tal-Għaqda tal-Folklor; miet fit-22 ta' Marzu, 2009 wara marda qasira. Kellu 74 sena. Fit-12 ta' Mejju l-Kumitat tal-Għaqda għamillu quddiesa għal ruħu fil-kappella tal-Isptar Santa Katerina, Ħ'Attard, u l-kumitat attenda flimkien ma' ħafna membri tal-familja tiegħu.

Alfred twieled il-Ħamrun, u kien bniedem ħabrieki u attiv ħafna. Kien ilu ħafna fl-Għaqda tal-Folklor u minn dejjem wera nteress, mhux biss fil-folklor imma f'kull ħaġa Maltija. Kien Patrijott. Barra li kien membru tal-Għaqda tagħna, kien membru attiv ta' ħafna għaqdiet oħra tal-kultura, speċjalment tal-*Hobbies Society*. Kellu kollezzjoni vasta ta' affarijiet tal-folklor, u meta kien jieħu sehem f'xi wirja bl-affarijiet tal-kollezzjoni tiegħu tal-folklor dejjem kien isemmi l-Għaqda tal-Folklor.

Tlifna membru li kien erudit u ħabrieki, u li kien iħobb tabilħaqq lil art twelidu. Kien jaħdem fiċ-Ċivil mal-Gvern, u kien irtirat.

Nagħtu l-għomor lil martu Grace, u lil uliedu u l-familja tiegħu kollha, u l-qraba.

Niftakru fih, u fix-xogħol fejjiedi li għamel u nitolbu għal ruħu.

RIP

A.D.

IT-TOPONOMASTIKA T'GĦAWDEX:

# IX-XTUT TAŻ-ŻEBBUĠ, L-GĦASRI, U L-GĦARB

**Alex Camilleri**

**Fl-artiklu ta' qabel dan kont ktibt dwar ix-xlokk tal-gżira ta' Malta. Din id-darba xtaqt neħodkom lejn l-estrem l-ieħor tal-Gżejjer Maltin, jiġifieri x-xtut miftuħa li mill-majjistral t'Għawdex iħarsu lejn Sqallija. Bħalma se naraw, huma nħawi b'karattru għalihom, magħġun minn taħlita ta': pożizzjoni ġeografika mwarrba u mikxufa li għadha tinħass sew; pajsaġġ ħelu tal-kampanja bl-għelieqi mtarrġin bejn il-widien u l-għoljiet; u ambjent naturali b'bixra salvaġġa u saħansitra spettakolari, b'sisien għoljin li jaqtgħu ħesrem għal fuq baħar fond u miftuħ beraħ. Ma jistax jonqos li din it-taħlita tnibbet ukoll dettalji storiċi u folkloristiċi, fosthom numru ġmielu ta' leġġendi u drawwiet lokali bħas-sajd mill-għoli bil-purċellat. It-toponomastika ta' dawn l-inħawi hija mera ta' dan kollu, u bħas-soltu se nduruha fid-dettall permezz ta' mawra li f'dal-każ tibda mid-daħla naturali tax-Xwejni, peress li biex ingħid hekk din tifred 'il dawn ix-xtut mill-pajsaġġ differenti għal kollox li jitfaċċa lejn il-grigal t'Għawdex.**

## *Ix-Xwejni*

***Il-Qala tax-Xwejni*** jew, kif inhija magħrufa l-aktar, ***Ix-Xwejni***, tinsab malli tħalli l-bini ikrah u bla karattru li mis-sittinijiet 'il hawn ħakem lil Marsalforn u l-Qbajjar. S'issa ħelsitha bi żbrixx mill-kankru tal-bini dejjem jinfirex li maż-żmien bela' wkoll l-għolja pittoreska ta***l-Qolla s-Safra*** (illum imdawra bil-bini ta' bejn Marsalforn u l-Qbajjar) u qorob mhux ftit lejn ***Il-Qolla l-Bajda*** li tifred ix-Xwejni mill-Qbajjar. Hija daħla ramlija bil-qiegħ tassew baxx, imrekkna bejn il-Qolla l-Bajda u ***l-Qolla l-Ħamra*** li tinsab mat-triq wieqfa li titla' lejn ir-raħal taż-Żebbuġ. L-ismijiet ta' dawn it-tliet għoljiet żgħar ġejjin mit-tip ta' blat li fihom: Il-Qolla s-Safra għandha l-blat tar-rina *(Greensand)* li jvarja minn safrani għal samrani, filwaqt li l-Qolla l-Bajda hija ta' lewn griż ċar minħabba s-saffi taflin tal-kwiener u tal-bajjâd (*Upper Globigerina Limestone* u *Middle Globigerina Limestone*). Il-blat tal-Qolla l-Ħamra aktarx li kien jixbaħ lil tal-Qolla s-Safra imma aktar skur, iżda llum iġġarraf minħabba li taħtu kellu saff mikxuf tat-tafal u llum għadha tidher biss ħotba baxxa tat-tafal b'xi tifrik tar-rina mxerred madwarha. Ix-Xwejni huwa mkennen fuq in-naħa tal-grigal minn sikka baxxa u wiesgħa li toħroġ 'il barra sewwasew minn taħt il-Qolla l-Bajda. Din is-sikka fiha x'tara fil-maltemp bil-mewġ jinbaram u jitkisser magħha, iżda daqstant ieħor taf tqarraq bl-għawwiema meta l-baħar ikun ftit imċafċaf għax ġieli jinħoloq kurrent qawwi saħansitra fi ftit piedi ilma. Fil-wiċċ tas-sikka, il-baħar għawwar għadd ta' ħofor fondi u x'uħud minnhom anke niffidhom ma' xulxin; hawnhekk tqaċċtu wkoll xi blatiet imdaqqsin minn taħt il-Qolla l-Bajda u waqgħu għal fuq is-sikka. Waħda minnhom hija kemmxejn 'il bogħod mix-xatt u qisha skoll li jixref mill-baħar baxx; skond it-tagħrif miġbur mill-istudjuż tat-toponomastika Għawdxija Joe Zammit Ciantar, din hija ***Il-Ġebla tal-Kwakki***. Maqrus bejn il-Qolla l-Bajda u s-sikka ta' taħtha hemm ukoll ***L-Għar ta' Santa Marija***, bokka superfiċjali fil-ġenb tax-xatt tafli li tispikka minħabba l-pożizzjoni tagħha mal-ponta; fil-bnazzi tista' tilħaqha permezz ta' mixja qasira mix-Xwejni, basta toqgħod attent għaż-żliq. Mill-qrib jidher ċar li l-għar huwa parti minn tnaqqira naturali aktar estensiva (teknikament magħrufa bħala *notch*) li tkompli tidher sa taħt ***It-Torri tal-Qbajjar***. Dan tal-aħħar fil-fatt huwa trunċiera kbira, jew aħjar batterija għall-kanuni, li nbniet fl-1716 fuq ***Il-Ponta tat-Torri*** li tħares lura lejn il-bini tal-Qbajjar u Marsalforn. Sa xi snin ilu kien għadu jidher ukoll xi fdal ta' trunċiera iżgħar (jew, biex inkun aktar preċiż, "ridott"), li l-Kavallieri kienu bnew fl-istess żmien biex minn wara l-Qolla l-Bajda tgħasses ix-Xwejni.

Max-xaqliba l-oħra tax-Xwejni, pariġġ is-sikka li semmejna, tinsab ***Is-Sewda*** jew ***Is-Swejda***, ponta baxxa mal-baħar bi blat skur. Mill-għoli, ngħidu aħna int u nieżel miż-Żebbuġ, tidher tixbaħ lill-poppa ta' xini żgħir, u hekk jingħad li tnissel l-isem tal-qala. F'xi mapep ġieli tara l-isem miktub fil-plural ("Xwieni" flok Xwejni), iżda dan mhux għajr żball fuq ieħor marbut ma' żewġ vizzji kartografiċi: il-kitba ta' ismijiet Maltin bl-ortografija barranija ta' xi *"lingua franca"* bħat-Taljan, Franċiż, Latin jew Ingliż; u korrezzjoni ħażina lura għall-Malti. Dettall ieħor kurjuż hu li mkien ma jidher ebda wied iferra' għal ġox-Xwejni. Iżda l-wied hemm qiegħed, minkejja li ċ-ċaqliq tettoniku ta' l-art u l-bdil fil-livell tal-baħar eluf ta' snin ilu kienu għarrquh taħt l-ilma. Jinsab maqrus bejn is-Swejda u s-sikka tal-Qolla l-Bajda li dari kienu l-ġnub tiegħu (tant li l-bajja nnifisha mhix għajr ras il-wied) u, wara li jinżel fil-fond, jikser qisu kartabun u jofroq is-sies wieqaf li jinsab taħt l-aktar xifer imbiegħed tas-sikka. Sewwasew fil-kisra tiegħu ('il barra sew mix-xatt) jinsabu żewġ ħnejjiet naturali fuq xulxin li huma popolari ferm ma' l-għaddasa li jżuruhom bid-dgħajsa jew inkella permezz ta' għawma twila mis-Swejda.

### *Il-plajja ta' taħt iż-Żebbuġ*

Mis-Swejda tibda wkoll plajja twila u pjuttost ċatta li tibqa' sejra lejn il-punent; matulha hemm is-salini qodma ***Ta' Rafel*** li għadhom jintużaw sal-lum. 'Il ġewwa minnhom (jiġifieri jekk titbiegħed mill-baħar), tinbidel kemm l-għamla tal-blat kif ukoll il-forma ta' l-art. Il-plajja żonqrija tispiċċa biex fuqha jirkeb is-saff tal-franka (*Lower Globigerina Limestone*), li hawnhekk jixref f'għamla ta' tarġa wieqfa m'għola ftit aktar minn sular. Il-wiċċ ċatt ta' fuq il-franka huwa fil-fatt qoxra rqiqa ta' blat skur u iebes imsejjaħ "katina" (*Phosphorite Nodule Bed*), b'kotra ta' ċagħaq u fossili magħqudin flimkien. Minn fuqu llum tgħaddi t-triq panoramika li mix-Xwejni

twassal lejn l-Għasri. Imbagħad, sewwasew fuq in-naħa l-oħra tat-triq, titla' tarġa oħra tal-qargħajja (isem ieħor għall-bajjâd) u tal-kwiener; dawn iż-żewġ saffi ta' blat artab qishom nofs triq bejn il-franka u t-tafal, u narawhom mifrudin minn xulxin permezz ta' saff ieħor iebes ta' dak it-tip ta' blat imsejjaħ "katina" li f'xi bnadi saħansitra jisporġi 'l barra bħala pizz irqiq li jħares għal fuq it-triq. Hawnhekk, tant jidhru ċari s-saffi kollha li semmejna, li uħud mill-aqwa kotba dwar il-ġeoloġija Maltija jużaw propju 'l din il-medda tax-xatt Għawdxi bħala eżempju. Hemm ukoll xi kmamar qodma, jew aħjar għerien artifiċjali, imħaffrin fil-faċċata tal-qargħajja. Tnejn minnhom huma dokumentati fis-Seklu XVIII mill-Kanonku Gio. Pietro Francesco Agius De Soldanis: wieħed imsejjaħ ***L-Għar ta' San Martin*** li skond hu tħaffer mill-familja Cardona madwar is-sena 1690 għall-użu tal-pubbliku, u ieħor privat tiegħu stess li tħaffer fl-1742 biex jaqdi l-ħtiġijiet tas-salini li kellu hemm. Dwar dan ta' l-aħħar, Agius De Soldanis igħid li ssemma għalih stess *"...una grotta...che porta il mio nome..."*, u dwar il-mellieħa igħid li kienet tiegħu *"...salina dell'autore..."*. Iżda l-ismijiet eżatti ma joħorġux daqstant ċari u għalhekk f'dal-każ għandi xi dubji dwar l-interpretazzjonijiet preċiżi ("L-Għar ta' De Soldanis" u "Is-Salini ta' De Soldanis") li jidhru f'xi kotba. Minn hawn 'il fuq, tibda żurżieqa tat-tafal li tibqa' tielgħa fil-għoli minn ġo l-artijiet ***Tal-Wiżna*** u ***Ta' Bembla*** sa ma tilħaq l-għolja taż-Żebbuġ, sewwasew it-tarf tagħha magħruf bħala ***Għajn Melel*** għal waħda min-nixxigħat li tinsab hemm. F'Għajn Melel, jitfaċċa wkoll il-blat tal-qawwi ta' fuq, sabiex b'hekk għandna wieħed mill-ftit postijiet f'Għawdex fejn jidhru s-saffi kollha ewlenin tal-blat Malti f'post wieħed (l-istess bħall-inħawi ta' Ħad-Dingli, l-Imtaħleb, il-Baħrija u l-Qammieħ f'Malta). Lura mal-plajja, ta' min igħid li wħud mill-ilmijiet li jnixxu fuq it-tafal iċarċru 'l isfel lejn il-baħar, u jinġabru l-aktar f'wied ċkejken ħdejn kisra qawwija fit-triq, appuntu msejjaħ ***Tal-Ħass*** minħabba l-ħażż li jikber fl-istess ilma.

Jekk inkomplu mal-plajja naslu fuq ***Ras ir-Reqqa***, l-aktar tarf avvanzat lejn it-tamuntana fil-Gżejjer Maltin kollha, qisu saba' rqiq li jipponta lejn Sqallija. U la semmejt 'il Sqallija, ma xtaqtx ninsa ngħid li din tintlemaħ tassew minn dil-parti t'Għawdex jekk il-viżibilita' tal-ajru tkun ċara għall-aħħar. Din id-dehra, li turi art mifruxa u baxxa fuq ix-xefaq b'mutanji għoljin fuqha, isibuha bħala ***Il-Munġbell***, taħsira ta' isem ieħor li bih l-Isqallin stess ġieli jirreferu għall-vulkan Etna: *Il Mongibello*. It-tnissil ta' dan l-isem jeħodna lura fil-medjuevu ta' Sqallija meta anke hemm kienet għadha tinħass l-influenza Semitika, tant li huwa għaqda ta' kelma Taljana jew Latina ("monte" jew "mons") u oħra Għarbija ("ġebel") li t-tnejn għandhom l-istess tifsira. Din it-tawtoloġija (għax fl-aħħar mill-aħħar, l-isem ma jgħid xejn għajr "muntanja-muntanja"!) narawha wkoll f'Monte Gibele fuq il-gżira ġara tagħna ta' Pantelleria, fejn it-taħlita ta' l-ilsien Semitiku ma' dak Taljan tinħass qawwija daqskemm fil-Gżejjer Maltin, jekk mhux aktar. Fl-istess direzzjoni ta' Sqallija, taħt il-baħar bosta mili lejn it-tramuntana t'Għawdex, hemm ***Is-Sikka ta' Kalanġ***, sikka fil-fond u mifruxa fuq xi tliet mili li hija magħrufa sew fost is-sajjieda għall-ħut li tagħmel, inkluż ħut kbir li jaf iħarbat sajda sħiħa jekk il-konzijiet ma jinġabrux f'waqthom. Skond il-folklorista Għawdxi Anton Attard, dan l-isem mhux daqstant qadim, għax is-sikka skopriha għall-ewwel darba ċertu Kalanġ Borġ "Ta' Ġenju" (sajjied mit-Triq tal-Għajn qrib ix-Xlendi) għall-ħabta tal-1962.

Nerġgħu lura lejn Ras ir-Reqqa nnifisha. Filwaqt li minn fuq l-art, din ir-ras baxxa taħsibha xi sikka oħra tawwalija, il-blat jaqta' mill-ewwel qrib ix-xatt u malajr jilħaq fond ġmielu. Is-sies sabiħ li hemm taħt wiċċ il-baħar huwa fost l-aktar imkejjen imfittxijin mill-bugħaddasa; għaldaqstant kien twaħħal sellum apposta sewwasew fejn il-plajja Ta' Rafel tikser lejn Ras ir-Reqqa, billi hawn tinsab daħla tabilħaqq ċkejkna (***Il-Ħofra***) li toffri xi ftit tal-kenn f'każ ta' mbatt mill-punent jew mill-majjistral. Biswit il-Ħofra, hemm ukoll posta oħra tas-sajjieda, imsejħa ***Il-Bir*** minħabba l-bjar mnejn jittella' l-ilma baħar għas-salini. Għal fuq dawn ix-xtut tittawwal ***L-Għalja***, qortin żgħir li jisporġi mix-xifer tal-franka li diġà semmejna; mal-ġenb tagħha xi snin ilu xi ħadd fettillu jnaqqax figura ta' bebbuxu kbir. Jekk tibqa' ddur ma' Ras ir-Reqqa, max-xaqliba li tħares lejn il-punent tilmaħ qala wiesgħa u miftuħa li qajla toffri rdoss. Mal-ġenb tagħha ssib ***Il-Minfes***, toqba max-xatt (*blowhole*) mnejn il-baħar jinbeżaq bil-qawwa fil-maltemp. Mhux wisq 'il bogħod, iżda f'qiegħ il-baħar, jinsab dagħbien kbir vertikali b'żewġ bokok (spiss imsejjaħ "ċumnija" jew "flixkun" minħabba l-għamla tiegħu); għandu d-dħul f'madwar 30 metru fond u l-ħruġ f'xi 60 metru, u jintlaħaq biss mill-bugħaddasa. Imbagħad, wara ħarrieġa ta' blat li jgħidulha ***Ix-Xriek***, fil-parti l-ġewwenija nett tal-qala tidher bokka baxxa li bilkemm tixref 'il fuq minn wiċċ l-ilma u li donnha ħadet isimha (***Għar Ħanżira***) mill-ħsejjes tal-mewġ li jissabbat għal ġo fiha f'xi majjistralata. Fil-fatt, din mhix għajr tnaqqira meta mqabbla ma' l-għar ieħor ferm akbar li jinsab mgħaddas eżatt taħtha, b'għamla ta' serpentina wiesgħa (l-ewwel jinżel ftit, imbagħad jilwi 'l fuq minn wara Għar Ħanżira, sa ma jilħaq sala kbira u mudlama bl-arja maqbuda ġo fiha). Il-*"Billinghurst cave"* li jissemma fost l-għaddasa huwa dan l-istess għar iżda b'isem barrani wvintat minn xi Ingliżi li ma tantx stmaw il-kultura lokali u ippreferew jagħtuh tikketta ġdida li daqqitilhom aktar għal widnejhom. Aktarx li kemm iċ-ċumnija kif ukoll dan l-għar stramb tnaqqxu mill-ilma ġieri meta dawn l-inħawi ma kinux mal-baħar! F'xi mapep, il-qala nnifisha tissemma' bħala ***Mwieġ il-Baħar***, ***Mewġ il-Baħar*** jew ***Ngħaġ il-Baħar***, għalkemm dwar dan l-isem hemm xi ftit tal-konfużjoni għax il-kotra tal-kitbiet li ltqajt magħhom jagħtuk x'tifhem li jirreferi għall-port tal-Qbajjar u mhux għal hawn. Jidher ukoll li l-isem m'għadux magħruf fost is-sajjieda tal-lokal. U forsi wieħed jistaqsi, mewġ il-baħar mhux max-xtut kollha jħabbat? Għaliex għandu jissemma hekk post wieħed partikolari, hu fejn hu? It-tweġiba nsibuha f'taħsira ta' isem eqdem bħal "Imwieġel Baħar" jew "Mâġil Baħar" (jekk mhux ukoll "Imwieġel Qbajjar"?). Il-kelma "imwieġen" u s-singular tagħha "mâġin" jindikaw bjar baxxi jew ħwat imħaffrin fil-blat bħalma wieħed jistenna li jara fl-inħawi ta' madwar is-salini, u għalkemm ilhom li nqerdu mil-lingwa mitkellma, għadna niltaqgħu magħhom (normalment miktubin bl-


San Lawrenz
Gharb
Ghammar
Ta' Bbiegi


18
ZEBBUG
Ghasri
Marsalforn
Tas Salvatur
Dabrani
Ta' Kuljat
Il-Harrax

## *Werrej għall-Mapep*

1. Il-Qolla s-Safra
2. Il-Qbajjar
3. It-Torri tal-Qbajjar
4. Il-Ponta tat-Torri
5. Il-Qolla l-Bajda
6. L-Għar ta' Santa Marija
7. Il-Ġebla tal-Kwakki
8. Ix-Xwejni / Il-Qala tax-Xwejni
9. Il-Qolla l-Ħamra
10. Is-Sewda / Is-Swejda
11. Ta' Rafel
12. L-Għar ta' San Martin
13. Tal-Wiżna
14. Ta' Bembla
15. Għajn Melel
16. Tal-Ħass
17. Ras ir-Reqqa
18. Is-Sikka ta' Kalanġ
19. Il-Ħofra
20. Il-Bir
21. L-Għalja
22. Il-Minfes
23. Ix-Xriek
24. Għar Ħanżira
25. L-Imsaqqfiet
26. Għar Ħamruni
27. Il-Gejjuża
28. Il-Ħdejdija/L-Għar tal-Ħdejdija
29. Is-Siġġu
30. Ras il-Kanun / Il-Kanun
31. Għar il-Qamħ
32. Ras iċ-Ċatta
33. Ta' l-Arluġġar
34. Għar ir-Riħ
35. Il-Bokka tal-Wied
36. Tas-Sagħtrija / Is-Sagħtrija
37. Il-Wied ta' Nikol
38. Tal-Benniena
39. Il-Wied tal-Baqra
40. Tal-Baqra
41. Tal-Baħri
42. Ta' Grabiel
43. Ta' Għajn Quċċât
44. Għajn Quċċât
45. Il-Qortin ta' Wied il-Għasri
46. Ta' Borgu
47. Il-Bajjada
48. Ras il-Qortin
49. Is-Sikka tal-Qortin
50. Ras il-Forna / Il-Kap tal-Forna
51. Tal-Qriewes
52. L-Għar taz-Zokkor
53. Ta' Ċirkisa
54. Il-Forna/ Għar il-Forna/ L-Għar tal-Forna
55. L-Għar il-Għoli
56. L-Għar tal-Miġra
57. Il-Miġra
58. Tal-Ġurdan
59. Tas-Sfunnarija
60. Tal-Ħamri
61. Tal-Ħafi
62. Tal-Ħawt
63. Il-Kappara
64. L-Għar tal-Kappara
65. Ras ta' Pinu / Ta' Tappina
66. L-Għar tal-Margun
67. Il-Fonda tal-Margun
68. Il-Ħarrieġa tat-Tieqa
69. Wied il-Mielaħ
70. Il-Ħofra tat-Torok
71. It-Tieqa/ It-Tieqa ta' Wied il-Mielaħ
72. Ta' Pipu
73. Il-Plier ta' Ġewwa
74. Il-Plier ta' Barra
75. Tat-Tieqa
76. L-Għar tat-Tieqa
77. Ta' Żerżaq
78. Il-Kerha
79. Il-Fonda
80. L-Ingieret
81. Il-Ħotba ta' l-Ingieret
82. Wied Ħurrieqa
83. Il-Wied ta' Kremona
84. It-Tafla
85. Ta' Lexxuna
86. Ta' Ħurrieqa
87. Ta' Kremona
88. Il-Mitħna
89. Għar ix-Xiħ
90. Ir-Rundellu
91. It-Travżin
92. Il-Buqrajt
93. Ras il-Ħekka
94. Il-Pulptu
95. Tar-Roġġ
96. Tar-Roġġ Fuq
97. Tar-Roġġ Isfel
98. L-Għar tar-Roġġ
99. Il-Wied ta' Milied
100. Il-Ħotba ta' Milied
101. Il-Wied tas-Suf
102. Ta' Milied
103. Ta' San Dimitri
104. Taċ-Ċawla
105. Il-Ġebla s-Sewda
106. Il-Bajjada
107. Ħalq Ħamiem
108. L-Għar tal-Ħamiem
109. San Dimitri / San Mitri
110. Tal-Basal
111. L-Għar tal-Basal
112. L-Għar ta' Kurrat
113. L-Għar taċ-Ċawla
114. Il-Wied taċ-Ċawla
115. Tal-Laqx
116. Ta' Abdilla
117. Ta' Ġarriska / Il-Ġarriska
118. L-Andar ta' Ġarriska
119. Il-Ħotba ta' Ċini / Ta' Ċini
120. L-Għalieqi
121. Ta' Majs
122. Wied ir-Rohob/ Wied ir-Rahab
123. Ta' Birbuba
124. Ta' Mannara
125. Ta' Feliċi
126. Tal-Ħellu
127. Ta' Mira
128. Ta' Mungur
129. Tal-Kemmuni
130. Ta' Wied ir-Rahab
131. Il-Bajjâd
132. Il-Qasam
133. Il-Ħotba tal-Qasam
134. L-Għar tal-Ħanex /Il-Ħanex / Għar il-Ħanex
135. Is-Sikka ta' Wiereb

136. Ta' Wiereb
137. L-Għar ta' Wied ir-Rahab
138. Sieq il-Baqra
139. Il-Maqtugħa
140. Il-Marpas
141. L-Għar tal-Marpas
142. Tal-Ħamrija
143. L-Irdum
144. Il-Qortin
145. Kap San Dimitri/ Kap San Mitri
146. Ġebel it-Tirxija
147. Il-Gudja
148. Il-Ħotba tal-Bies / Tal-Bies
149. Il-Gudja
150. It-Tafal
151. It-Tafla ż-Żgħira
152. Il-Qasam ta' Ġewwa
153. Ix-Xaqqufija
154. Il-Wilġa
155. Ta' Ċamma
156. Ir-Ras ta' Ċamma
157. Il-Maqjel
158. Il-Maħsel / Tal-Maħsel
159. Il-Ponta tal-Ħawt
160. Il-Ġebel ta' Rexieqa
161. Ħarq Mannara / Ħalq Mannara
162. Tal-Gruzzjal
163. Tal-Ġonna
164. Il-Wied tal-Ġonna
165. Ta' Għammâr / Fuq ta' Għammâr
166. Tat-Tafla / Ta' Leveċa
167. Tas-Sined
168. Ta' Abram
169. Il-Knisja tal-Wied / Tal-Patroċinju
170. Ġnien il-Għorfa / Ta' Xammar
171. Wied il-Għasri
172. Il-Wied ta' Feliċ
173. Il-Fanal ta' Ġurdan
174. Tal-Gallina
175. Il-Wied tal-Gallina
176. Il-Wied tas-Sipa
177. Il-Wied taċ-Ċakra
178. Taċ-Ċakra
179. Tas-Sipa
180. Il-Wied ta' Sdieri
181. Ta' Dbieġi
182. Ir-Roqgħa
183. Il-Fgura
184. Ta' Pinu / Il-Madonna ta' Pinu / Santa Marija tal-Ġentili
185. Ta' Sdieri
186. Fuq il-Blata
187. Il-Ħofra
188. It-Triq tal-Ġidi
189. Tal-Ġidi
190. Ta' Ċenċula
191. Tal-Qsajjem
192. Il-Wied tal-Madliena
193. Ta' Għammâr
194. San Pupulju
195. Il-Wied tal-Knisja
196. Tal-Ħriż
197. Il-Wied tal-Ħriż
198. Santu Pietru
199. Tal-Virtut / Taż-Żejt
200. Il-Wied taż-Żejt
201. It-Triq tat-Trux
202. It-Telgħa tal-Qird
203. San Katald
204. Ta' Lanza
205. Il-Pirjolin
206. Ta' San Dimitri
207. Ta' Garrija
208. Il-Wied ta' Garrija
209. Ix-Xgħira
210. Il-Barumbara ta' Leksju
211. Il-Ħotba ta' Kanġla / Ta' Kanġla
212. Il-Wied ta' Kanġla
213. Il-Wied tal-Qabar
214. Taż-Żarb
215. Ta' Fħart
216. Ta' Pirnewnu



**Il-kappella ta' San Dimitri, l-Għarb. Disinn ta' Mike Spiteri (Kilin) meħud mill-ktieb tiegħu: *A Maltese Mosaic*.**

aħħar ittra mgħawġa minn 'n' għal 'l') fit-toponomastika tal-gżira ta' Malta, ngħidu aħna ħdejn ix-Xgħajra. Interessanti li l-istess toponimu (miktub bit-Taljan bħala "Muegen" u spjegat bħala *"contrada delle cisterne"*) jeżisti wkoll fuq il-gżira ta' Pantelleria sewwasew fejn hemm xi fosos antiki. X'imkien qrib ta' Ras ir-Reqqa, jissemma wkoll ***Għar ix-Xiħ***, iżda dan ma rnexxilix insib fejn hu; forsi huwa biss isem ieħor għal xi wieħed mill-għerien ta' l-inħawi.

Minn Għar Ħanżira 'l quddiem, jibda sies baxx iżda wieqaf. L-ewwel biċċa tiegħu isibuha bħala ***L-Imsaqqfiet***, u f'rokna biswitha hemm ***Għar Ħamruni***, għar ċkejken f'wiċċ il-baħar. Imbagħad hemm posta tas-sajd imsejħa ***Il-Gejjuża***, u warajha ***Il-Ħdejdija*** jew ***L-Għar tal-Ħdejdija***. Din ta' l-aħħar hija xkaffa wiesgħa ftit 'il fuq mill-baħar taħt is-sies; trid tixxabbat biex tilħaqha (tant li hemm xi ħadidiet imsammrin fil-blat biex is-sajjieda jixxabbtu magħhom bil-ħbula), għalkemm għadu jidher il-fdal ta' taraġ qadim maqtugħ fil-blat. Isimha, kif ukoll l-għamla tal-blat li jittawwal għal fuqha, jagħtuk x'tifhem li forsi dari setgħet kienet imsaqqfa qabel ma tqaċċat xi blat għal isfel. Fiha wkoll banju żgħir maqtugħ fil-blat. Fil-qrib hemm xkaffa oħra iżgħar (***Is-Siġġu***), u malli taqbiżha tasal fil-ponta wieqfa u rqieqa msejħa ***Ras il-Kanun*** (jew inkella ***Il-Kanun*** jew ***Tal-Kanun***). Skond xi sajjieda, fl-imgħoddi ma' dil-parti tax-xatt kienu kultant jaraw il-kurazzi (*hammerhead sharks*).

### *Wied il-Għasri u madwaru*

Ras il-Kanun tikser ħesrem għal ġo għar daqsiex (***Għar il-Qamħ***) li jħares lejn il-majjistral u li jista' jintlaħaq bil-għawm wara tixbita żgħira ma' Ras il-Kanun; fuq ġewwa fih xkaffa mdaqqsa mal-livell tal-baħar, filwaqt li mas-saqaf tiegħu hemm żewġ toqob maqtugħin, aktarx biex minnhom itellgħu l-ilma għas-salini. Dawn jistgħu jkunu ta' periklu għal min jittanta jippassiġġa aljenat max-xifer li jwassal lejn ***Ras iċ-Ċatta***, mal-ġenb l-ieħor tal-għar. Fil-medda ta' blat għoli li tittawwal għal fuq dawn l-inħawi jispikka kumpless ieħor ta' salini magħruf bħala ***Tal-Arluġġar***, li nbena fl-1742 u llum jinsab żdingat. Jingħad li l-ġrajja ta' dawn is-salini kienet waħda ta' żvintura, fost oħrajn wara li sidhom l-arluġġar fettillu jniffed spiera għal ġo għar kbir li jinsab taħthom (***Għar ir-Riħ***) sabiex il-baħar ifawwar dritt għal ġo fihom meta jkun hemm il-maltemp, u b'hekk jiffranka l-keded biex itella' l-ilma f'dawn is-salini li jinsabu fil-għoli. Iżda jidher li dan beda jwassal ukoll ir-raxx mielaħ tal-baħar għal fuq l-egħlieqi ta' terzi, li fittxewh għad-danni sa ma faqqruh u qajla qajla wassluh sal-qabar bil-għali. Jista' jkun li uħud mid-dettalji huma żidiet leġġendarji aktar milli fatti storiċi, iżda jekk wieħed iħares bir-reqqa lejn l-inħawi jintebaħ li qalb is-salini tassew hemm spiera tonda misduda bil-ġebel u minn taħtha ġieli jinstema' l-baħar iħabbat. Daqstant ieħor, minn ġo l-għar tidher l-istess spiera mtaqqba pulita fis-saqaf u mbarrata bix-xorok biex l-ilma ma jogħliex minnha; għadhom jidhru saħansitra l-iskaluni maqtugħin fil-ġenb tagħha. Għar ir-Riħ innifsu jintlaħaq b'tixbita minn ħdejn is-salini stess li twassal għal bokka żgħira ftit 'il fuq mill-baħar (li minnha ġieli tonfoħ żiffa qawwija li aktarx tatu ismu), jew inkella permezz ta' għodsa minn ġo bokka akbar taħt l-ilma. F'dawn l-aħħar snin, dan l-għar ukoll sar popolari mal-bugħaddasa, għalkemm b'xorti ħażina hemm min qed jinkoraġġixxi l-vizzju li jivvintawlu ismijiet kummerċjali bla ebda preġju (f'dal-każ *"Cathedral cave"*) minflok ma jkun apprezzat l-isem u l-karattru propju tal-post. Ftit biss 'il ġewwa minn Għar ir-Riħ tispikka ***Il-Bokka tal-Wied***, il-fetħa ta' ħondoq kbir, dejjaq u għoli li hawnhekk jingħaqad mal-baħar miftuħ— ***Wied il-Għasri***. L-istess bħal Wied iż-Żurrieq u Mġarr ix-Xini, din il-bajja tawwalija, irqiqa u mserrpa (bi xtajta żgħira u ċagħqija fuq ġewwa nett) hija t-tarf nofsu mgħarraq ta' wied fond (ukoll imsejjaħ Wied il-Għasri) li sal-lum għadu jċarċar għal ġo fiha. U m'hemmx xi ngħidu, hija fost l-aktar xenarji spettakolari fil-Gżejjer Maltin. Tista' tinżel għaliha permezz ta' taraġ maqtugħ fil-blat li jwasslek għal fuq ix-xtajta; isfel hemm ukoll xi kmamar qodma tas-sajjieda u għar ieħor żgħir iżda wiesa' fil-baħar baxx biswitha. Fis-saqaf ta' dan l-għar hemm imniffda spiera wiesgħa u fonda mnejn dari kien jittella' l-ilma mielaħ sabiex jintuża fis-salini.

Jittawlu mill-għoli hemm imbagħad l-artijiet weqfin ***Tas-Sagħtrija*** (jew ***Is-Sagħtrija***). Dan l-isem aktarx għandu x'jaqsam mas-sagħtar li jikber qalb il-blatiet li jinstabu mgerrbin mal-ġnub taflin ta' l-għolja taż-Żebbuġ, iżda l-post huwa magħruf l-aktar għall-alabastru sabiħ li kien instab hawn għall-ewwel darba fl-1738. L-aħħar blat li nkiseb mis-Sagħtrija ntuża għal diversi opri li llum iżejnu l-knisja parrokkjali taż-Żebbuġ minn ġewwa, wara li mill-istess materjal kienu nħadmu xogħlijiet iżgħar fil-kappella ta' Wied il-Għasri u fil-katidrali tal-Imdina, tal-Belt Valletta u tar-Rabat t'Għawdex. Minn dawn l-artijiet għoljin jinżel ukoll wied żgħir (***Il-Wied ta' Nikol***), li l-ewwel jaqbeż l-artijiet ***Tal-Benniena*** imbagħad jibqa' għaddej (flimkien mal-kwantità ta' naqal, tajn u ġebel li jaf iġorr miegħu l-ilma) propju minn ġo nofs is-salini msejkna Tal-Arluġġar, sa ma jasal biex iferra' l-ilma li jifdal għal fuq is-sies ħdejn Għar il-Qamħ. Qrib tiegħu jgħaddi wkoll wied ieħor daqsu (***Il-Wied tal-Baqra***), iżda dan imbagħad jitbiegħed mill-ieħor li semmejna qablu, jibqa' nieżel bejn l-artijiet ***Tal-Baqra***, ***Tal-Baħri*** u ***Ta' Grabiel*** u fl-aħħar jaqa' mill-għoli qisu doċċa għal ġol-baħar baxx fid-daħla ta' Wied il-Għasri. Kemm il-Wied ta' Nikol kif ukoll dak tal-Baqra jibdew minn taħt l-art għolja ***Ta' Għajn Quċċât***, fejn teżisti nixxiegħa oħra (***Għajn Quċċât***) taħt waħda mill-ogħla bnadi taż-Żebbuġ.

## *Is-sisien tal-Għasri*

Malli taqbeż Wied il-Għasri, tibda kullana ta' sisien għoljin li minn hawn 'il quddiem tiddomina l-pajsaġġ ta' max-xatt. Il-ġenb tal-wied huwa biss waħda mill-faċċati weqfin li jdawru ***Il-Qortin ta' Wied il-Għasri***, promontorju għoli u wiesa' li jibda mill-artijiet ***Ta' Borgu*** u ***Il-Bajjada***, u jibqa' ħiereġ għal fuq il-baħar miftuħ, fejn jinqasam f'żewġt irjus. L-ewwel waħda tħares lura lejn Wied il-Għasri u Tal-Arluġġar u, skond Zammit-Ciantar, isimha magħha: ***Ras il-Qortin***. Taħtha hemm sikka żgħira (***Is-Sikka tal-Qortin***, miktuba fil-mapep uffiċċjali

bħala "*Is-Sikkina tal-Qortin*") li toħroġ minn mal-Bokka tal-Wied sewwasew faċċata ta' Għar ir-Riħ. L-oħra hija ***Ras il-Forna*** (jew ***Il-Kap tal-Forna***), bil-ħotba ***Tal-Qriewes*** fil-quċċata tagħha. Bejn dawn iż-żewġ trufijiet hemm sensiela ta' erba' għerien dojoq mal-baħar li ffurmaw matul xi xquq fil-blat; l-akbar wieħed fosthom jissemma f'kitbiet qodma bħala ***L-Għar taz-Zokkor***. Ħdejhom, skond xi mapep, hemm ***Is-Siġġu*** u ***Ix-Xriek***, għalkemm dwar dawn għandi xi dubji peress li l-istess ismijiet diġà ltqajna magħhom ftit biss 'il bogħod, bejn Wied il-Għasri u Ras ir-Reqqa.

Ras il-Forna tidher tassew imponenti jekk tħares lejha mill-punent, għax tikser ħesrem għal fuq daħla wiesgħa (***Ta' Ċirkisa***) li tagħti rdoss mil-lvant u l-grigal iżda li hija miftuħa beraħ għall-punent, il-majjistral u t-tramuntana. Is-sies jibqa' għoli u wieqaf, u mad-dawra kollha hemm sensiela ta' għerien kbar fil-baħar. L-ewwel wieħed jissejjaħ ***Il-Forna***, inkella ***Għar il-Forna*** jew ***L-Għar tal-Forna***; għandu l-bokka kwadra u huwa kbir u pjuttost fond 'il ġewwa. Ta' min igħid li l-kelma "forna" tfisser forn żgħir iżda ġieli tintuża wkoll għal dan it-tip ta' għar fil-baħar, forsi minħabba x-xebħ li jagħtu uħud mill-għerien. Jekk wieħed iħares bir-reqqa lejn il-blat żonqri ta' fuq dan l-għar, jintebaħ li fih bħal ħafna grif immejjel; dan huwa r-riżultat ta' tkaxkir tar-ramel mill-kurrenti tal-baħar meta l-blat kien għadu qed jifforma. Għal min jinteressah, dan id-dettall huwa spjegat aħjar fil-ktieb *"Limestone Isles in a Crystal Sea"* li fih ukoll ritratt ta' l-Għar tal-Forna. Maġenbu hemm ***L-Għar il-Għoli***, inqas fond minn ta' qablu, iżda ismu miegħu billi l-bokka tiegħu kważi tkejjel is-sies. Imrekken fil-qrib fuq ġewwa nett tad-daħla, biswit għar ieħor żgħir b'bokka kwadra, hemm imbagħad ***L-Għar tal-Miġra***. Dan inzerta direttament taħt wied żgħir (***Il-Miġra***) li jibda minn taħt l-għolja ***Tal-Ġurdan***, jiġbor l-ilma mill-artijiet ta' taħtha (***Tas-Sfunnarija***, ***Tal-Ħamri***, ***Tal-Ħafi***, ***Tal-Ħawt*** u Il-Bajjada), u minn hemm iċarċar lejn xifer is-sies. Ftit aktar 'il bogħod taħt ***Il-Kappara***, posta mfittxija għas-sajd bil-purċellat għall-voparella, hemm ukoll ***L-Għar tal-Kappara***. Malli taqbżu, is-sies jerġa' jisporġi 'l barra bħala ***Ras ta' Pinu*** (imsejħa wkoll ***Ta' Tappina***), li f'suritha tixbaħ kemmxejn lil Ras il-Forna. Mistur fil-faċċata tagħha u qisu qed iħares lejn il-qilla tal-majjistral, hemm wieħed mill-akbar għerien fil-Gżejjer Maltin: ***L-Għar tal-Margun***. Biex tarah mill-art trid tittarraf, iżda minn fuq dgħajsa jispikka bħala bokka m'ogħla xi ħdax-il sular. Huwa twil ħafna, u wiesa' biżżejjed biex b'luzzu mdaqqas darba konna dħalna sa aktar minn nofsu; il-bqija komplejnieha bil-għawm. Fuq l-għar hemm posta tas-sajd magħrufa għall-vopi ħoxna u msejħa ***Il-Fonda tal-Margun***, isem f'loku meta tqis il-fond tal-baħar quddiem l-għar. Interessanti wkoll li dan huwa fost l-imkejjen f'Għawdex li huma msemmijin għal għasafar li llum qajla għadek tarahom— margun huwa għasfur b'għonq twil li jogħdos għall-ħut (bit-Taljan jissejjaħ *cormorano*, iżda wkoll *marangone, mergo, smergo* jew *mergone* mnejn fil-fatt tnisslet il-kelma Maltija). Uħud mill-għerien ta' l-inħawi huma mniżżla b'mod żbaljat f'xi pubblikazzjonijiet— ngħidu aħna, "Forma" flok "Forna", "Nigra" flok "Miġra", "Kapparat" flok "Kappara" u "Margrew" flok "Margun". Mad-daqqa t'għajn, jidher li dawn l-iżbalji nqalgħu waqt it-traduzzjoni ta' manuskritti storiċi bħal ta' Agius DeSoldanis, fejn il-kalligrafija mħarbxa u l-ortografija ta' dari mhux dejjem igħinu lir-riċerkatur.

### ...u dawk tal-Għarb

Ftit aktar 'il quddiem, naslu fil-ħalq ta' ***Wied il-Mielaħ***, wied kbir u wiesa' li jibda mill-bogħod. Lejn tmiemu, dan il-wied jaqta' 'l isfel f'daqqa u jifforma ħondoq fond li jinfed is-sies u jibqa' nieżel tista' tgħid sal-livell tal-baħar. Il-qiegħ tal-ħondoq sewwasew fejn il-wied jiftaħ għal ġol-baħar kien magħruf bħala ***Il-Ħofra tat-Torok***, għax skond għajdut lokali ġieli kienu jiżbarkaw il-furbani Torok fih. Dan jinfed mill-ewwel mal-baħar miftuħ minn taħt ħnejja naturali daqsiex (għolja xi disa' sulari) magħrufa bħala ***It-Tieqa***, jew inkella ***It-Tieqa ta' Wied il-Mielaħ*** biex tingħaraf mill-oħra aktar famuża li hemm fid-Dwejra, li magħha tħabbatha kemm fid-daqs kif ukoll fi sbuħitha. Dari ġieli kien hemm min jinżel igħum hawn, iżda ħadd ma kien jazzarda joħroġ 'il barra minn mal-blat. Niftakar lil qrabati dejjem isemmu li xi ħadd darba kien telaq kelb igħum hawn u dan inħataf minn xi ħuta kbira wara li qagħad iċafcaf ferħan ġol-baħar miftuħ; ftit wara f'wiċċ l-ilma tfaċċa nofs il-kelb mimli demm. Għadni s'issa ma nafx jekk din kinitx ġrajja li seħħet tassew jew inkella xi ħrafa li kienu jirrakkontaw lit-tfal biex ibeżżgħuhom u jżommuhom 'il bogħod mill-periklu. Bi dritt is-saqaf tat-Tieqa, mill-ġenb l-ieħor tal-ħondoq joħroġ pizz wiesa' msejjaħ ***Il-Ħarrieġa tat-Tieqa***, filwaqt li ma' sieq it-Tieqa nnifisha hemm żewġ postijiet mnejn jiddendlu s-sajjieda biex jistadu: ***Il-Plier ta' Ġewwa*** u ***Il-Plier ta' Barra***. Flimkien isibuhom bħala ***Tat-Tieqa***, u x'imkien ħdejhom hemm ukoll posta oħra (***Ta' Pipu***) mnejn jistadu aktar mill-għoli. Fuq iż-żewġ naħat tat-Tieqa hemm ukoll żewġ għerien imdaqqsin fil-baħar, wieħed minnhom ismu miegħu: ***L-Għar tat-Tieqa***. Jaqbdek il-biki x'ħin tara kif ***Wied il-Mielaħ*** tbiddel minn ġawhra tan-natura għal bokka tad-dranaġġ ewlenija fis-snin sittin, u kif maż-żmien nibtu sfreġji oħra aktar reċenti li komplew għarrquh. Jidher li sa fl-aħħar hemm pjanijiet biex jinqata' l-ħruġ tad-dranaġġ u biex forsi xi darba, jekk ix-xogħol isir kif għandu jkun, dan l-ambjent uniku jitraġġa' lura għas-sbuħija u s-seħer ta' l-imgħoddi. Iżda għalisssa, nippruvaw ninsew ftit din il-ġerħa fil-pajsaġġ u nkomplu mexjin lejn sensiela ta' posti tas-sajd imperrċin wara t-Tieqa. Isem l-ewwel tnejn (***Ta' Żerżaq*** u ***Il-Kerha***) donnu relatat mat-tixbit mas-sies, u l-'kruha' hawn aktarx tindika xi biċċa mwiegħra aktar milli kwistjoni ta' sbuħija. Warajhom hemm ***Il-Fonda***, li t-tifsira tagħha jagħtihielna l-baħar ta' taħtha. Imbagħad hemm ***L-Ingieret*** (plural ta' "nigret", aktarx mit-Taljan 'negro'), kelma li dari kienet tintuża għat-tajr sewdieni bħaċ-ċawl li kien jittajar fl-inħawi qabel ma nqered għal kollox minn pajjiżna. L-istess isem narawh ukoll f***il-Ħotba ta' l-Ingieret***, li togħla bil-mod fuq dawn l-inħawi u tifred lil Wied il-Mielaħ minn ***Wied Ħurrieqa***. Dan ta' l-aħħar huwa wied baxx li jserrep bejn l-artijiet ***Ta' Lexxuna***, ***Ta' Ħurrieqa***, u ***Ta' Kremona*** qabel ma jixħet l-ilma tiegħu mill-għoli tas-sies ħdejn posta oħra mlaqqma ***Il-Mitħna***. Fil-mapep, ras il-wied hija indikata bħala ***Il-Wied ta' Kremona***,

u tibda sewwasew mal-ġenb ta' tumbata żgħira tat-tafal (isimha magħha - ***It-Tafla***) li dwarha nitkellmu dalwaqt. Taħt Wied Ħurrieqa jinsab ***Għar ix-Xiħ***, għar wiesa' iżda ftit li xejn fond li hemm ma' wiċċ il-baħar.

It-tliet posti tas-sajd li jmiss għandhom ismijiet kemmxejn strambi: ***Ir-Rundellu***, ***It-Travżin***, u ***Il-Buqrajt***. L-ewwel tnejn m'għandix ħjiel xi jfissru, filwaqt t-tielet waħda tidher qisha taħsira ta' "buqrajq" (tip ta' għasfur). Hawn wasalna ħdejn il-kap prominenti ta' ***Ras il-Ħekka***, kisra oħra ewlenija max-xatt li meta tħares lejha minn fuq dgħajsa għandha bixra qisha maħkuka u migrufa. Is-sies kemmxejn imfaqqam mal-faċċata tagħha isibuh bħala ***Tar-Roġġ***. Niftakar lil zijuwi jirrakkonta ġennata ta' wieħed minn sħabu mill-Għarb stess li darba kien fettillu jaqbeż għal isfel minn hawn. L-istess isem li narawh ripetut ***fl-Għar tar-Roġġ*** li jinsab taħtu kif ukoll f'żewġ xkafef (***Tar-Roġġ Fuq*** u ***Tar-Roġġ Isfel***) mnejn jistadu s-sajjieda wara li jixxabbtu mal-blat. Oħrajn jistadu minn fuq ***Il-Pulptu***, xoffa oħra għolja maħruġa 'l barra minn din ir-ras. Fuq l-art naraw ukoll ***Il-Ħotba ta' Milied***, roqgħa watja li tittawwal għal fuq Ras il-Ħekka b'sensiela ta' ħaġriet kbar imxerrdin fuqha. Mad-daqqa t'għajn taħsibhom fdalijiet ta' xi tempju megalitiku, iżda fil-fatt huma naturali. Dan ma jtellifx mill-interess tagħhom, għax tabilħaqq huma l-aħħar traċċi ta' għolja qadima li ttieklet għal kollox mill-elementi, biex kulma fadal minnha huma dawn il-ftit ġebliet tal-qawwi mxerrdin f'pajsaġġ fejn dan is-saff tal-blat m'għadux jeżisti aktar. Flimkien ma' ħjiel ieħor imxerred madwar l-inħawi, ngħidu aħna It-Tafla (tumbata ċkejkna taflija ħdejn il-kappella ta' San Dimitri) u Il-Ħotba tal-Bies (oħra bħalha 'il hinn minn Wied ir-Rahab, li nitkellmu dwaru aktar 'il quddiem), dan il-post għandu valur xjentifiku għax jagħti xhieda importanti dwar kemm kienu differenti dawn il-bnadi fl-imgħoddi. Il-Ħotba ta' Milied tifred minn xulxin ***Il-Wied ta' Milied*** u ***Il-Wied tas-Suf***, żewġ widien baxxi li jibdew minn taħt il-kapella ta' San Dimitri u li jinżlu lejn it-tramuntana minn bejn l-artijiet ***Ta' San Dimitri***, ***Ta' Lexxuna***, ***Taċ-Ċawla*** u ***Ta' Milied***, sa ma jintemmu f'Ras il-Ħekka u Tar-Roġġ. Il-Wied ta' Milied mhuwiex għajr gandott naturali dejjaq u mserrep maqtugħ fil-blat mikxuf, filwaqt li l-ieħor tas-Suf huwa ftit usa' u mimli qasab. Għal aktar minn nofs it-tul tagħhom, iż-żewġ widien igħaddu ftit passi biss bogħod minn xulxin u bilkemm hemm għalqa jew tnejn bejniethom, iżda mbagħad il-Wied ta' Milied jaqta' ftit ftit 'l isfel max-xaqliba tal-lvant tal-Ħotba ta' Milied, waqt li l-Wied tas-Suf jaqa' minn fuq stroff tal-franka m'ogħla sular man-naħa l-oħra tagħha. Aktar lejn il-punent, l-istess stroff jingħaqad ma' xifer is-sies, fejn jispikka bħala saff ċar tant li l-post jafuh bħala ***Il-Bajjada***. Il-faċċata li magħha jċarċar Il-Wied tas-Suf maż-żmien kisbet lewn skur u għaldaqstant isejħulha ***Il-Ġebla s-Sewda***. Fil-qrib, l-erożjoni ħolqot skerz tan-natura madwar ħaġra ċatta li kienet tgerrbet għal fuq il-blat artab tal-franka. Billi l-ħaġra tal-qawwi tiflaħ aktar għall-elementi, baqgħet hemm (flimkien ma' għonq dejjaq ta' blat li kien taħt il-kenn tagħha) waqt li l-blat ta' madwarha therra, hekk li maż-żmien ħadet is-sura ta' faqqiegħa. Ħdejha eżatt hemm skultura oħra naturali, ***Ħalq Ħamiem***— fetħa tawwalija u fonda fl-art li tinfed dritt 'l isfel minn ġo saqaf ta' għar b'bokka daqsiex (***L-Għar tal-Ħamiem***) li jinsab mal-baħar bosta sulari taħtha. Għandha bixra kemmxejn tal-biża' li donnha twissik li mhux għaqli li tittarraf għal fuq xofftejha biex tittawwal għal ġewwa. Iżda minkejja l-għoli, minn ġo fiha xorta jitla' r-raxx tal-baħar salvaġġ waqt xi maltempata mill-qliel nett, u l-qtar mielaħ kultant jinħass sew anke fil-bogħod, saħansitra ħdejn Ta' Pinu. U x'ingħidu dwar l-isem? Filwaqt li l-ħamiem għadu sal-lum jinstema' jgorr taħt l-art, mhux ċar jekk l-isem oriġinali kienx "Ħalq" jew "Ħarq" (jiġifieri xaqq), għax hawnhekk naraw qasma naturali li fl-istess waqt tfakkrek f'ħalq miftuħ lest biex jibla'. L-istess taħwid bejn dawn iż-żewġ kelmiet li jixtiebħu narawh ukoll f'postijiet oħra fil-Gżejjer Maltin, ngħidu aħna Il-Ħluq ta' l-Irqieqa f'Kemmuna, Il-Ħarq tan-Niġes fl-Aħrax tal-Mellieħa, Ħalq it-Tafal u Ħalq is-Sigar fil-Qrendi, u Ħalq Mannara u l-Ħluq ta' San Mitri fil-punent t'Għawdex stess. U hawnhekk ma nistgħux ma ngħidux xi ħaġa dwar il-kappella mwarrba ta' ***San Dimitri*** (jew ***San Mitri***, kif kienu jsibuha x-xjuħ ta' l-Għarb) li tiddomina l-mogħdijiet tal-kampanja li jagħtu għal dawn l-inħawi, u li nbniet mill-ġdid bosta drabi bejn is-Seklu XVI u l-bidu tas-Seklu XIX. Skond waħda mill-aktar leġġendi Għawdxin magħrufa, hawnhekk seħħ miraklu fejn il-qaddis patrun ta widen lit-talb ħerqan ta' waħda armla fqajra (Żguġina) biex binha jitraġġa' lura mill-jasar wara li kienu ħaduh il-furbani Torok li kienu jissajjaw fil-kampanja. Niftakar lil nannti (Alla jaħfrilha) ssaħħarni bir-rakkont ta' kif dal-qaddis rieke b fuq żiemel inqala' mill-inkwatru li kien hemm fil-kappella, lebbet 'il barra għal fuq il-baħar sa ma laħaq il-furbani, u reġa' lura bit-tifel qawwi u sħiħ. Bħala tifkira, ħalla wkoll il-marki tan-nagħal minquxa fil-blat. Għal dan, ix-xwejħa żammet il-wegħda li tixgħellu qasba żejt kuljum. Il-leġġenda tkompli li din il-ġrajja seħħet f'kappella medjevali li kienet qrib l-irdum, u li maż-żmien waqgħet għal ġol-baħar meta ġġarrfet l-art li kienet mibnija fuqha. Minflokha nbniet oħra aktar 'il ġewwa li għadha hemm sal-lum, però, oħroġ il-għaġeb, il-kappella l-qadima ma nqerditx u l-musbieħ tagħha baqa' jixgħel fil-qiegħ saħansitra wara li kienet ilha li ntesiet.

## *Wied ir-Rahab u Kap San Dimitri*

Wara li taqbeż posta tas-sajd magħrufa bħala ***Tal-Basal***, ifeġġu tliet għerien fil-baħar: ***L-Għar tal-Basal***, ***L-Għar ta' Kurrat*** u ***L-Għar taċ-Ċawla***. Il-bokok tagħhom huma iżgħar minn ta' L-Għar tal-Ħamiem, iżda dan b'ebda mod ma jfisser li dawn huma xi għerien ċkejknin. Tabilħaqq, L-Għar ta' Kurrat huwa twil ferm u fih qadfa liema bħalha biex tasal sa ġewwa nett; ikompli saħansitra biċċ'oħra minn taħt l-ilma, mnejn jerġa' jitla' għal ġo sala bl-arja li ma tinfidx mal-baħar miftuħ. Mhux għal kollox ċar jekk il-kelma "kurrat" hix qed tirreferi għall-isem Corrado jew inkella għax-xitla tal-kurrat, forsi wkoll bħala laqam ta' xi ħadd. L-Għar taċ-Ċawla, imsemmi għall-inħawi ta' madwaru, huwa iqsar u għandu żewġ bokok, waħda mdaqqsa ma' wiċċ il-baħar u l-oħra aktar fil-fond. Ma' qiegħ il-baħar taħt it-tliet għerien li semmejna hemm ukoll għar ieħor iżgħar (ir-raba'

wieħed) mgħaddas għal kollox. Aktarx minħabba tfixkila bejn żewġt ismijiet li jixtiebħu ("Taċ-Ċawla" u "Ta' Ċamma"), dawn l-għerien saru magħrufa fost il-bugħaddasa bħala "Ta' Ċamma", isem b'ieħor li wara kollox jeżisti band'oħra u jinstab ferm aktar 'l hinn bejn Kap San Dimitri u d-Dwejra. Sewwasew fuqhom, hemm ***Il-Wied taċ-Ċawla*** li minn fuq il-baħar jintgħaraf permezz ta' żewġ xquq ġeoloġiċi (*faults*) li bla dubju għenu fit-tiswir tiegħu. Dan il-wied qsajjar u wiesa' għandu żewġ fergħat, jew tributarji, li jibdew mil-artijiet ***Tal-Laqx*** u ***Ta' Abdilla*** fuq naħa u dawk ***Ta' Ġarriska*** (jew ***Il-Ġarriska***) u ***L-Andar ta' Ġarriska*** fuq in-naħa l-oħra aktar lejn il-punent. Bilkemm jilħqu jingħaqdu dawn iż-żewġ fergħat, għax minnufih il-wied ewlieni jsib tarf is-sies u jsawwab l-ilmijiet tiegħu għal isfel. L-ogħla parti tal-Ġarriska għandha l-forma ta' quċċata tonda (***Il-Ħotba ta' Ċini***, jew ***Ta' Ċini*** biss) u tibqa' ħierġa għal fuq il-baħar lejn it-tramuntana, bil-ħbula mtarrġin ta' ***L-Għalieqi*** (isimhom magħhom) jifirduha mis-sisien ta' taħtha u mill-posta tas-sajd ***Ta' Majs***. Ix-xaqliba l-oħra tal-Ġarriska tmil ftit ftit lejn il-punent sa ma tmiss il-ġenb ta' l-aktar wied imbiegħed lejn il-punent fil-Gżejjer Maltin kollha: ***Wied ir-Rohob*** jew ***Wied ir-Rahab***. Dan il-wied kbir huwa ferm itwal minn ta' qablu u jibda minn wara l-irħajjel ***Ta' Birbuba***, li skond id-dizzjunarju ta' Aquilina aktarx tfisser "il-bir tal-baħnana" ("bir buba"). Qabel ma ddaħlet fil-pjan regolatur tas-snin '80 u nbelgħet mill-bini sfrenat li dan gab miegħu, din kienet kontrada pittoreska magħmula minn ġabra ta' ftit djar qodma matul trejqa mwarrba tal-kampanja, u kellha karattru għaliha. Għall-bidu, il-wied jinżel bi qlib pjuttost baxx minn taħt ir-raba' ***Ta' Mannara*** (kunjom li narawh ukoll fit-toponomastika ta' mal-baħar mhux wisq 'il bogħod minn hawn, sewwasew f'Ħalq Mannara qrib id-Dwejra), u jkompli nieżel bil-mod minn bejn l-għelieqi ***Ta' Feliċi***, ***Tal-Ħellu***, ***Ta' Mira***, ***Ta' Mungur*** u ***Tal-Kemmuni***. Iżda wara li jaqbeż l-artijiet ***Ta' Wied ir-Rahab*** u ***Il-Bajjâd*** jinbidel f'ħondoq twil u fond maqtugħ fil-blat żonqri bejn l-artijiet għoljin tal-Ġarriska (fuq il-lvant) u ***Il-Qasam*** (fuq il-punent). Wied ir-Rahab fl-aħħar jintemm bejn il-Ħotba ta' Ċini u oħra pariġġha (***Il-Ħotba tal-Qasam***), jofroq is-sies wieqaf fi tnejn u jferra' għal ġol-Mediterran miftuħ minn nofs l-għoli tas-sies. Jekk inħarsu lura u nqabblu l-bokka ta' dal-wied ma' l-oħrajn fondi bħalu nieħdu ħjiel ta' kif inhi mxaqilba dil-parti tal-gżira Għawdxija: Wied ir-Rahab qisu mdendel fl-għoli; Wied il-Mielaħ kważi jasal mal-livell tal-baħar; Wied il-Għasri għandu l-bokka nofsha mgħarrqa; u l-wied li hemm fix-Xwejni huwa kollu kemm hu mistur taħt wiċċ l-ilma. Dan huwa r-riżultat ta' ċaqliq qawwi tettoniku li seħħ matul eluf ta' snin.

Madwar Wied ir-Rahab jidhru erba' għerien fil-baħar, li s'issa sibt x'igħidulhom tlieta minnhom biss: ***L-Għar tal-Marpas***, ***L-Għar tal-Ħanex*** (inkella ***Il-Ħanex*** jew ***Għar il-Ħanex***), u ***L-Għar ta' Wied ir-Rahab***. Bejniethom hemm ukoll sikka żgħira (***Is-Sikka ta' Wiereb***), posta tas-sajd bl-istess laqam (***Ta' Wiereb***), u posta oħra indikata bħala ***Il-Marpas***. Isem din ta' l-aħħar ma rnexxilix nitkixxef xi jfisser. Qribha tinsab ***Sieq il-Baqra***, isem kurjuż li jagħtik x'tifhem li hawn (jew kien hawn) xi blata maħruġa 'l barra b'dil-forma, iżda din qatt ma lmaħtha u ma nafx jekk għadhiex teżisti. Qed ngħid dan għax sa xi tlettax-il sena ilu l-blat tax-xifer f'ħalq Wied ir-Rahab kien qed iżomm f'postu bil-ħniena, mxaqqaq minn kunsentura rqiqa li bilkemm kienet tidher għal min jinzerta għaddej minn fuqha iżda li fil-fatt kienet tagħti isimha lill-blat ta' madwarha— ***Il-Maqtugħa***. Għall-ħabta tas-sena 1995, din ċediet u l-faċċata sħiħa fuq iż-żewġ naħat ta' Wied ir-Rahab (m'ogħla għoxrin sular blat!) tqaċċtet u żvarat b'kollox għal ġol-baħar. Sal-lum għadha tispikka l-ġerħa kbira u bajdanija li ħalliet fil-faċċata skura ta' madwarha. Jidher li fl-inħawi hemm anke tifkiriet oħra ta' blat li waqa' għal isfel fl-imgħoddi u ntradam taħt il-baħar, tant li s-sies taħt ***Tal-Ħamrija*** (hekk igħidulhom il-ħbula mtarrġin li hemm mat-tramuntana tal-Ħotba tal-Qasam) isibuh bħala ***L-Irdum***. U, mhemmx għax tgħid, bl-istess mod tnisslet l-aħħar parti tal-leġġenda dwar il-kappella l-antika ta' San Dimitri. Issa ninsabu fil-bidu ta' promontorju wiesa', għoli u ismu miegħu (***Il-Qortin***) li jixref lejn il-majjistral għal fuq il-baħar fit-tarf nett tal-Gżejjer Maltin. It-tarf innifsu huwa ***Kap San Dimitri***, jew ***Kap San Mitri***, mnejn is-sies jikser qisu kartabun, jibdel ismu għal ***Ġebel it-Tirxija***, u jibda rìesaq l-ewwel lejn ***Il-Ponta tal-Ħawt*** u mbagħad lejn id-Dwejra. Dawn l-inħawi daqstant ieħor sbieħ diġà tajniehom titwila mill-qrib fil-ħarġa numru 30 ta' *"L-Imnara"*. Sewwasew qabel ma tilwi mal-Kap innifsu, hemm żewġ għerien ftit 'il fuq mill-baħar iħarsu lejn it-tramuntana, bil-bokka żgħira u tonda li tixhed kif dawn tħaffru mill-ilma ġieri l-istess bħal Għar Ħasan f'Malta. Sewwasew taħthom hemm żewġ għerien oħra, moħbijin għal kollox taħt wiċċ il-baħar u ta' daqs liema bħalu. L-unika darba li qatt rajt ħuta kbira (aktarx tonn) fl-istat naturali kien f'madwar 30 metru fond mal-bokka ta' wieħed minn dawn l-għerien. Hawnhekk, kemm il-kobor tal-għerien infushom kif ukoll il-baħar miftuħ ta' quddiemhom u l-għoli tas-sies li jittawwal għal fuqhom iġiegħluk tħossok qisek nitfa f'nofs ambjent salvaġġ li hawn għadu jsaltan bla mittiefes.

Il-Ħotba tal-Qasam u dik ta' Ċini mhumiex għajr tnejn fost gemgħa akbar ta' tumbati żgħar li jdawru ż-żewġ ġnub ta' Wied ir-Rahab. Biex nibdew min-naħa tal-Ġarriska, insemmu ***Il-Gudja*** li hija mifruda mill-Ħotba ta' Ċini minħabba wied ieħor żgħir bejniethom li jferra' għal ġo Wied ir-Rahab. Fuq ix-xaqliba l-oħra, wara l-Ħotba tal-Qasam hemm ***Il-Ħotba tal-Bies*** (jew sempliċement ***Tal-Bies***) u oħra li wkoll igħidulha ***Il-Gudja***. Hawn ta' min igħid li l-kelma semitika "gudja" tfisser għolja żgħira, tant li kull fejn niltaqgħu magħha fit-toponomastika Maltija dejjem ikun hemm xi quċċata żgħira. Ġieli niltaqgħu anke mal-plural tagħha "gwiedi" u mad-diminuttiv "gwejdja". Daqstant ieħor, il-varjanta Taljanizzata tagħha *"cuddia"* nsibuha tintuża spiss u bl-istess tifsira fuq il-gżira ta' Pantelleria, ngħidu aħna *Cuddia Attalora*, *Cuddie Rosse*, *Cuddia Randazzo*, eċċ.ħ. L-istess bħalma għidna dwar il-Ħotba ta' Milied, dawn il-ħotob u gwiedi mhumiex għajr l-aħħar fdal ta' għoljiet qodma li maż-żminijiet ittieklu għal kollox mill-elementi. Għaldaqstant, il-Ħotba tal-Bies illum mhix għajr tumbata tat-tafal li tidher barranija għall-aħħar f'pajsaġġ magħmul kważi għal kollox mis-saffi tal-franka u taż-żonqor, u l-istess

nistgħu ngħidu għal żewġt irqajja' bħalha (***It-Tafal*** u ***It-Tafla ż-Żgħira***) li jixirfu bi drittha man-naħa tal-Ġarriska, sewwasew madwar il-Gudja. Dettall kurjuż huwa li jekk tfittex sew f'dawn l-artijiet taflin ġieli ssib xi ċapep kbar u skuri ta' sadid magħqud kif ukoll kristalli trasparenti tal-ġibs li mad-daqqa t'għajn taħsibhom ħġieġ; dawn il-minerali naturali huma magħrufin fost il-ġeoloġi bħala *limonite* u *gypsum*.

Bħalma diġà rajna, Il-Ħotba tal-Qasam hija quċċata żgħira fit-tarf ta' biċċa art għolja fuq il-Qortin li jsejħulha Il-Qasam, jiġifieri propjetà agrikola mifruxa fuq medda mdaqqsa (l-istess bħal "podere" għat-Taljani u "estate" għall-Ingliżi). Parti minn din hija maqrusa bejn il-Ħotba tal-Qasam u l-Ħotba tal-Bies u igħidulha ***Il-Qasam ta' Ġewwa***; fiha wkoll għar żgħir artifiċjali li tħaffer fl-imgħoddi fil-ġenb tal-Ħotba tal-Qasam bħala post għall-kenn. Biex tasal sal-għar trid tgħaddi minn mogħdija li tifred il-Ħotba tal-Bies mill-art watja ta***x-Xaqqufija***. Din ta' l-aħħar kienet fost l-imkejjen li ġew studjati daqs mitt sena ilu mill-arkeologu Patri Manwel Magri, peress li f'wiċċ il-ħamrija jidhru l-fdalijiet miksurin ta' ħafna xaqquf u fuħħar antik li matul iż-żmien safa mitħun biex isir id-deffun għas-soqfa tad-djar. Ma setax jonqos li l-ħjiel 'misterjuż' ta' passat imbiegħed inibbet leġġendi dwar teżori mistura taħt l-art u saħansitra dwar belt antika li suppost kienet tinstab hawn. Biswit ix-Xaqqufija, l-art watja fuq naħa tinbidel f'għelieqi mtarrġin (***Il-Wilġa***) li jħarsu lura għal fuq Wied ir-Rahab, filwaqt li fuq ix-xaqliba l-oħra tagħti għall-artijiet imtarrfa ***Ta' Ċamma*** li jittawlu għal fuq Ġebel it-Tirxija u l-baħar miftuħ ta' taħt ***Ir-Ras ta' Ċamma***. Aktar lejn in-nofsinhar naslu l-ewwel fuq il-Gudja li diġà semmejna u mbagħad ħdejn ***Il-Maqjel***. Dan l-għar imdaqqas inqata' bl-idejn fil-ġenb tal-Gudja ħdejn l-artijiet Ta' Mira, u kemm ismu kif ukoll surtu juru li fih kienu jrabbu l-bhejjem; ma' l-ewwel daqqa t'għajn jidher qadim mhux ħażin, għalkemm mhux magħruf eżatt meta tħaffer. L-artijiet ta' taħtu isibuhom bħala ***Il-Maħsel*** jew ***Tal-Maħsel***, isem li jindika xi vaska jew tagħmir bħalha li kien iżomm l-ilma. U billi hawn ninsabu pjuttost qrib tal-Ponta tal-Ħawt, min jaf jekk dawn iż-żewġ ismijiet għandhomx xi rabta bejniethom? Inħallu dawn l-inħawi billi nsemmu ***Il-Ġebel ta' Rexieqa*** (sies wieqaf li jibda mill-Ponta tal-Ħawt u jħares lejn in-nofsinhar, lejn id-Dwejra) u l-artijiet ***Tal-Gruzzjal*** li jaqilbu għal fuqu. Dan il-Ġebel, kif ukoll ***Ħarq Mannara*** li jinsab f'parti minnu, konna diġà semmejnihom fl-artiklu dwar id-Dwejra.

## *L-intern u l-widien*

La qegħdin fiż-żifna, ejjew nitbiegħdu bis-serqa minn max-xatt u ngħidu xi ħaġa dwar il-widien li jiġbru l-ilma tax-xita mill-intern tal-gżira. Ma kontx se nerġa' nsemmi l-bosta widien żgħar li qisthom bħala parti mill-ambjent ta' mal-kosta, u lanqas ma kelli l-ħsieb li nirrepeti dak li diġà għidt dwar Wied ir-Rahab li għalkemm twil u fond għandu tifsila sempliċi. Iżda xort'oħra huma Wied il-Għasri u Wied il-Mielaħ, li mhumiex għajr it-truf ta' sistemi aktar mifruxa b'ħafna friegħi li jingħaqdu flimkien biex jiffurmaw wied wieħed kbir li jbattal l-ilma għal ġol-baħar.

Wied il-Għasri jibda bħala ***Il-Wied tal-Ġonna*** minn ħdejn ir-raħal tal-Għasri, u minn hemm jibqa' nieżel qalb l-egħlieqi ***Tal-Ġonna*** li jinsabu bejn l-għolja ***Ta' Għammâr*** (jew ***Fuq ta' Għammâr***, biex jagħrfuha minn raħal ċkejken bl-istess isem) u ħotba oħra iżgħar magħmula għal kollox minn tafal għeri. Din ta' l-aħħar isimha magħha (***Tat-Tafla***), għalkemm fil-mapep hija indikata wkoll bħala ***Ta' Leveċa***. Lejn it-tramuntana tagħha hemm l-artijiet ***Tas-Sined***, isem li jindika artijiet imtarrġa għal fuq wied; u tabilħaqq bejn din iċ-ċappa tafal u l-għolja ferm akbar ***Ta' Abram*** (li fuqha jinsab mibni nofs ir-raħal taż-Żebbuġ) hemm wied ieħor li jingħaqad ma' dak tal-Ġonna. Magħhom tingħaqad ukoll it-triq tal-kampanja li twassal lejn il-knisja ***Tal-Patroċinju*** jew ***Il-Knisja tal-Wied***, li nbniet fl-1738 u mill-1872 'l quddiem serviet ta' viċi-parroċċa għall-Għasri sakemm dan infatam għal kollox miż-Żebbuġ fl-1921. Niftakar lil qrabati jirrakkontaw xi stejjer dwar ġrajjiet koroh u misterjużi li seħħew bil-lejl ħdejn il-kappella, iżda ftit li xejn naf aktar. Għal fuq il-kappella jittawlu l-artijiet għoljin Tal-Kanun, mal-ġenb tal-għolja Ta' Abram. Billi dan l-isem diġà ltqajna miegħu bejn Ras ir-Reqqa u Wied il-Għasri, mhux ċar jekk il-ġrajja li jsemmi Dr Joe Bezzina dwar il-ħafna fniek li tfaċċaw f'Tal-Kanun fl-1942 waqt l-għaks tal-gwerra qedx tirreferi għal hawn. Ftit aktar 'l isfel mill-kappella, sewwasew ħdejn mina ta' l-ilma li hemm ħdejn ***Ġnien il-Għorfa*** u l-artijiet ***Ta' Xammar***, mal-Wied tal-Ġonna jingħaqad il-kanal dejjaq (iżda twil u kemmxejn fond) ta***l-Wied ta' Feliċ*** u flimkien jiffurmaw Wied il-Għasri. Dan il-wied twil issa jofroq l-art ta' bejn ir-raħal taż-Żebbuġ u l-għolja ***Ta' Ġurdan***, li fuqha għadu jsaltan ***Il-Fanal ta' Ġurdan*** mibni fis-Seklu XIX biex bid-dawl qawwi tiegħu jiggwida lill-baħħara li jkunu qed isalpaw mat-tamuntana t'Għawdex. Skond ma qrajt, leġġenda sempliċi tgħid li Ta' Għammar u Ta' Ġurdan issemmew hekk għal żewġt aħwa li dari kienu jgħixu fuqhom. Minn taħt l-artijiet ***Tal-Gallina*** li jinsabu mal-ġenb tafli tal-għolja ta' Ġurdan, jinżel ***Il-Wied tal-Gallina***, kanal baxx imħanxar fil-blat tal-franka, b'mina ta' l-ilma u għar artifiċjali li donnu jixbaħ lil xi katakombi żgħir. Dan ibattal għal ġo Wied il-Għasri, l-istess bħalma jagħmel ***Il-Wied tas-Sipa*** li jinżel min-naħa taż-Żebbuġ. Dan ta' l-aħħar jibda minn taħt l-għonq dejjaq li jgħonġi l-għoljiet Taż-Żebbuġ u Ta' Abram (sewwasew taħt is-salib li hemm fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali taż-Żebbuġ) u għall-ewwel igħidulu ***Il-Wied taċ-Ċakra***, iżda mbagħad jibdel ismu wara li jmiss ma' l-artijiet ***Taċ-Ċakra*** u ***Tas-Sipa***. Aktar 'l isfel, mhux wisq 'il bogħod minn fejn jiltaqgħu miegħu dawn iż-żewġ widien sekondarji, il-qiegħ ta' Wied il-Għasri jsib is-saff taż-żonqor ta' taħt, u minn hemm 'il quddiem l-ewwel jifnâd bil-mod u ftit wara jsir ħondoq dejjaq li jibqa' ħiereġ għal-mal-baħar bħalma rajna.

Is-sistema ta' Wied il-Mielaħ hija saħansitra aktar mirquma, u għandha żewġ friegħi ewlenin li joqorsu r-raħal tal-Għarb bejniethom. L-ewwel fergħa prinċipali jgħidulha ***Il-Wied ta' Sdieri***, u tibda minn bejn l-għoljiet ***Ta' Dbieġi*** u Ta' Għammâr, sewwasew f'***Ir-Roqgħa*** li tofroq it-triq tal-Għarb minn dik li tagħti għal Ta' Pinu. Minn hemm, il-wied jibda nieżel bil-mod minn wara d-djar li

hemm f*il-Fgura*, jiġifieri l-ewwel parti mibnija int u dieħel lejn l-Għarb, li dari kienet irħajjel maqtugħ għalih f'salib it-toroq bejn l-Għarb u San Lawrenz. Il-Fgura ssemmiet hekk għal niċċa jew "figura" tal-Madonna li nbniet mat-triq biex, skond leġġenda lokali msemmija minn Dr Joe Bezzina, tħares in-nies mill-ħsejjes tal-erwieħ jokorbu li kienu jwerwru l-inħawi għall-ħabta ta' l-1592. Din in-niċċa storika kienet tagħti għal fuq il-wied, sakemm fl-1976 inħattet sabiex tagħmel il-wisa' għal xi bini ġdid u flokha nbniet oħra ġdida man-naħa l-oħra tat-triq. Il-wied jibqa' għaddej minn bejn ir-raħal tal-Għarb u l-knisja famuża *Ta' Pinu*, li għandha storja qadima minsuġa ma' żewġ leġġendi reliġjużi. L-ewwel waħda hija qadima ferm, u skond l-istess kittieb teħodna lejn l-1575 meta l-kappella qadima ta' *Santa Marija tal-Ġentili* li kienet tinsab hawn kienet ġiet skonsagrata. Skond il-leġġenda, xi ħaddiema ppruvaw iżarmawha biex jużaw il-ġebel tagħha band'oħra, iżda korrew minħabba intervent mirakoluż u kellhom jieqfu. Għaldaqstant, inbidlu l-pjanijiet u Pinu Gauci ħa ħsieb jirrestawra l-kappella li minn hemm 'il quddiem baqgħet magħrufa b'ismu. It-tieni ġrajja tgħid li qrib il-kappella fl-1883 dehret il-Madonna lil żagħżugħa mill-Għarb jisimha Karmni Grima, u minn hemm 'il quddiem nibtet devozzjoni qawwija lejn ***Il-Madonna ta' Pinu*** li ġibdet bosta nies għal hawn, tant li fil-bidu tas-Seklu XX inbena s-santwarju kbir li naraw illum. Il-kappella nnifisha għadha teżisti, għalkemm kienet tneħħitilha l-faċċata biex għaqqduha man-naħa ta' wara tal-knisja l-ġdida. Din il-knisja konna nilħquha mill-Għarb billi ninżlu t-triq wieqfa ***Ta' Sdieri*** li mill-misraħ ċkejken ta' ***Fuq il-Blata*** tibqa' għaddejja għal fuq pont għoli u dejjaq (u kemmxejn stramb ukoll, għax waħda mill-aktar tisripiet qawwija tat-triq hija propju fuq l-arkata tal-pont!) li jaqsam il-wied u jwassal lejn Ta' Pinu u Ta' Għammar. Fit-Triq ta' Sdieri dari kienet tinsab id-dar ta' nannti, bl-imqawel magħha u bl-egħlieqi ta' warajha mtarrġin għal fuq ***Il-Ħofra*** li mhix għajr fergħa ċkejkna tal-istess wied. Min jaf kemm qattajna żmien nilagħbu hawn maz-zijiet u l-kuġini fi tfulitna! Minn Fuq il-Blata tinżel ukoll ***It-Triq tal-Ġidi*** (bit-tikka fuq il-Ġ), triq oħra wieqfa li tgħaddi minn bejn l-artijiet ***Tal-Ġidi*** u ***Ta' Ċenċula*** u mal-barrieri ***Tal-Qsajjem*** sa ma tilħaq il-wied. Din mhix għajr il-bidu ta' triq ferm itwal li tkompli mat-tul kollu tal-wied sa ħdejn it-Tieqa ta' Wied il-Mielaħ, qabel ma tikser lejn il-Margun u l-Miġra, mbagħad terga' tilwi lejn Wied il-Għasri u tinfed saż-Żebbuġ u l-Għasri. It-Triq tal-Gidi tinżel dritt għal Wied il-Mielaħ u ddur f'daqqa ma' qiegħ il-wied; ftit qabel, il-Wied tas-Sdieri jingħaqad ma***l-Wied tal-Madliena***, wied baxx mimli qasab li jgħaddi minn bejn ir-raħal ċkejken ***Ta' Għammâr*** u ***Il-Ħotba ta' Kanġla***. Ta' Għammar, li ismu narawh rifless ukoll fl-għolja li tagħti għal fuqu bħalma ġa rajna, illum inbela' minn ħafna bini ġdid u tasal għalih permezz ta' triq wiesgħa li tkompli mat-triq li tgħaddi minn quddiem Ta' Pinu. Imma sal-bidu tat-tmeninijiet dan ir-raħal kien qisu presepju mrekken ħdejn triq dejqa tal-kampanja li dak iż-żmien kienet għadha ma twessgħetx. Qalb il-bini tiegħu tinsab il-kappella ta' ***San Pupulju*** li nbniet fl-1850 fil-post fejn dari kien hemm oħra eqdem ta' San Anard.

It-tieni fergħa ewlenija ta' Wied il-Mielaħ tibda minn bejn L-Għarb u San Lawrenz, fejn skond il-mapep igħidulu ***Il-Wied tal-Knisja***. Wara li jgħaddi mill-artijiet ***Tal-Ħriż***, jimtela' qasab u jibdew isejħulu ***Il-Wied tal-Ħriż***. Dan imbagħad jaqsam il-benniena li tinsab fil-qiegħ ta' triq wieqfa li miċ-ċentru tal-Għarb tibqa' sejra sal-ħâriet imwarrba ta' Birbuba u ***Santu Pietru***. Dawn kienu tassew pittoreski, speċjalment Santu Pietru li kien qiegħed f'telgħa wieqfa, dejqa u mserrpa, iżda jaħasra r-ruħ tagħhom inqerdet mill-ħafna bini ġdid li belagħhom fi żminijiet reċenti. Fi sqaq mat-tarf ta' Santu Pietru għad hemm binja qadima li dari kienet mitħna tal-miexi (fejn it-tħin tal-qamħ kien isir permezz ta' tagħmir imħaddem minn bhima miexja f'dawra tonda madwar fus f'nofs kamra kbira), filwaqt li mat-triq li titla' lejn Santu Pietru għad hemm żewġ għerien qodma mħaffrin taħt l-egħlieqi. Ftit 'il bogħod tiddandan kburija l-kappella qadima taċ-ċimiterju tar-raħal, magħrufa bħala ***Tal-Virtut*** (aktarx taħsira tad-dedika uffiċċjali lill-Madonna tal-Virtù) jew ***Taż-Żejt*** minħabba leġġenda dwar intervent mirakoluż tal-Madonna f***il-Wied taż-Żejt*** li jmiss maz-zuntier tagħha. Hawnhekk, mara twajba sabet nixxiegħa ta' żejt ħiereġ mill-blat waqt żmien il-għaks, iżda skond l-istess leġġenda ż-żejt waqaf igelgel (u minfloku beda jnixxi biss ilma) xi żmien wara minħabba l-għadab tal-Madonna għal xi nies rgħiba li bdew jimlew iż-żejt b'xejn mill-għajn biex ibigħuh bi qliegħ. Din il-kappella tal-kampanja serviet bħala l-ewwel knisja parrokkjali malli l-Għarb infatam mir-Rabat fl-1679 bħala t-tieni parroċċa tal-kampanja (sena wara x-Xewkija, u għaxar snin qabel ix-Xagħra, in-Nadur, iż-Żebbuġ u Ta' Sannat li lkoll kellhom jistennew sa l-1688), u damet hekk sa ma nbniet knisja parrokkjali akbar fil-qalba tar-raħal wara l-1699. Billi l-knisja parrokkjali l-"ġdida" hija ddedikata liż-żjara tal-Madonna lil Santa Elizabbetta, il-vara ewlenija tal-festa għandha żewġ statwi u jsejħulha "Iż-Żewġ". Il-Wied tal-Ħriż u dak taż-Żejt jingħaqdu flimkien sewwasew fil-benniena li semmejna, u minn hemm jibda wied twil li jibqa' nieżel minn taħt ***It-Triq tat-Trux***. Din it-triq dejqa u twila tibda minn wara l-knisja tal-Għarb u tinfed f'ġenb dal-wied permezz ta***t-Telgħa tal-Qird***. Għal fuq din-niżla wieqfa—jew telgħa, skond mnejn tkun ġej—tittawwal l-art għolja ta' ***San Katald*** fejn igħidu li fl-imgħoddi kien hemm kappella li llum m'għadhiex teżisti. Mal-ġenb l-ieħor tal-istess wied (li għadni s'issa ma nafx x'jgħidulu) jingħaqdu xejn inqas minn erba' widien oħra iqsar iżda kemmxejn fondi, li jinżlu mill-artijiet għoljin ***Ta' Lanza***, ***Il-Pirjolin***, ***Ta' San Dimitri*** (sewwasew madwar il-kappella li ġġib l-istess isem) u ***Ta' Garrija***. Ir-raba' wieħed fosthom isibuh bħala ***Il-Wied ta' Garrija***; u tista' tgħid bi drittu tisporġi ***Ix-Xgħira***, qortin imtarraġ taħt l-artijiet ta' San Katald. It-tarf tax-Xgħira jingħaraf permezz ta***l-Barumbara ta' Leksju*** (barumbara qadima f'għamla ta' torri żgħir, imsemmija għal sidha) u eżatt taħt din il-binja il-wied ewlieni "ta' bla isem" (biex ingħidlu hekk) jingħaqad mal-Wied ta' Sdieri biex flimkien jiffurmaw Wied il-Mielaħ. Dan imbagħad ikompli għaddej mal-Ħotba ta' Kanġla (jew sempliċement ***Ta' Kanġla***), għolja ċkejkna u kollha mxaqqa li tinsab taħt ir-riħ ta' l-oħra Ta' Ġurdan li diġà messejna magħha. ***Il-Wied ta' Kanġla*** jofroq 'il dawn iż-żewġ għoljiet minn xulxin

qabel ma hu stess jingħaqad ma' Wied il-Mielaħ, l-istess bħalma aktar 'l isfel jagħmlu ***Il-Wied tal-Qabar*** u żewġ widien oħra żgħar li jinżlu minn bejn l-artijiet ***Taż-Żarb***, ***Ta' Fħart*** u ***Ta' Pirnewnu*** li lkoll jinsabu taħt Ta' Ġurdan. Dwar Ta' Kanġla, hemm dokumentata leġġenda ta' swied il-qalb dwar tifel li miet bil-qatgħa wara li ra fatat ġo bir.

## *Egħluq*

Bħas-soltu, f'dan l-artiklu ippruvajt ngħaddilkom xi tagħrif toponomastiku li għoġobhom jipprovduli n-nies li ltqajt magħhom matul għadd ta' żjarat u mixjiet f'dawn l-akkwati, u ninsġu ma' l-osservazzjonijiet personali fuq il-post u ma' xi informazzjoni oħra dwar l-ambjent lokali. U l-istess bħal fl-artiklu dwar id-Dwejra (ara l-ħarġa numru 30 ta' *"L-Imnara"*), din id-darba għenitni x-xorti li għandi l-qraba mill-Għarb, li magħhom qsamt uħud mill-esperjenzi matul żgħuriti fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet. Ippruvajt niġbor ukoll it-tagħrif imxerred li diġà jidher f'pubblikazzjonijiet oħra kemm reċenti kif ukoll storiċi dwar suġġetti li b'xi mod jew ieħor għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-inħawi, sabiex il-qarrej ikollu stampa kemm jista' jkun sħiħa. Iżda hawnhekk inħoss li għall-korrettezza għandi nsemmi li diġà jeżistu xi riċerki sistematiċi dwar it-toponomastika tax-xtut t'Għawdex, ewlenin fosthom il-kitbiet interessanti ta' Dr. Joe Zammit-Ciantar li nżżilt fost ir-riferenzi. F'dal-każ, qgħadt lura milli noqgħod nidduplika l-listi dettaljati li diġà ta hu qabli, għax inkella tintilef id-distinzjoni bejn informazzjoni ġdida (jew ġbir ta' dettalji mxerrdin) u ripetizzjoni kkupjata ta' dak li diġà ntqal band'oħra. Għaldaqstant, kulfejn id-dettalji li nkludejt hawn diġà jidhru f'dawk ir-riċerki toponomastiċi, dan għandu jittieħed bħala konferma indipendenti ta' l-istess tagħrif, sakemm ma jingħadx xort'oħra f'dan l-artiklu nnifsu. L-istess igħodd għal-leġġendi li semmejt fuq fuq, tant li f'dal-każ innutajt xi differenzi żgħar bejn il-verżjoni li naf biha jien u dik li tidher fil-pubblikazzjonijiet siewja ta' Rev. Dr. Joseph Bezzina. Dan narah bħala sinjal pożittiv, billi sa ċertu punt jindika li t-tagħrif kulturali għadu ħaj u mhux qed ikampa biss f'għajn waħda ta' informazzjoni akkademika li jkollha toqgħod tgħaddi minn kittieb għall-ieħor. Nagħlaq billi nżżi ħajr lil kull min għoġbu jgħinni fil-ġbir ta' l-informazzjoni għal dan l-artiklu, fosthom lil Dr. Anton Buġeja.

## *Riferenzi*


1. Abela, Gio. Francesco (1647). *Della Descrittione di Malta Isola nel Mare Siciliano con le sue Antichità ed Altre Notitie* (sic). Edizzjoni facsimile mitbugħa minn Midsea Books Ltd. (1984).
2. Agius de Soldanis, Giovanni Pietro Francesco (Sek. XVIII). *Il Gozo Antico e Moderno, Sacro e Profano.* Verżjoni maqluba għall-Malti minn Mons. Ġużepp Farrugia (1936): *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*; Edizzjoni "facsimile" maħruġa mill-Fondazzjoni Belt Vittorja (1999).
3. Agius de Soldanis, Giovanni Pietro Francesco (Sek. XVIII). *Il Gozo Antico e Moderno, Sacro e Profano.* Traduzzjoni tal-verżjoni Maltija għall-Ingliż minn Dun Anthony Mercieca: *Gozo Ancient and Modern Religious and Profane*, maħruuġa minnn Media Centre Publications (1999).
4. Agius de Soldanis, Giovanni Pietro Francesco (Sek. XVIII). *Il Gozo Antico e Moderno, Sacro e Profano.* Verżjoni oriġinali bit-Taljan ikkwotata minn J. Zammit-Ciantar f'*"The Placeneames of the Coast of Gozo (Malta)."*
5. Anonimu (bla data). *St. Mary Parish Zebbug, Gozo.* http://www.zebbuggozo.com/st.maryparish/parish.htm, kif deher fit-08.09.2009.
6. Aquilina, Joseph (1987). *Maltese-English Dictionary.* Midsea Books Ltd.
7. Attard, Anton F. (1991). *Mill-Ħajja ta' l-Imgħoddi: Tagħrif Folkloristiku minn Għawdex.*
8. Attard, Anton F. (1995). Kummentarju fil-programm televiżiv "Għawdex Illum", imxandar fuq TVM fit-03.08.1995.
9. Bezzina, John (1959). *Ix-Xtajtiet t'Għawdex.* The Gozo Year Book 1959. The Social Action Movement (Gozo).
10. Bezzina, Joseph (1991). *Forty legends from Gozo.* Gaulitana 9. Pubblikazzjonijiet Buġelli.
11. Bezzina, Joseph (1994). *Forty more legends from Gozo.* Gaulitana 13. Pubblikazzjonijiet Buġelli.
12. Bezzina, Joseph(?) (bla data). *Marsalforn: A Haven For Corsairs And Tourists.* Żebbuġ Local Council Official Website (http://www.zebbuggozo.com/marsalforn.htm), kif deher fit-22.09.2009.
13. Bugeja, Anton (2008). *Fr Emmanuel Magri and the Antiquities of Gozo.* Melita Historica Vol. XV No.1.
14. Busuttil, Roderick (bla data). *Kappelli Maltin: Il-Knisja ta' San Publiju – Ta' Għammar, fl-Għarb – Għawdex.* http://www.kappellimaltin.com/html/san_publiju.html, kif deher fis-27.09.2009.
15. Brincat, Joe (bla data). *Kappelli Maltin: Il-Kappella ta' San Dimitri - L-Għarb, Għawdex).* http://www.kappellimaltin.com/html/san_dimitri.html, kif deher fis-07.09.2009.
16. Cefai, George (2006). Intervista ma' l-iskultur Ronald Pisani. http://www.bandasantamarija.net/library/_intervisti/ronnie.php, kif deher fit-08.09.2009.
17. Formosa, P. (1973). *A History of Għarb.* Teżi tal-B.A. (Università ta' Malta).
18. Gabriele, Salvatore (bla data). *Pantelleria: Guida Pratica dell'Isola.* Grafiche Reggiori.
19. Oil Exploration Directorate (1993): *Geological Map of the Maltese Islands (Sheet 2: Gozo and Comino) 1:25,000.* Oil Exploration Directorate (Office of the Prime Minister)
20. Pedley, Martyn; Hughes Clarke, Michael & Galea, Pauline (2002). *Limestone Isles in a Crystal Sea: The Geology of the Maltese Islands.* PEG Ltd.

21. Sammut-Tagliaferro, A. (1993). *The Coastal Fortifications of Gozo and Comino*. Midsea Publications.

22. Touring Club Italiano (1993). *Parco dell'Etna: Guida Turistica*. Ente parco dell'Etna.

23. Ministeru għal Għawdex (bla data). *Countryside: Għasri Valley* (http://www.gozo.gov.mt/pages.aspx?page= 179), kif deher fit-08.09.2009.

24. Ministeru għal Għawdex (bla data). *Attractions: San Dimitri - Għarb* (http://www.gozo.gov.mt/pages.aspx? page=937), kif deher fit-08.09.2009.

25. Ministeru għal Għawdex (bla data). *Bliet u Rħula - Għarb*. (http://www.gozo.gov.mt/pages.aspx?page=424), kif deher fit-08.09.2009.

26. Ministeru għal Għawdex (bla data). *Attrazzjonijiet: Madonna tal-Patroċinju – Għasri* (http://www.gozo.gov.mt/ pages.aspx?page=532), kif deher fit-30.09.2009.

**27. Zammit-Ciantar, Joe (). *Ornithological Toponyms in Gozo – Some Observations*.**

28. Zammit-Ciantar, Joe (2000). *The Placeneames of the Coast of Gozo (Malta)*.

29. Zammit-Ciantar, Joe (2001). *Surface and Underground Caves in Gozo*. The Sunday Times 05.08.2001: Gozo Supplement pp. V-VI

30. Zingarelli, Nicola (2003). *Vocabolario della Lingua Italiana*. Zanichelli Editore.

*Komunikazzjonijiet personali:*

1. Ġiġi Camilleri "tal-ġambo" (mill-Għarb), snin '90.
2. Michael Camilleri "tal-ġambo" (mill-Għarb), snin '80-00.
3. Salvu Camilleri "tal-ġambo" (mill-Għarb), snin '80-90.
4. Zolla Camilleri (mill-Għarb), snin '70-'80.
5. Ċisju Portelli (mill-Għarb), snin '80.
6. Godwin Vella (mir-Rabat t'Għawdex), 1997.
7. Gordon Grech (mir-Rabat t'Għawdex), 2000.
8. Vince Attard, jikkwota sajjieda mid-Dwejra, 2004.
9. Żeppi "ta' rahab" (nassab mill-Għarb). Il-Ħotba tal-Qasam, 1996.
10. Barklor "Custò tal-padi" (mill-Għarb); id-Dwejra, 1998.
11. Rgħajja xiħa (anonima) f'Ta'Għammar, mat-triq għal Ta' Kanġla, 1996.
12. Sajjied xiħ "tal-basli" (miż-Żebbuġ).
13. Ta' Tappina, 1987.
14. Sajjied xiħ "tal-bdot" (miż-Żebbuġ). Għar il-Qamħ, 1995.
15. Sajjied "ta' Patri Fidel" (miż-Żebbuġ). Il-Ħdejdija, 1995.
16. Sajjied xiħ mill-Għasri (anonimu). Għar il-Qamħ, 1993.
17. *Beach cleaner* (anonimu). Il-Qbajjar, 1991.
18. Sajjieda bil-qasba (anonimi). Ras ir-Reqqa (1995, 2003).

## *Korrezzjonijiet għall-mappa li dehret fil-ħarġa numru 32 (Il-Port ta' Marsaxlokk u madwaru)*

Xtaqt niġbed l-attenzjoni għal xi żbalji żgħar fil-mapep fl-aħħar ħarġa ta' L-Imnara, li mid-dehra nqalgħu waqt l-aħħar irtokki ta' qabel l-istampar:

1. In-numri 44 u 106 ma jidhrux fil-werrej, aktarx għax inqarsu bejn paġna u oħra. Dawn għandhom ikunu kif ġej:

   *44. Il-Ħotba tal-Bies/Il-Bies/Tal-Bies*

   *106. Xrobb l-Għaġin/Xorb l-Għaġin*

2. It-Taqtiegħa ta' Delimara (numru 71 fuq il-mappa) tidher magħquda mal-kumplament ta' Delimara, meta fil-fatt hija gżira ċkejkna mdawra għal kollox bil-baħar. Daqstant ieħor igħodd għat-Taqtiegħa l-Imgħarrqa (numru 72) li hija sikka li tibqa' ħierga 'l barra minnha.
3. Il-Ħaġra (numru 27 fuq il-mappa) u It-Taqtiegħa ta' Xrobb l-Għaġin (numru 108) bilkemm jidhru minħabba li huma ċari wisq. Dawn ukoll huma skollijiet imdawrin għal kollox bil-baħar.

© Alex Camilleri

# IL-BUT TA' TAĦT

**Anġlu Dougall**

**Il-BUT TA' TAĦT jintlibes u jintuża l-aktar minn-nies tas-safar: baħrin, baħħara, u vjaggaturi li jżuru artijiet barranin, inkluż dawk li jmorru pelligrinaġġi f'artijiet oħra. Nafu li Dun Xand Cortis kien mar fl-Art Imqaddsa flimkien ma' ħabib tiegħu minn Ħal Għaxaq. Il-Maltin minn dejjem kienu magħrufin sewwa kemm kienu jsiefru.**

Dan il-but kien jinħiet qiesu xi ħżiem (ara d-disinn) bil-bwiet fih u kien jintlibes madwar il-qadd taħt il-ħwejjeġ, u biex jinżamm f'postu kien jinqafel b'kurdiċelli li jkunu mwaħħlin miegħu u jkunu twal madwar 16-il pulzier (40 ċentimetru). Kien jintlibes taħt il-flokk jew il-qmis, u mbagħad b'xi terħa fuqu li tostor kollox.

Fil-bwiet tiegħu kienu jinżammu fil-ħabi passaport, flus (l-aktar flus tal-karti), dokumenti tas-safar, ċertifikati, ittri patenti, u affarijiet oħra ta' ħtieġa u ta' importanza, oġġetti prezzjużi, eċċ. Dawn kollha kienu jinżammu moħbija għall-ħarsien tagħhom matul il-vjaġġ - biex la jinsterqu u lanqas jintilfu. Ġie wkoll, m'għandniex xi mgħidu, li l-**But ta' Taħt** intuża biex jitqiegħdu fih affarijiet ta' kuntrabandu!

## IL-MATERJAL

Il-**But ta' Taħt** kien jinħiet minn xoqqa ħoxna. Strixxa ta' xi erba' pulzieri u nofs (11 cm) b'tul ta' ħamsa u għoxrin pulzier (63cm) – mingħajr il-kurdiċelli. It-tul tal-kurdiċelli kien ivarja – ġeneralment mhux inqas minn sittax-il pulzier (40 cm). Il-but kien ikun imsaħħaħ minn kurdiċelli ħoxnin fit-tinja. Il-**But ta' Taħt** kien jintlibes b'mod li ma jkunx ta' skomdu għall-vjaġġatur, anke meta jorqod bih. Il-vjaġġatur, meta jilbsu, jkollu moħħu mistrieħ mis-sigurta u l-ħarsien ta' kullma qed iġorr fuqu. Mhux darba jew tnejn instema' li baħħara u vjaġġaturi nsterqu waqt l-irqad jew li ħabtu għalihom nies briganti jew xi gajj ta' ħallelin u ħallewhom għaxja għall-mewt b'xi xebgħa jew swat li tawhom. Xi drabi l-vjaġġaturi kienu jinsterqu minn baħħara oħra stess fil-kabini tal-bastiment tagħhom. Ħafna nisa kienu jwissu lil dawk li jilbsu dan il-**But ta' Taħt** biex ma jneħħuhx minn fuqhom fil-beraħ, sabiex ma jieħdux xi "riħ f'dahrhom", u fl-istess ħin ma jurux x'ikollhom moħbi.

Il-**But ta' Taħt** kien ilu żmien twil jintuża mill-vjaġġaturi u l-baħħara. Ħafna drabi kien jintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra, l-aktar fit-Tlett Ibliet tal-Kottonera, fejn kien hemm tradizzjoni qadima ta' baħħara u numru kbir ta' nies tal-baħar. Kien jintlibes u jintuża mqar għal xi safra qasira, bħal xi mawra sa Sqallija għan-negozju. F'moħħ il-Maltin, kemm Sqallija u kemm Kalabrija kellhom fama kerha ta' serq u brigantaġġ. Liebsin il-**But ta' Taħt** bl-affarijiet tagħhom imqiegħda fih, kienu jserrħu moħħhom sakemm jaslu fid-destinazzjoni tagħhom.

Matul is-sekli, kienu ħafna dawk il-Maltin li siefru u emigraw, kemm lejn Sqallija, imm'anke





# AKTAR TAQBIL FOLKLOROSTIKU MINN BORMLA.

## Did-darba dwar is-sengħa tal-iskarpan.

Din it-Taqbila kien qalieli MIKIEL AGIUS, Bormliż, fl-1971. Kien emigra flimkien ma' ħutu lejn Detroit, Michigan, fl-Istati Uniti. Mikiel kien ħaddiem it-Tarzna Rjali ta' Malta.

**1. Qorqa mhix żarbuna,**
**Għarqub m'huwiex takkuna,**
**Skarpan mhux taljatur,**
**U ċ-ċar m'huwiex skur.**

**2. Xafra mhix sikkina,**
**Xifa mhix berrina,**
**Mazzola mhix martell,**
**U toqba mhix anell.**

**3. Inforra mhix suletta,**
**Molla mhix aċċetta,**
**Pett m'huwiex il-qiegħ,**
**U tiswija mhix traqqigħ.**

**4. Roqgħa mhix ġonta,**
**Ir-ras m'hijiex il-ponta,**
**Karkur mhux papoċċ,**
**U maħdum bis-sengħa mhux bl-addoċċ.**

**5. Lazz mhux żagarella,**
**Strixxa mhix kurdiċella,**
**Il-qasba mhix is-sieq,**
**U taħbit mhux żaqżiq.**

**6. Nagħla m'hijiex takka,**
**Tal-ġild mhux tal-alakka,**
**Għalaq m'huwiex il-wiċċ,**
**U mfarrad mhux pariċċ.**

**7. Forma m'hijiex talja,**
**Taqqaba m'hijiex tnalja,**
**Ftuħ m'huwiex tbewwiq,**
**U mislut mhux irqiq.**

lejn Marsilja u Toulon fi Franza, u lejn Valenzja fi Spanja. Imbagħad infetħu l-bibien għall-emigrazzjoni lejn ix-xtut u l-bliet tal-Afrika ta' Fuq – l-Alġerija, t-Tuneżija, l-Eġittu, ċ-Ċirinajka – u wkoll lejn il-gżejjer tal-Greċja. Saħansitra nsibuhom f'Istambul, it–Turkija, f'Odessa ġol-Ukraina u, minn wara s-seklu dsatax, fl-Ingilterra – Londra u l-ibliet ta' Wales. Il-baħħara Maltin kienu mfittxija ħafna għax kienu magħrufa għall-ħila u l-qlubija tagħhom fuq il-baħar. Kienu saħansitra magħrufa anke fl-Amerka sa mill-aħħar snin tas-seklu Tmintax. Il-**But ta' Taħt** kien dejjem ikun fuqhom; kien parti minn ilbieshom.

Fis-seklu Tmintax, il-baħħara Maltin bdew jivvjaġġaw lejn il-Kanada, California, Louisiana, Boston, u wkoll lejn l-Amerka t'Isfel. Snin qabel, fis-seklu Sittax, fuq l-iġfna tal-Ordni kienu vvjaġġaw anke sal-Venezwela, il-Brażil, u saħansitra sal-Peru, kif naqraw fl-Arkivju tal-Assigurazzjoni ta' Ġiljan Panzavecchia li jinsab fl-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina.

Il-ħila tal-baħħara Maltin kienet magħrufa sew, imma s-sogru għall-ħajjithom kien kbir ukoll. Xi drabi kienu jaħbtu għalihom gajjijiet ta' ħallelin; u fis-satra tal-lejl, jew meta jkunu f'xi dverna ġielu sakkruhom b' xorb ħażin, jew iddrogawhom b'xi droga bħall-oppju (afjun) u mħollija għaxja għall-mewt, mitlufin minn sensihom, u misruqa sa minn ħwejjiġhom f'xi sqaq imwarrab fil-portijiet u l-ibliet tal-kontinenti kollha! Din kienet il-ħajja tal-baħar! Kienu jingħadu ħafna stejjer fuq l-avventuri u l-vjaġġi tal-baħħara mill-bliet tal-Kottonera; Stejjer ta' serq u brigantaġġ, speċjalment fi Sqallija u Kalabrija. Fl-1950, qabel sifirt lejn l-Ingilterra meta kelli biss għoxrin sena kont nidher iżgħar fl-eta'; u meta l-vjaġġ kollu kien fuq l-art; ziti Ċetta, oħt missieri, Bormliża, tatni bħala rigal **But ta' Taħt** li ħetitli hi stess. Il-but li ħetitli kien bħal dak li kienet ħadmet għal ħuha, l-Mammu, li kien ibaħħar spiss fuq il-vapuri tal-merkanzija (il-Merchant Navy) fis-snin 20 u 30. U l-but ta' ħuha kien bħal dak li kienu jħażżmu madwar qaddhom il-baħħara tal-Kottonera sa minn sekli qabel.

**8. Kalzetta m'hijiex peduna,**
**Bokkla m'hijiex buttuna,**
**Ċinga mhix ċintorin,**
**U tax-xellug mhix tal-lemin.**

**9. Ħobża m'hijiex pala,**
**Żarbun tat-tromba mhux stvala,**
**Għoqda m'hijiex ċoff,**
**U kbir mhux goff.**

**10. Qafla mhix takkalja,**
**Għoqda m'hijiex malja,**
**Pannu mhux bellus,**
**U dejjaq mhux marsus.**

**11. Swejd m'huwiex luna,**
**Ċarruta mhix kartuna,**
**Taċċ m'huwiex musmar,**
**U tillima mhux xkatlar.**

**12. Lostru m'huwiex żebgħa,**
**Dabra m'hijiex tebgħa,**
**Mesħa mhux tfarfir,**
**U moffa mhix tmermir.**

**13. Qrada m'hijiex kallu,**
**Ta' kuljum ma hux tal-ballu,**
**Komdu mhux issikkat,**
**U jleqq mhux illustrat.**

**14. Ħajta m'hijiex lenza,**
**Tal-moda mhux għall-parenza,**
**Tal-mixi mhux għaż-żfin,**
**U prova mhux żanżin.**

**15. Labra mhix imsella,**
**Iswed mhux kannella,**
**Getti m'huwiex xprun,**
**U għaksa mhix pexxun.**

**16. Xaħam m'huwiex sonża,**
**Xkupilja mhix sponża,**
**Wara mhux quddiem,**
**U kull bidu għandu t-tmiem.**

**© Anġlu Dougall**

# IĊ-ĊITRATA TA' ŻERREK

**Albert Ganado**

Niftakar li meta kien għad għandi xi 14-il sena, fi żmien il-Karnival, il-papa` kien jibgħatni nixtri ċ-ĊITRATA minn għand Żerrek li kellu l-ħanut tiegħu fi Strada Santa Lucia, il-Belt Valletta, fejn illum hemm l-Embassy Shopping Complex. Minn dak iż-żmien ta' ftit snin qabel il-gwerra, ma rajtha qatt iktar.

Iċ-ċitrata kienet speċjalita` ta' Żerrek u sa fejn naf jien ma kien jagħmilha ħadd f'Malta barra minnu. Kellha forma tonda, ta' daqs ta' platt medjan, u meta tikolha kienet tiġġebbed. Kienet speċi ta' qubbajt artab, kulur bejn griż u abjad. Naħseb li kienet miksija bl-għasel. Jekk hemm xi ħadd li jiftakarha, forsi jista' jagħti dettalji aktar preċiżi.

Ftakart f'din iċ-ċitrata meta sibt riklam ta' Żerrek fil-ktieb *Malta, its historical importance, its trade and its most remarkable sights*, stampat fl-1926 minn Chretien &Co, ta' Sda. Fianco, u 291 Sda Reale, Valletta. Dan ir-Riklam kien jinqara kif jidher hawn taħt. Minnu nafu min kien il-proprjetarju ta' Żerrek, u kien proprju jirreklama l-qubbajt tiegħu bħala l-ispeċjalita` tan-negozju tiegħu.

**© Albert Ganado**

**Nota tal-Editur**

Fuq iċ-ċitrata tkellimna ma' Guido Lanfranco, il-President Onorarju tal-Għaqda, u qalilna li fl-1995 kien intervista mara miż-Żurrieq li kelmitu fuq kif kien isir it-tieġ Malti għall-ħabta tas-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor, u kif kienu jiġu ttrattati l-mistednin u l-ħaddara. Minbarra l-borża mimlija biskuttini u pastini li l-għarusa kienet tagħti lil dawk li jżuruha biex jifirħulha u jagħtuha r-rigal tat-tieġ, f'din l-intervista ssemma wkoll li l-familja tal-għarusa kienet tagħti <u>ċitrata</u> lill-parrinijiet u lix-xhieda. Skont dil-mara miż-Żurrieq, iċ-ċitrata kienet tkun "bħal torta żgħira, minn ġewwa mimlija bl-intrita, u fil-wiċċ miksija bl-*icing sugar*". Dil-mara kompliet tgħid li billi fiż-Żurrieq dak iż-żmien, (bħall-lum), kienu jeżistu l-partiti, xi nies kienu jordnaw ċitrata ta' kulur mod, filwaqt li nies ta' partit ieħor kienu jordnawha kulur mod ieħor. U billi in-nies minn dejjem kienu inkejjużi, kien spiss jiġri li meta l-parrinijiet, ix-xhieda, u l-familja tal-għarusa kienu jkunu ta' partit differenti, kienu jaraw kif jagħmlu biex jinku lil xulxin bil-kulur taċ-ċitrata li jagħtu! Kien għalhekk li kien hemm min jinsisti li ċ-ċitrata tkun ta' kulur newtrali – isfar jew abjad, ngħidu aħna.

ikompli →

Silver Medals Awarded: Malta 1911 – Wembley 1925.

Giovanni Camilleri

ZERREK

SPECIALITA DI NOUGAT

Si accettano commissioni per Nozze e Battesimi

136, Strada S. Lucia & Private Rooms upstairs, Valletta

Meta dil-mara miż-Żurrieq semmiet "il-parrinijiet" x'aktarx li kellha f'rasha xi magħmudija – għax nisa oħra qalulna li ħelu f'għamla ta' torta tonda kien jingħata wkoll lill-parrinijiet fil-magħmudijiet. Kien hemm, pero, min qalilna li dal-ħelu kien ikun f'għamla ta' qalb, u mhux tond.

Issa l-loġika tgħidilna li ċitrata għandha x'taqsam maċ-ċitru. Isimgħu x'jgħid Erin Serracino Inglott fid-dizzjunarju tiegħu "IL-MIKLEM" fuq iċ-ċitrata:

**...ħelu magħqud, magħmul mill-meraq taċ-ċitrat b'ħafna zokkor, li jinbiegħ fi bċejjeċ ċatti u tondi, bħal domni kbar, imwaħħlin fuq biċċa karta, imsejjaħ ukoll 'ħara tas-summien'.**

Bejn id-definizzjoni ta' Serracino Inglott u bejn l-ispjegazzjoni tal-mara miż-Żurrieq hemm daqsxejn tad-differenza; imma fl-aħħar ltqajna mas-Sur Charles Bonaci tad-ditta *Croce Bonoci* li x'aktarx li solvielna l-misteru. Is-Sur Bonaci, jiftakar sewwa lil missieru jgħid li ċ-ċitrata kienet tkun magħmula minn-NASPRU, li bl-Ingliż jgħidulu *fondant* (jew aħjar *poured fondant*). In-Naspru hu magħmul minn ħafna zokkor maħlul fl-ilma li jittella' fuq in-nar sakemm jagħli, mbagħad jitħalla JINĠIBED fit-tul; jiġifieri jitħalla jtektek fuq nar bati sakemm l-ilma jtir u jibqa' biss iz-zokkor maħlul. Spiss kienu jżidulu l-meraq tal-lumi għat-togħma. Meta jiksaħ ftit, it-taħlita ta' zokkor artab titħabbat fit-tul sakemm tiġi qisha krema, titferra' fuq karta tal-ostji u, peress li tkun ratba, tiċċattja f'għamla tonda b'diametru ta' madwar 15-il ċentimetru. Kienu jżejnuha bi fjuri magħmula mill-ġelu, biċ-ċirasa, bil-konfettura tal-larinġ, bil-ġewż, jew bil-ġellewż. Kienet tingħata b'rigal jew b'xi obbigazzjoni, bħal ngħidu aħna lix-xhieda fit-tieġ, il-parrinijiet fil-magħmudijiet, u anke, skont is-Sur Bonaci, lill-qassis li jiġi jbierek id-dar wara l-Għid. Setgħet tingħata ħafna togħmiet, u kienet tieħu l-kulur tajjeb ħafna. Kienet komuni u ma jidhirx li kien jagħmilha biss Żerrek. Dnub li m'għadhiex issir.

# TWEMMIN NIESNA FL-IMGĦODDI

**Anton Attard**

**Fl-ewwel xhur ta' l-1894, Vincenzo Busuttil, edukatur u kittieb prolifiku, ppubblika l-ktieb bit-titlu *'Holiday Customs in Malta'.* Kitba li jidher li ntogħġbot ħafna tant, li l-ġurnal bl-Ingliż *Malta Times* kien xandar għażliet minnha f'supplement mal-ħarġa tal-24 ta' Awwissu ta' l-istess sena.**

Missirijietna kienu jemmnu bosta għidut li għaddewlhom ta' qabilhom, li 'llum, il-biċċa l-kbira tagħhom inisslu tbissima. Iżda fl-antik, dawn kienu jitqiesu li huma minnhom, u ħażin għalih dak li jittanta jmerihom. Dawn kienu jittrattaw diversi għemejjel jew qagħdiet li, xi ftit jew wisq, minn żmien għal ieħor, il-bniedem jista' jgħaddi minnhom jew jagħmilhom hu stess.

Ngħid għalija, filwaqt li wħud minn dawn l-għidut f'kitbet Busuttil kont iltqajt magħhom f'diversi kitbiet, affarijiet oħrajn li semma' l-awtur, għalija, kienu ġodda għal kollox. Għalhekk, inħoss li jkun xieraq li għażla minn kitbietu ngħaddiha lil min bħali għandu għal qalbu l-folkor ta' gżiritna.

## FEJQAN MILL-MARD

Fost is-superstizzjonijiet u twemmin li emmnu fihom ix-xjuħ tagħna, wħud kienu marbuta mal-kura ta' xi mard partikulari. Meta ħafna mill-mediċini tallum kienu għadhom 'il bogħod, l-antiki kienu jemmnu li biex tfieq mid-deni jew xi uġigħ ta' ras kulma kellek tagħmel kien li tgħaddas saqajk fil-misħun, wara li jintefa' fih xi ftit melħ. Iżda kien jinħtieġ li, biex dan iħalli effett, il-melħ kellu jiżdied minn xi xebba u mhux minn mara miżżewġa. Għad-deni, kienu jemmnu li hemm rimedju ieħor. Dan jinżillek jekk toqtol fenek, tiftħu u tpoġġieh b'imsarnu għadhom sħan fuq l-istonku tiegħek.

Żamma oħra b'rabta ma' fejqan kienet tkun fl-aqwa tagħha fi tmiem il-Ġimgħa Mqaddsa. Xi ommijiet kienu jistennew li tindaqq il-*Gloria*, biex wara jiġbru ftit fjuri tas-Sepulkru. Dan kienu jagħmluh għax kienu jemmnu li jekk dawn il-fjuri jintefgħu fl-ilma li bih jaħslu t-trabi tagħhom, f'każ li dawn ikunu mardu minħabba xi qatgħa li jkunu ħadu, dawn ifiequ. Wara li jaħslu lit-tarbija, bl-istess ilma kienu jaħslu lit-tfal l-oħra biex, jekk setgħu ittieħdu bla ma ntebħu, ifiequ huma wkoll.

Għall fejqan ta' xi ferita jew musmar kienu jidilku l-balzmu. Il-balzmu kienu jagħmluh billi jieħdu bajda li t-tiġieġa tkun biedet nhar il-Lunzjata, fil-25 ta' Marzu, titqiegħed xi mkien fid-dlam, u kif tgħaddi s-sena kienu jemmnu li din issir balzmu, lest biex jintuża għall-fejqan. Fl-istess ħin, il-ferita, minbarra bil-balzmu, setgħet titfejjaq billi jfarrku l-fossili ta' snien ta' ħuta u jroxxu t-tifrik fuqha. Barra minn hekk, jekk iddendel ma' għonqok xi waħda mill-fossili kien ikollok protezzjoni minn xi gidma ta' serp velenuż.

Kien hemm riċetti kurjużi oħra fejn jidħol il-fejqan mill-mard. L-uġigħ tar-rewmatiżmu kien jittaffa jekk dak li jkun iżomm ħuta niexfa fil-but. Jekk imbagħad, fil-but iżżomm bajtra mqadda kien ikollok serħan mill-iskomdu tal-morliti.

Kienu jgħidu wkoll li, biex min jinfaraġ jitwaqqaflu d-demm, kulma għandu jsir hu li jqegħdulu muftieħ taħt għonqu.

Kienu jemmnu wkoll li, jekk timrad bis-suffejra wara xi qatgħa, kont tikseb il-fejqan billi, jekk inti raġel,

tagħmel is-sinjal tas-salib fuq minkbejt u rkobbtejk bid-demm li tkun ħriġt minn saqajn fekruna mara. Jekk int mara, id-demm ried ikun minn fekruna maskili. Kienu jemmnu b'rimedju ieħor għall-fejqan minn mard wara xi qatgħa. Kulma kellek tagħmel hu li tixrob il-brodu ta' ġeru.

Xi xgħira jew ponta f'xifer l-għajnejn kienet titfejjaq billi titfa' minn wara spallejk ħames xgħiriet fil-bir. Fl-istess ħin, għal min kien ibagħti bix-xgħir f'għajnejh kien hemm konsolazzjoni. Kien jinżamm li dan, 'il quddiem, aktarx se jiret.

## L-ERWIEĦ, L-IHIRSA U L-GĦAJN

Twemmin fl-ispirti u l-iħirsa kien imxerred ħafna fost dawk ta' qabilna. Żmien ilu, speċjalment in-nisa u t-tfal, kienu jemmnu f'dak li kienu jsejħulu *Gawgaw*. Dan ma kienx ħaġa oħra għajr bniedem mibdul fi spirtu jew ruħ. Dan kien iseħħ lil dawk li kienu twieldu fil-lejl tal-Milied. Dawn, tul dak il-lejl, kellhom l-isfortuna li jinbidlu fi spirti jew erwieħ. Kienu jsostnu li jiġri dan, għax Kristu ma xtaqx li ħaddieħor jitwieled fl-istess lejl li twieled hu. Tul il-lejl imsemmi, wara li jorqdu, dawn kienu jqumu minn sodthom u jgħaddu dak il-lejl iterrqu ma' kullimkien ibeżżgħu lin-nies bit-twerżiq u l-krib. Biex dak li tkun messitu din l-isfortuna ma jinbidilx f'gawgaw, kull ma kellu jagħmel hu li l-lejl tal-Milied jgħaddih jgħodd it-toqob ta' xi għarbiel.

*Il-Babaw* ukoll kellu postu fi twemmin missirijietna. Uħud kienu jaħilfu bl-eżistenza tiegħu għax isostnu li kienu rawh idur fit-toroq f'xi wieħed mill-iljieli ta' maltemp xitwi. Kienu jgħidu li dan kien annimal ikreh li kellu għamla ta' ħmar, barri jew ġurdien kbir. Mal-babaw kienet marbuta l-ħrafa li dan kien iwerwer lil dawk li ma jkunux ħallsu l-kera, biex bil-krib u t-twerżiq tiegħu jitnaffru u joħorġu minnha. Il-babaw kien ukoll l-arma ta' xi ġenituri biex iġiegħlu 'l-uliedhom jidħlu d-dar qabel jidlam. Kienu jbeżżgħuhom billi jgħidulhom li, wara li jidlam, kien ser jgħaddi l-babaw.

Sa daż-żmien għad hawn min jemmen li x'uħud jgħajnu. Dan jagħmluh kemm jekk ikunu jridu u kemm jekk le. B'ħarsithom setgħu iġibu l-mard jew xi ħsara lil xi ħadd. Għad hemm ukoll min jemmen li hemm uħud li jistgħu jagħmlu l-*Magħmul*. Jaħsbu li dawn għandhom il-qawwa li jġibu kull xorta ta' għawġ fuq xi ħadd. Għall-*magħmul* Busuttil ma jsemmi ebda rimedju, iżda biex teħles minn xi *għajn* li jkun ġieb fuqek xi ħadd, jgħid li kellhom mnejn jagħżlu. Fost dawn kien hemm li tieħu u taħraq biċċa drapp mingħand min jgħajjen. Bħala prevenzjoni, imbagħad, semma' diversi. Fost dawn kien hemm li meta tilmaħ lil xi ħadd li jgħajjen, tagħmel sinjal tas-salib fuq żaqqek, jew tobżoq fl-art waqt li tgħid *"toħroġ il-għaġeb"*. Biex tbiegħed il-għajn minn fuq it-tfal jew minn fuq il-bhejjem, kulma kellek tagħmel kien li ddewweb fuq rashom ftit xema' kannella li kienet tintuża fil-knejjes fil-Ġimgħa Mqaddsa. Arzella mdendla ma' l-għonq ukoll kienet rimedju biex teħilsek mill-għajn. L-istess kif kien jagħmel par qrun imdendel f'post mnejn jista' jidher minn kulħadd.

*Il-Ħares* ukoll kien popolari max-xjuħ tagħna. Xi whud kienu jsostnu li jidher f'għamla ta' serp iswed jew xi Tork. Kienu jżidu wkoll li min jarah f'daru aktarx li jibda jsib il-flus f'diversi rkejjen jew f'xi wieħed mill-kxaxen tal-għamara. Ħoll xagħarek u ġib iż-żejt jekk meta tarah tipprova toqtlu, għax int jew xi ħadd mill-familja żgur li tgħaddu minn xi għelt kbir.

## TWEMMIN STRAMB IEĦOR

L-ilma, fost oħrajn, kellu postu wkoll fit-tradizzjoni Maltija. Kienu jemmnu li, permezz tiegħu, ix-xebbiet jista' jkollhom ħjiel tal-ġejjieni tagħhom. Kien jingħad li, fl-24 ta' Ġunju, nhar San Ġwann Battista, wara li jdewbu ftit ċomb u jitfgħuh fl-ilma, ix-xeħta li jieħu meta jiksaħ kienet tfisser ħafna. Jekk iċ-ċomb, wara li jibbies, jiġi bajdani u jleqq, ikun ifisser li x-xebba ma ddumx ma ssib is-sieħeb tagħha; raġel sabiħ li miegħu tgħix ġejjieni mill-isbaħ. Jekk iċ-ċomb jiġi skur u matt, ix-xebba kien miktub għaliha li aktarx tiltaqa' ma' raġel nieqes mill-ġmiel u jekk twebbes rasha u tiżżewġu, miegħu aktarx ma tkunx se tgħix kuntenta.

Twemmin ieħor stramb fl-ilma kien li lit-tfal tagħhom kienu jgħidulhom li jekk jitfgħu xi ġebel fil-bir jew fil-baħar, xi darba jkunu mġegħlin minn xi spirti (?) biex jiġbruhom bi xfar għajnejhom!

Ilma bi fjura fih kellu wkoll marbut miegħu xi ħjiel tal-ħin meta mara tqila tkun se teħles. Dan kien isir billi jqiegħdu blanzun ta' warda fl-ilma. Kif dan jibda jiftaħ, ikun is-sinjal li l-ħlas ikun qrib sewwa.

Mejju kien meqjus bħal x-xahar tad-disgrazzji. L-għarajjes kienu jingħataw parir biex ma jiżżewġux f'dak ix-xahar, għax jekk jagħmlu dan, iż-żwieġ ma jirnexxix.

Riżultat ta' xi għemil tal-annimali, jew esperjenzi tal-bniedem, minbarra dawk li ġa semmejna, insibu diversi superstizzjonijiet strambi.

Żamma fost ħafna kienet dwar il-klieb. Jekk kelb kien jinstama' jingħi fit-tul, kien meqjus bħala sinjal li wasal biex imut xi qarib jew xi ħadd mill-ġirien. Kif kiteb Dr. Nathaniel Home fil-ktieb *Daemonologie*, din is-superstizzjoni ma kenitx biss fostna iżda kienet mifruxa f'pajjiżi oħra wkoll. L-istess kien jingħad li jekk tiġieġa tqaqi iktar u itwal mis-soltu. dan ikun sinjal li ma jdumx ma jmut xi membru tal-familja.

Id-dehra ta' xi baħrija tittajjar fil-qrib rabtu magħha twemmin fieragħ ieħor. Jekk din tkun bajda, ikun ifisser li se jiġi lura xi ħadd mis-safar. Jekk tkun sewda, tkun tbassar aħbar ħażina. Il-wiżgħa u l-gremxula kellhom ukoll xi jwasslu lil min joqtolhom. Jekk denbhom

jibqa jferfer, hu sinjal li qed jitfgħu saħta fuq il-ġenituri ta' min qatilhom.

Kien hemm diversi ħsibijiet dwar dak li jħoss il-bniedem fi żmien jew ieħor f'xi parti tal-ġisem. Hemm iż-żamma marbuta mal-għajnejn u mtennija wkoll mill-folklorista Groe f'uħud minn kitbietu. Skond Busuttil dan il-kittieb kien ikkonferma dan l-għidut li fi żmienu kien imxerred ħafna: *"Jekk jikluk għajnejk ma ddumx ma tibki"*. Għall-kuntrarju, kienu jgħidu li *"jekk jikluk idejk ma ddumx ma tifraħ b'xi somma flus"*.

Il-widnejn ukoll kellhom xi jħabbru lil sidhom. Jekk fil-leminija tisma' bħal tisfir, hu sinjal li xi ħadd qed isemmik fil-ġid. Jekk dan tħossu fix-xellugija tkun qed tissemma' fid-deni.

L-istess il-ħolm, kellhom tifsir għalih. Kienu jgħidu li, min joħlom bil-ħut aktarx li ma jdumx ma jifraħ. Għall kuntrarju, min joħlom bil-baħar kellu jistenna l-inkwiet. Jekk toħlom bil-qamħ, stenna li se tagħli u tibki.

## ATTENT X'TAGĦMEL F'DAREK

F'darek ridt toqgħod attent x'tagħmel. Is-siġra tal-akaċja kellha fama ħażina mad-dilettanti tal-ġonna. Kienu jgħidu li jekk tħawwilha fil-ġnien, stenna l-mewt tal-kap tal-familja, ħafna drabi l-missier, fi żmien sena. L-istess seta' jiġri jekk taqla xitla tat-tursin minn fejn tkun nibtet biex tħawwilha xi mkien ieħor. Din id-darba, stenna li, minflok il-missier tista tkun l-omm.

Ara wkoll li ma tonqosx li tkun preżenti għall-ikla ta' l-Ewwel tas-Sena, għax tkun tistenna li ma twassalx sas-sena ta' wara. Fl-istess ħin, f'din l-ikla qatt tinkludi l-kaboċċi, għax jekk tiekol minnhom tibqa tokrob is-sena kollha.

In-numru 13 kien meqjus bħala risqu ħażin. Għalhekk, waqt xi ikla qatt ma kellhom ikunu 13-il ruħ. Jekk jinzertaw hekk, aktarx li wieħed minnhom, fi żmien 24 siegħa, ser ikun mar id-dinja l-oħra. Din is-superstizzjoni kienu jsaħħuha billi fl-Aħħar Ikla tal-Mulej, it-13-il wieħed kien Ġuda, li mar tgħallaq fi żmien 24 siegħa. Fl-istess ħin, waqt li tkun issajjar jew tiekol, ridt toqgħod attent li ma xxerridx iż-żejt għax tkun tistieden xi gwaj. Iżda jekk ixxerred il-melħ jew l-inbid, m'għandekx tiddejjaq, għax hu sinjal li ma ddumx ma tifraħ.

Kien xieraq li għalaqna din il-kitba b'xi ħadd li aktarx ma jdumx ma jifraħ. Ngħid dan, għax nisthajjel li, dawk li fl-imgħoddi emmnu b'għajnejhom magħluqa t-twemmin jew l-għidut dwar in-niket li kien jistennihom b'riżultat ta' xi sitwazzjonijiet li setgħu għaddew minnhom, aktarx li għexu ħafna minn ħajjithom fuq ix-xwiek.

**© Anton Attard**



L'armerija tal Palazz tal Gran Mastri.



IT-TEATRU RIAL.

**Fl-1914 Giovanni Faure` ħareġ il-ktieb** *Li storia ta Malta u Ghaudex bil-Gzejjer tagħhom* (sic) **f'erba' volumi. Il-ktieb fih xi illustrazzjonijiet u inċiżjonijiet, xi whud iġibu l-firma ta' Faure` u oħrajn bla firma. Hawn fuq qed inġibu tnejn minnhom.**

# IL-ĠOBON TAN-NAR

Ġużi Gatt

**Fost il-ħrejjef miġbura minn Patri Manwel Magri u li dehru għall-ewwel darba fis-sensiela *Mogħdija taż-Żmien*, insibu waħda magħrufa bħala "l-Ħrafa tax-Xhur". Din tgħid li darba kien hemm raġel fqir li ħareġ għodwa waħda jimxi għal għonq it-triq, sab bieb kbir miftuħ, daħal, ra mejda mifruxa fid-daħla tad-dar, u madwar il-mejda tnax-il ruħ jieklu. It-tallab ma kienx jaf, imma dawk l-irġiel jieklu mal-mejda kienu t-tnax-il xahar tas-sena.**

Talabhom xi ħaġa għax: "Anqas belgħa ma ħadt illum" qallhom il-fqir. "Oqgħod mal-mejda" qalulu, "u kul magħna". Meta xaba', wieħed mill-irġiel – li fil-fatt kien Jannar, imma l-fqir ma kienx jaf li dak kien Jannar – staqsieh:

"Xbin, x'jgħidu n-naħa tagħkom fuq Jannar?"

U l-fqir, peress li kien raġel sewwa, wieġbu li Jannar kien xahar tax-xita u ta' kull ġid...ħaxix isir u kulma tixtieq qalbek.

"Xi waħda mqabbla ma jgħidux?" reġa' staqsieh Jannar.

"Ara x'qallek," wieġbu l-fqir, "ngħidlek kemm trid":

"Jannar dejjem jitrekken fid-dar."

"Meta x-xemx issaħħan f'Jannar
Ikollok biex fis-sajf timla d-dar".

"Qamar Jannar ħareġ ix-xebbiet mill-għar;
ħasbuh bi nhar!"

Jannar tbissem u l-oħrajn bdew jidħku. Biex ma ntawwalhiex, anke Frar ried ikun jaf in-nies x'jgħidu fuqu, u l-fqir reġa' wieġbu bit-tajjeb ukoll:

"Frar fawwar,
Tal-bidwi għana fid-dar."

"Fix-xahar ta' Frar,
Iżra', saqqi, u baqqi
l-ħabaq għadsi!"

U baqa' sejjer hekk: għal kull mistoqsija tal-oħrajn, iħoll ilsienu għat-tifħir u jtella' mas-smewwiet ix-xhur kollha.

Meta ġie biex iqum, talabhom xi ħaġa għall-mara u t-tfal, għax imsieken bil-ġuħ. Jannar ħa f'idu mindil (maktur) tal-ħobż, taħulu, u qallu: "Meta trid xi ħaġa għid: 'Ifrex!', itlob li tixtieq qalbek, u jiġik. Meta ma tridx aktar għid: 'Arfa'!', u l-mindil jintewa waħdu. Ħudu miegħek; ma hux għal darba biss, imma għal kemm trid."

Il-fqajjar iżżieh ħajr, xtieq lilu u lil sħabu mitt elf ġid, u telaq lejn id-dar.

Malli wasal qal lill-mara: "Mari', issa jkollkom x'tieklu bix-xaba'!" Ħareġ il-mindil mill-ħorġa, qallu: "Ifrex", u l-mindil firixlu ikla tabrom il-mustaċċi!. Isimgħu ftit il-ħrafa x'tgħid li kien hemm mifrux fuq il-mindil:

**Meraq tal-fekruna tal-baħar magħqud bħall-baqta.**

**Ross fil-forn.**

**Ħobż tas-smid.**

**Baqra bil-fenek ġewwa fiha (hawnhekk baqra hi dgħu tal-fuħħar).**

**Ħasi moħxi (mimli).**

**Qassatat tal-ful u l-piżelli.**

**Qubbajt tal-għasel abjad.**

**Imqaret sħan sħan.**

**Ħabbgħażiż għat-tfal.**

**Boqqa nbid ta' Alikant.**

**Boqqa oħra ta' Malag mill-qadim.**

**Frott għal qalbek, sa dulliegħa ta' Tripli fiha daqs kajjikk.**

Imma mill-lista ta' affarijiet tal-ikel ħallejna waħda barra għax xtaqna nagħżluha mill-oħrajn u nitħaddtu ftit fuqha. Ħallejna barra l-fatt li fuq il-mindil kien hemm ukoll il-**Ġobon tan-Nar**.

Il-Knisja f'Għawdex taħroġ perjodiku ta' kull xahar jismu "Il-Ħajja f'Għawdex". Fil-ħarġa ta' Diċembru 2006, Anton F. Attard kiteb artiklu fuq dan il-ġobon tan-nar għax, mid-dehra, Għawdex kien għad hemm xi xjuħ li jiftakru lil nieshom jagħmlu dan il-ġobon. Anton F. Attard semma lil Manwel tal-Kumpar, li kien armat ħdejn ta' Savina, ir-Rabat t'Għawdex; lill-Pespus u liż-Żebbuġi, t-tnejn minn Ta' Sannat; lin-Nigru, mix-Xagħra; u lil Leli Farrugia, t-Trijestri, mir-Rabat. Dawn kollha, b'xi mod jew ieħor, jew għax kienu jbigħuh, jew għax kienu jagħmluh, kellhom x'jaqsmu, dari, mal-ġobon tan-nar.

M'għandniex xi ngħidu, illum ma fadal ħadd minn dawn it-talin. Imma peress li xtaqt

nitkixxef iktar, fettilli nkellem lil Consiglia Azzopardi, minn Ta' Sannat u bis-saħħa tagħha sirt naf lil Feliċa Saliba, taż-Żebbuġi, minn Ta' Sannat stess, u lil Liza Mizzi, ta' Ġakbu, mill-Għarb. Din il-kitba li ġejja nġabret bis-saħħa tagħhom ilkoll.

Liza Mizzi, llum mgħobbija bil-għomor, fi żmienha kienet raħħala. Familtha kienu jrabbu l-bhejjem. Il-bhejjem kienu jagħtu l-ħalib, li kien jinbiegħ jew frisk, x'aktarx mibgħut lejn Malta, jew magħmul fi ġbejniet, friski, moxxi, jew tal-bżar. Imma xi kultant ir-raħħal kien jibqa' b'iktar ħalib milli kien jiflaħ jikkonsma jew ibiegħ. Dan kien jiġri l-aktar meta d-dgħajsa jew vapur tal-mogħdija bejn Malta u Għawdex ma kienx jaħdem.

Il-ħalib iż-żejjed kien jintefa' ġo kaldarun apposta u JITTAMMAS bħas-soltu; qisek se tagħmel il-ġbejniet. "Jittammas" jiġifieri titfagħlu l-QTAR TAT-TAMES. Bil-qtar tat-tames, il-ħalib JOBQOT – jiġifieri parti minnu tibbies u ssir BAQTA, u l-parti l-oħra ssir ilma u jissejjaħ XORROX. Il-ħalib malajr jobqot jekk it-tames ikun tajjeb, imma qabel ma l-proċess jintemm – jiġifieri meta l-baqta tkun għadha fi stat li tista' tibbies ftit ieħor, il-kaldarun bil-ħalib jittella' fuq in-nar. Hu għalhekk li l-ġobon jissejjaħ "ġobon tan-nar". Dari kien jintuża kenur, imma fi żminijiet eqreb lejna kinet tintuża spiritiera tal-istim (primus). Il-ħalib jitħalla jisħon sew, imma ma jitħalliex jiftaħ jagħli. Hawnhekk tidħol is-sengħa. Liza ta' Ġakbur qaltli li "x-xogħol waħdu jurik", imma bħal f'kollox, għal dil-biċċa xogħol irid ikollok ix-xeħta. Malli tara li l-ħalib imtammas se jiftaħ jagħli, tniżżlu minn fuq in-nar u tħallih jibred.

## QWIELEB KBAR

Hawnhekk issa trid iġġib xi ftit qwieleb kbar, bħal dawk li jintużaw għall-irkotta; u l-pass li jmiss ikun li terfa' l-baqta minn ġox-xorrox u titfagħha fil-qwieleb. Kieku dil-biċċa xogħol nagħmluha llum, m'għandix dubju li nerfgħu il-baqta b'xi mgħarfa kbira jew b'kuċċarun. Imma meta Liza Mizzi kienet qed tispjegali dil-parti tal-proċess, użat kelma li lili tgħidx kemm għoġbitni u nixtieq naqsamha magħkom:




**Kaldarun tal-enemel li fih Felic Camilleri Taż-Żebbuġi, minn Ta' Sannat, kien itammas il-ħalib biex jagħmel il-ġobon. Disinn meħud minn ritratt provdut minn Feliġa Saliba**




**Qaleb kbir magħmul mis-simar. Disinn meħud minn ritratt ipprovdut minn Feliċa Saliba.**

Aħna, fil-Malti, nużaw il-kelma "ħafna", bħal meta ngħidu "Ġanni għandu ħafna flus". Issa jekk inti toqgħod bil-pinna u bil-klamar tista' tgħid li l-kelma "ħafna" proprjament tfisser *a handful* – ponn, jew dak l-ammont li jirnexxielek TAĦFEN b'id waħda. Jiġifieri kien hemm żmien li wieħed seta' jgħid: "Ċikku daħħal idu fis-sassla u qabad ħafna flus", u din is-sentenza kienet tinftiehem li Ċikku *picked up a handful of coins*. Biż-żmien, il-kelma "ħafna" ġiet tfisser kif tfisser illum – jiġifieri *a lot*. Issa Liza Mizzi qaltli: "Taqbad il-baqta ĦAFEN ĦAFEN minn ġol-kaldarun u titfagħha fil-qaleb". Meta lissnet il-kelma "ħafen" għamlet il-pali ta' jdejha flimkien, biex turini kif. Mela fil-waqt li l-kelma "ħafna" tfisser b'kemm tista' taħfen b'id waħda, il-verżjoni maskili tal-kelma, jiġifieri "ħafen", tfisser b'kemm tista' taħfen b'idejk it-tnejn. Kelma sabiħa li biħsiebni nibqa' niftakarha.

Mela taqbad il-baqta ĦAFEN ĦAFEN minn ġol-kaldarun, u titfa' kull ħafen ġol-qaleb. Il-ħafen baqta li titfa', jiċċattja fil-qiegħ tal-qaleb, għax il-baqta tkun ratba. Qabel ma titfa' t-



**Lisa għamlet il-pali ta' jdejha flimkien**
**Biex turini kif ikun ĦAFEN**

tieni ħafen, trid tferrex il-bżar iswed IMKISSER fuq l-ewwel saff ta' baqta. Użajt il-kelma "imkisser" għax Liża fissritli li ż-żibeġ tal-bżar iswed ma jridux ikunu misħuqin jew mitħunin b'mod li jsiru trab, imma sempliċement imkissra b'xi ħaġa iebsa biex iż-żibġa tinqasam f'biċċiet ikbar minn traba. Mela titfa' l-bżar mkisser fuq l-ewwel saff, taqbad ħafen ieħor baqta' minn ġol-kaldarun u titfgħu fuq il-bżar. Terġa' troxx il-bżar fuq dan it-tieni saff, u tibqa' sejjer hekk sakemm timla' l-qaleb sa fuq. Il-qaleb mimli baqta jitħalla joqtor, imbagħad jitqiegħed x'imkien għall-frisk, għal ftit ġimgħat, sakemm il-baqta tinxef, tibbies, u ssir ġobon. Hi u tinxef, il-baqta tinxtorob u tiċkien – tinżel anke sa nofs il-volum li kellek fil-bidu, imma xorta tispiċċa b'ġobna ferm ikbar minn ġbejna.

Skont Liza Mizzi ta' Ġakbu, din il-ġobna kienu mbagħad jgħaddsuha fil-ħall għal xi ġurnata jew tnejn, biex tieħu t-togħma tal-ħall ukoll, imbagħad iroxxu fuqha aktar bżar mitħun. Tiġi qisha bħal ġbejna tal-bżar kbira, u kienu jaqtgħu minnha u jbigħuha bl-użin.

## ĠOBON TA' SQALLI

F'Għawdex għadhom sallum isemmuh dan il-ġobon. Felica Saliba taż-Żebbuġi, li toqgħod fi Triq il-Knisja, Ta' Sannat, tiftakar li nannuha Feliċ, kien **jagħmel il-ġobon u l-butir, u kien isiefru barra minn Malta** (jew minn Għawdex) x'aktarx lejn Sqallija. Il-butir u l-ġobon kienu jitqiegħdu ġo kaxxi magħmula mil-landa, u li fuqhom kien ikollhom miktub:

**BUTTER**
**C. FELIC**
**11 Sda: Chiesa**
**SANNAT GOZO ***

"C. Felic" tfisser: Camilleri Felic, in-nannu ta' Felica. Skont Felica, il-kaxxi kienu jmorru barra minn Malta mimlija bil-ġobon u l-butir li kien jagħmel nannuha, u jerġgħu jiġu Malta vojta; biex jerġgħu jimtlew. Id-disinn f'hawn taħt hu meħud minn ritratt ta' waħda minnhom. Felica urietna wkoll il-qwieleb u l-kaldaruni, li minn ritratti tagħhom saru d-disinji li jidhru f'dan l-ariklu. Il-kaldaruni kienu jitqiegħdu fuq l-ispiritieri tal-istim (primus).

Xtaqt ħafna nkun naf m'għand Felica nannuha kif kien jagħmel il-butir, imma ma kenitx taf. Fil-Malti, l-kelma "butir" x'aktarx ġejja mill-Isqalli: *butiru*. Imma fil-lingwa Maltija (kienet) teżisti wkoll il-kelma Semitika: SEMEN, li turi li niesna ilhom jafu bis-semen, jiġifieri bil-butir, minn żmien in-nisel tal-ilsien Malti. Għad hawn xjuħ, li ltqajt magħhom jien, li għadhom jiftakruha din il-kelma. Għalihom is-semen hu dak il-materjal li jibqa' joħroġ mill-ġbejniet tal-bżar meta dawn ikunu maħżuna fit-tul f'xi flixkun jew ġarra. Niesna dari kienu jlaqqtu dak l-artab minn mal-ġbejniet u jżiduh għat-togħma mal-minestra, kawlata, jew ma' x'hiex iridu. Imma etimoloġikament, semen tfisser "butir", u ŻIBDA, kelma oħra li llum qiegħda biss fid-dizzjunarju, tfisser "krema". Ġobon tan-nar, semen, u żibda: kollha jfakkruna x'kellna fl-imgħoddi u x'armejna matul iż-żmien, kemm f'dik li hi lingwa, u kemm f'dik li hi kultura tagħna.

**© Ġużi Gatt**




**Kaxxa tal-metall (landa) li fiha C. Felic kien**
**Isiefer il-butir u l-ġobon barra minn Malta.**

# L-IMSAJAD

Karmenu Pace

**Qiegħ il-baħar, bħal wiċċ l-art, mhux kollu l-istess. Hemm fejn hu baxx u fejn hu fond; fejn il-qiegħ ikun ramel u fejn ikun kollu alka; hemm fejn ikun xifer li jaqta' għall-fond u hemm fejn ikun xi skoll jew medda blat li titla' qisha għolja ġieli sa ftit metri 'l isfel mill-wiċċ. Ċertu tip ta' ħut ikun jokrom u jiżgħed l-iktar f'ċertu tip ta' qiegħ. Wara ħafna snin ta' esperjenza, is-sajjieda tagħna dan il-fatt jafuh sewwa; u jafu fejn għandhom imorru biex isibu t-tip ta' ħuta li jridu. U biex imorru fl-istess post li fih is-soltu jsibu ċertu tip ta' ħut, kienu jimmarkaw il-post billi jżommu xi sinjali mal-art. Jiġifier kienu jimmarkaw xi post prominenti fuq l-art, ngħidu aħna xi binja kbira, xi għar, xi blata, jew xi kap, u kienu jsibu l-post li jridu billi jżommu xi tnejn minn dawn il-marki ma' xulxin.**

Ejja nieħdu eżempju: **Ġebel Qim fuq il-Ħajt** ifisser li meta s-sajjied, minn fuq il-baħar, iġib lil Ħaġar Qim bi dritt ħajt tas-sejjieħ twil li jaqsam ix-xagħra ta' wara t-Torri ta' Irsejjen, ikun jaf li dak hu l-post li qed ifittex. Hemmhekk jaf li jista' jkala, ngħidu aħna, għall-vopi. B'dal-mod is-sajjieda kienu jagħtu isem għal kull MASJAD – post tajjeb għas-sajd. Dan ma jfissirx li s-sajjieda kollha kienu jsibu l-post bl-istess isem u bl-istess sinjali. Hekk, ngħidu aħna, s-sajjieda Xlukkajri, jekk jitilgħu jistadu lejn Filfla, jista' jkun li jkollhom ismijiet differenti għall-imsajad mis-sajjieda ta' Wied iż-Żurrieq.

Is-Sajjieda kienu għadhom jinqdew b'dawn is-sinjali mal-art sa ftit ilu, jiġifieri qabel ma daħal l-istrument tal-GPS. Is-sinjali u l-ismijiet kienu jintirtu minn missier għall-iben, imma bl-istrumenti l-ġodda li kappaċi jsibulek il-post preċiż bla tbatija, dan il-kliem u dan l-għarfien qed jinqata' u se jintilef.

Tkellimt ma' Salvu Schembri, miż-Żurrieq, magħruf bħala l-Ħoċċ, u dan tani dawn l-ismijiet:

**Ġebel Qim Fuq il-Ħajt**. Jiġl eżatt meta minn fuq il-baħar Ħaġar Qim jiġl fuq ħajt dritt tas-sejjieħ li hemm bejn l-Imnajdra u l-Maqluba (jew Maqlubet il-Baħar). Hawnhekk, skont Salvu, wieħed għandu masjad tajjeb għall-vopi u l-arżnell, u għall-ħut tal-parit. Hemm xi 30 qama.

**Fejn titfaċċa Ras il-Arma**. Salvu qalli li din hi bħal ras blat tonda lejn l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli. Jgħidula l-Arma għax hemmhekk, fl-antik, kien hemm xi ħaġa militari, u li fil-post wieħed għadu jista' jara l-lunijiet fejn kienu mwaħħlin il-kanuni. (Għandu mnejn li l-kelma proprja hi 'għarma', jiġifieri bħal munżell jew ħotba, bħal meta ngħidu 'gharem tar-ramel'.) Dan il-masjad jinħadem bil-parit u bil-lampiera, u jinqabad l-arżnell u ħut bħalu.

**Art ma' Art**. Biex issib dan il-masjad trid iġġib il-ponta ta' fuq li hemm taħt Ħad-Dingli, mal-Kap li hemm ftit 'il fuq minn Bingħisa (il-Kap t'Isfel). Masjad tajjeb għall-konzijiet tal-qiegħ, għaċ-ċeren, dottijiet, u pagri, li Salvu qalli li huma ħut tal-iskoll. Salvu fehimni li s-sinjali m'humiex eżatti bħall-istrumenti tal-lum; u rrakkuntali kif xi sajjieda darba daħlu żżejjed lejn l-art x'imkien lejn il-Maqluba u tilfu x-xibka, għax daritilhom mal-iskoll u ma setgħux jerfgħuha. Tilfu kollox. Salvu ma setax jiftakar aktar ismijiet ta' sinjali u bagħatni għand Ronald ta' Salvu ta' Sibulha, li għandu l-ħanut il-ġdid tal-ħut fit-triq prinċipali li tagħti għal Wied iż-Żurrieq, u li jismu La Spigola.

Dawn huma l-ismijiet ta' msajad li Ronald, raġel ta xi 35 sena, tgħallem m'għand missieru u minn xi sajjieda oħra li kien joħroġ jistad magħhom:

**Ix-Xifer tal-Punent**. Dan jiġi bi dritt l-impjant tat-tisfija tad-dranaġġ. Biex jiġu fuq dan ix-xifer, is-sajjieda jżommu s-sinjali ta' **Għar in-Ngħaġ fuq l-arkati**. L-arkati huma dawk il-ħnejjiet li nbnew ġo Wied ix-Xaqqa biex fuqhom setgħu jibnu t-triq il-ġdida ta' Għar Lapsi. Għar in-Ngħaġ qiegħed aktar 'il ġewwa taħt l-għolja, hu magħluq b'ħajt baxx tas-sejjieħ, u dari r-rgħajja kienu jżommu n-ngħaġ fih. Meta jsibu dan is-sinjali, xi ħamsin qama 'l isfel taħt wiċċ il-baħar hemm xifer li jaqa' għal 70 jew 80 qama.

**Ponta ma' Ponta**. Ronald spjegali li kemm Kap taħt Ħad-Dingli li qiegħed ħiereġ għall-ponta. Triq iġġib bi dritt miegħu kap ieħor. Dawn jiġu l-aħħar żewġ kapijiet taħt Ħad-Dingli, u tiġl fuq fejn kienu difnu lil Congreve – li kien Gvernatur Ingliż li ħalla fit-testment li xtaq jindifen bejn l-Imnajdra u Filfla. F'Marzu tal-1927 kien intefa' l-baħar ġo tebut taż-żingu minn fuq frejgata tal-gwerra. Illum hemm monument taż-żonqor ftit 'il hinn mill-Imnajdra, lejn it-torri ta' Rsejjen.

**Għasso ġo Għar**. Ronald qalli li jisma' l-antiki jgħidu li dari kien ikun hemm xi ħadd għassa fuq il-Kap il-Baxx. Biex tiġi fuq dan il-masjad trid iġġib il-Kap il-Baxx ġo Għar Infern. Tajjeb għall-konz tal-qiegħ.

Fuq id-Dahar. Dan il-masjad jinsab 'l barra minn Filfla, ġol-Punent Majjistru, 'l barra minn Xutu l-Mikxuf. Id-Dahar huwa xifer blat wara Filfla, 'l isfel mix-Xifer tal-Punent. Ronald qalli li hemm fond ta' 50 qama minn fuqu, u jfannad għal 80 qama jew aktar.

**L-IMSAJAD TA' KARLI AZZOPARDI, IL-MIRLU.**

Karlu Azzopardi, mlaqqam il-Mirlu (il-mirla hija ħuta tajba, qisha vopa, imam b'tebgħa sewda fuq denbha) joqgħod San Pawl il-Baħar, fl-inħawi tal-kappella ta' San Pawl Nawfragu. Huwa twieled ix-Xewkija, Għawdex, imma missieri kien ġie joqgħod fil-familja Malta meta Karlu kellu biss tliet xhur, allura ma setax iġib miegħu il-Q tad-djalett Xewki. Imma Karlu żżewweġ mara mix-Xewkija u din, iva, kienet titkellem bil-Q Xewkija. Missier Karlu kien sajjied, u filwaqt li Karlu ħares lejn in-nases tal-vopi mdendla mas-saqaf qalli: "Missieri b'dawk irnexxielu jrabbina." Karlu ġibed lejn missieru, u qatta' għomru u żmienu fuq il-baħar. Illum, flimkien mat-tfal, għadu jistad, imma biex idabbar l-għejxien mil-baħar, qiegħed ukoll iġorr l-għaddasa fuq luzzijiet li jġibu l-isem ta' Calypso. Dan l-isem ifakkar fl-art tan-nanniet. Karlu urieni, kburi kburi, għadd ta' nases li kellu stivati fuq xkaffa twila fil-garaxx u qalli: "Dawk jien nagħmilhom. Għall-qarnit. Karlu jaf ħafna ismijiet ta' sinjali tal-art li juzaw is-sajjieda biex isibu l-imsajad tagħhom. "Dawk nafhom bl-amment" qalli Karlu, "ngħidhomlok eżatt. Imma mbagħad tgħidlix biex immur b'tal-linja Marsaxlokk għax m'inix kapaċi!". Is-sinjali li jaf Karlu kollha huma ta' postijiet tajbin għall-vopi u għas-sajd bl-ixilfa, jew "imtielaq" kif jgħidilhom hu. Qalli: "Dawn is-sinjali kollha jwassluk sewwa sew fuq is-sikek. Biex sinjal iwasslek x'imkien, irid ikollu żewġt itruf; u li se ngħidlek huma kollha sinjali li tieħu meta tkun fuq il-baħar in-naħa ta' San Pawl".

**It-Torri fuq Ras l-Aħrax** (tal-Mellieħa), **u l-arloġġ** (tal-Imtarfa) **mal-ponta tal-Gżejjer.** Hemm hekk tiġi fuq sikka tajba għall-vopi u għall-ħut tal-qiegħ.

**L-Imdina** (l-Katidral) **mat-Torri tal-Qawra, u l-Fliegu ta' Malta kemm kemm imbexxaq** (kemm kemm tiftħu).
**Il-knisja tar-Rabat mal-knisja tal-Mosta, u Ta' Ċenċ miftuħ naqra mat-Torri ta' Kemmuna.**

**Il-knisja tal-Mosta mall-Ħarruba** (hemm ħarruba kbira) **u t-Torri ta' Kemmuna fuq il-Baxx tal-Aħrax.** Biex issib dan is-sinjal trid tkun in-naħa tal-Belt; tiskapula l-Gżira sejjer 'l isfel lejn il-Belt.

**Il-knisja tan-Nadur mad-Darsa** (din issa hawn min jafha bħala Ras l-Iljunfant, imma l-Għawdxin bħala "id-Darsa" jafuha. Hi ponta 'l isfel mill-għerien ta' Kemmuna), **u l-knisja tal-Mosta mas-Sulla** (jew il-baxx) **tal-Gżejjer.**

**San Pawl tal-Gżejjer, kemm jitfaċċa minn Ta' Prexxa, u l-knisja tan-Nadur ġo l-għerien ta' Kemmuna.** Ta' Prexxa huwa dak il-ġenb ta' Kemmuna li qiegħed faċċata maċ-Ċirkewwa, 'l isfel mir-razzett tal-ħnieżer, fejn hem mil-blat abjad u għoli.

**It-Torri ta' Kemmuna fuq il-Baxx tal-Aħrax, u l-knisja tal-Mosta mal-ponta tal-Gżejjer.** Il-Baxx jiġi bejn il-ponta tal-Aħrax u l-għolja ta' fuq l-Għadira.

**Ta' Ċenċ mat-Torri ta' Kemmuna** (naqra miftuħ), **u l-Arloġġ** (tal-Imtarfa) **mat-Torri tar-Rinċijiet** (Pembroke).

Dawn l-imsajad huma tajbin ukoll għall-konzijiet, għall-paġella, u għall-Burqax. Karlu spjegali li meta sajjied ikun fuq masjad wara li jkun ġab is-sinjali ma' xulxin, ikun jaf ukoll ikala ftit 'l hemm u ftit 'il hawn biex isib postijiet oħra. Imma d-differenza ma tkunx kbira u ma jinżammux sinjali. Illum Karlu u uliedu jġorru l-għaddas lejn dawk l-imkejjen fejn hemm qiegħ sabiħ jew xi ħaġa interessanti. Filwaqt li llum il-laneċ (anke l-luzzijiet tal-Calypso) huma armati bil-GPS, strument li jagħtik il-pożizzjoni eżatta permezz tas-satellita, Karlu għadu jsib kollox bis-sinjali bħalma jagħmel għall-msajad tal-ħut. Ngħidu aħna: 'l barra mill-Gżejjer hemm mgħarraq *submarine* Ingliż. Biex imur fuqu, Karlu jżomm "l-Imdina mat-Torri tal-Qawra, u Ta' Ċenċ miftuħ tul ta' nofs luzzu minn mat-Torri ta' Kemmuna". Hemmhekk hemm 61 metru fond. 'Il barra minn San Pawl il-Baħar hemm mgħarraq l-*Imperial Eagle*, li dari kien jaqsam bejn Malta u Għawdex. Biex jieħu l-għaddasa fuqu, Karlu jżomm "it-Torri tal-Qawra u t-Torri ta' Baħar iċ-Ċagħak, mat-Torri tar-Rinċijiet, miftuħin b'xi tlett iqjiem. 'Il barra mill-Qawra hemm xifer sabiħ għall-għaddasa, għax jaqa' dritt, u hemm l-għerien u l-qroll. Biex iwassalhom hemm Karlu qalli li jżomm "it-Torri l-Aħmar mal-Ponta tal-Gżejjer, u l-lukanda tas-Salina

(l-Coastline) u hemm għolja li tiġi ma' nofs il-lukanda".

**L-IMSAJAD TA' KARMNU L-KAZIZZ**

Karmnu l-Kazizz, raġel ta' 72 sena miż-Żurrieq qalli li kien jaf fejn fil-gwerra kien waqa' ajruplan il-baħar, u għalkemm ġie fuq qiegħ bir-ramel, minnħabba fih kien jagħmel ħafna ħut. Bis-saħħa ta' Karmnu, s-Sur David Schembri, li hu għaddas, kien irnexxielu jtella' mill-qiegħ ajruplan biex jittieħed fil-Mużew tal-Avjazzjoni. Karmnu qalli b'iżjed sinjali:

**Il-Qawwi tal-Lvant** ('l isfel minn Filfla). Dan hawn min jafu wkoll bħala "Tal-Ħniena mal-Munqar". Biex issibu trid tara l-abjad ta' fejn hemm Għar ir-Raddiena (wara l-Ħnejja) u l-Għar iż-Żgħir; u trid tara 'il Xutu u lil Filfla jinqatgħu minn xulxin u jidher il-baħar bejniethom. Hawnhekk tajjeb għall-awwist, li Karmnu qalli li dari kienu jbiegħuh bi ftit flus. F'dal-post hemm mal-50 qama.

**Ħaxix mal-Ponta**. Fejn jitfaċċa l-ħaxix tal-Maqluba (jiġifieri jidhru l-qċeċet tas-siġar u l-ħdura li hemm ġol-Maqluba) mal-Ponta tal-Maqluba. Hemmhekk, qalli Karmnu, tiġi fuq ħafna skolji mxerrdin, mhux "qawwi marbut". Skond Karmnu, "qawwi marbut" tfisser xifer ta' blat li jkun ħaġa waħda, ma jaqta' xejn. Dan is-sinjal hemm min isejjaħlu wkoll **Għassa ġo Għar ix-Xwieki.**

**Dritt il-Bassasa**. Fejn jitfaċċa l-Kap minn-naħa ta' Lapsi (u tkun barra minn Filfla) u t-Torri tal-Wardija fuq Bieb Għar Ħamiem (jew il-Ħiser). Għar il-Ħamiem hu għar fil-għoli ħafna li jżomm fih il-ħamiem, għax hemm fuq ħadd ma jista' jilħaqhom u jagħtihom fastidju.

Sammy, imlaqqam il-Fajer, min-Naxxar, qalli kif issib il-Qrolla tas-Sikka l-Bajda: Iġġib l-istatwa ta' San Pawl mal-koppla tal-Mosta, u l-kappella tal-ponta tal-Aħrax mat-Torri l-Abjad. Meta ġġibhom flimkien tiġi fuq il-Qrolla tas-Sikka l-Bajda. Din hi bħal ħofra kbira fis-sikka, fonda xi għaxar metri u fiha dijametru ta' madwar 400 metru. Minnha tinqabad il-mazzola l-aktar. Alex Camilleri jgħidli li ħerġin minn din il-ħofra hemm bħal widien jew xquq fil-blat.

**FRANKIE AGIUS**

Frankie, magħruf bħala Frankie ta' Ġoġo, twieled, trabba, u għadu joqgħod San Pawl il-Baħar, fit-triq tal-Veċċa. Niesu sajjieda minn dejjem. Jaqbdu u jdaħħlu l-ħut il-pixkerija. Frankie llum jgħodd fuq it-tmenin, u meta jkun galbu għadu joħroġ bid-dgħajsa ma' sieħbu, Roman, jkalaw in-nases għall-vopi, 'l barra mix-Xemxija. Peress li meta kellimtu konna fl-istaġun tal-lampuki, Frankie beda bis-sinjali tar-rimjiet tal-kannizzati lit aħthom jinġabru l-lampuki:

*** It-Torri l-Aħmar mann-niċċa li hemm fuq l-Aħrax.**
*** It-Torri l-Aħmar ma' Għar iċ-Ċomb.**
*** It-torri l-Aħmar mal-Baxx tal-Aħrax.**
*** Kemmunett ma' Ras il-Qala.**
**Il-knisja tan-Nadur mat-Torri (żgħir li jinsab int u tiela' Daħlet Qorrot).**

Imbagħad Frankie qaleb għas-sinjali tas-sajd għall-klamari:

*** Il-Katidral tal-Imdina mat-Torri tal-Għallis, u tbexxaq naqra l-fliegu ta' Malta.**
*** It-Torri l-Aħmar man-Niċċa, u l-Katidral tal-Imdina mat-Torri tal-Qawra, u tbexxaq ftit il-fliegu ta' Malta.**

Hawnhekk qbadniha fuq it-tisjir tal-klamari u tas-siċċ. Qalli li oħtu kienet tagħmel l-istuffat tas-siċċ u miegħu kienet iżżid xi nofs kilo bebbux, l-ewwel mgħolli, mbagħad maqlugħ mill-qoxra, u mitfugħ fl-istuffat. Issa sinjal ieħor, did-darba għall-vopi:

*** Torri l-Aħmar man-niċċa, u t-Torri ta' Selmun ġo nofs Għajn Ħadid.**

Sinjali għas-sajd bil-parit:

*** Torri ma' Torri, u l-Ponta mal-Knisja.** Jiġifieri t-torri l-aħmar mat-torri l-abjad, u l-ponta tal-gżejjer mal-knisja tal-Mosta. Frankie qalli: "Hemm tkun max-xifer eżatt. Konna nkalaw il-parit minn hemm 'l isfel. Xi ħamsa u tletin sena ilu wieħed mill-kbarat tal-BP kien talabni nieħdu jogħdos fuq ix-xifer, u kien sab anke ċomb Ruman hemm isfel".

Frankie semmieli lil ċertu Żaren minn San Ġiljan. Dan Żaren Cuschieri huwa sajjied xiħ tal-esperjenza li jsibuh bħala "Għallaqhom" jew inkella "t-Tiljan". Żaren hu bniedem fih raġel, ġentili, imma fl-istess ħin iħobb jiċċajta fin fin u daqsxejn sarkastiku. Laqgħani ħafna, u fl-isfond tad-daqq tal-banda ta' San Ġiljan li peress li kien jum il-festa, kienet nieżla lejn il-pjazza, bdejna nitkellmu fuq is-sinjali biex is-sajjieda jsibu xi sikek qrib l-art:

* **Is-Sikka ta' Kalment**: 'il barra mid-Dragunara. **Iġġib is-Santi l-Kbira** (jiġifieri l-għalja tas-Santi tal-Imġarr) **ġo l-Għar ta' Baħar iċ-Ċagħak.** Tkun għadek fuq is-sikka sa meta ġġib **is-Santi mal-Ħarruba tat-Torri tal-Qrejten** (Qalet Marku).
* **Is-Sikka tat-Troffi.** Iġġib **il-Palazz mal-Ponta** (jiġifieri t-Torri ta' Selmun mal-ponta tal-Qawra)
* **Is-Sikka tal-Boll** (jew tal-Bonn). Tibda meta ġġib il-knisja **tal-Mensija ma' t'Apap** (jiġifieri l-Villa Rosa) u tasal sakemm iġġib **l-Għallis ma' Selmun u l-Mensija sas-*Searchlight*.**
***Is-Sikka tal-Lembi.** Il-knisja ta' **Stella Maris mat-taraġ tal-Latrina; u t-Torri tal-Golf ma' Ras in-Nadur** (San Ġorġ hemm ponta jgħidulha hekk).
* **Is-Sikka ta' Marija**: Mill-**Arloġġ ġo nofs l-Għerien, sal-Buskett mal-Loġoġ ta' Lazzarett.** Għax-xifer ta' barra tagħha trid iġġib **in-Nadurija** (jiġifieri l-knisja tan-Nadur) **mal-Ponta l-irqiqa** (l-aħħar ponta tar-rinċijiet.

Bil-famuż GBS, dan it-tagħrif kollu jispiċċa jintrema l-baħar.

© Karmenu Pace

# 2. IL-GORBOĠ (GĦAMLIETU)

Karmenu Pace

**Fl-aħħar artiklu li kont ktibt dwar il-gorboġ kont għidt li l-griebeġ jagħmlu parti mill-ambjent rurali tan-naħat t'isfel ta' Malta daqskemm il-giren huma parti ntegrali mill-ambjent rurali tan-naħat ta' fuq ta' Malta. Jiena nemmen li l-gorboġ għandu jsib postu bħala wirt arkitettoniku popolari bħalma sabet postha l-girna speċjalment bil-publikazzjoni tal-ktieb famuz ta' Patri Mikiel Fsadni fuq is-suġġett.**

Fl-ewwel kitba tiegħi jiena ppruvajt inressaq l-argument li l-bini tal-giren in-naħa ta' fuq ta' Malta minn banda u l-bini tal-griebeġ fin-naħa t'isfel ta' Malta mill-banda l-oħra, seħħ l-iktar minħabba l-kwalita' differenti ta' blat li jeżisti fiż-żewġ bnadi. Fin-naħa ta' fuq, jiġifieri minn Ħad-Dingli u l-Imġarr 'l hemm sal-Mellieħa u l-Marfa, insibu ħafna qawwi. Filwaqt li fin-naħat t'isfel, jiġifieri mis-Siġġiewi u l-Qrendi lejn Ħal-Għaxaq u Birżebbuġa nsibu l-ġebla tal-franka. Id-differenza kbira hi li l-ġebla tal-franka hija ratba u tinħadem b'tali mod li tista' tfassal ix-xorok minnha filwaqt li l-ġebla tal-qawwi hija iebsa u minnha tista' toħroġ kapitelli imma dawn iridu jkunu ta' ħxuna mill-inqas d-doppju ta' xriek u għalhekk ħafna itqal. Barra minn hekk fejn hemm il-franka ħafna drabi fl-uċuħ naturali ssib l-qxur li jistgħu jintrefgħu u jaqdu l-funzjoni ta' xriek għat-tisqifa. Imma l-qawwi ma jagħmilx qxur kbar għax normalment il-blat ikun sħiħ. Dan kollu għandu x'jaqsam għax il-bidwi meta kien jeħtieġlu jibni dik l-istruttura fejn jista' jistkenn jew jaħżen xi ħaġa, kien jinqeda bil-materjal li kien isib fin-natura madwaru u l-eqreb tiegħu. Għalhekk, kif naħsibha jiena, l-bdiewa tan-naħa ta' fuq għamlu użu mill-ġebel li jinsab komunement fix-xagħri bħal fl-inħawi tal-Mellieħa u wintaw il-metodu tal-ħitan imkillbin (ġebla ħierġa 'l barra mill-oħra, bħall-kileb) biex jirnexxilhom idejqu l-wisgħa tal-binja sa ma jaslu sat-tisqifa u mbagħad jagħlqu permezz ta' xi qoxra jew tnejn blat. Fin-naħa t'isfel ta' Malta li hi magħrufa għall-franka kien hemm is-sengħa tal-qutgħ tal-blat, li minnu jfasslu l-knatan u joforqu x-xorok. Kienu jkissru l-blat biex ifasslu l-għelieqi. U ħafna drabi minn dan it-tkissir tal-blat kienu jibnu l-ħitan tal-gorboġ li għal kuntrarju tal-girna fil-biċċa l-kbira tagħhom jitilgħu dritti. Imbagħad it-tisqifa kienet issir jew minn xi qiegħan kbar jew qxur tal-blat kbir li kienu jlaħħqu minn ħajt għall-ieħor tal-gorboġ jew inkellha minn xorok maħduma. Dawk it-tisqifiet l-iktar antiki nsibhom bix-xorok mfassla minn blat naturali bla ma jkunu bil-wiċċ minġur, filwaqt li dawk iktar riċenti kienu jkunu maqtugħa iktar bis-sengħa u jintuża l-mannarett biex jaqilgħulhom l-wiċċ lixx bħal dawk li nafu aħna llum fid-djar ta' 'l fuq minn ħamsin sena ilu.

Imma anke hawnhekk wieħed ma jridx jaħseb li kien hemm xi għamla fissa, xi pjanta mfassla jew xi prototip li kulħadd kellu jimitah u jibni bħalu bħalma kien ġara f'ħafna bini "modern" tas-sittinijiet u s-sebgħinijiet. Il-gorboġ kien jinbena ħafna drabi mill-bidwi, sid il-għalqa nnifsu. Kien jibnih għall-bżonnijiet tiegħu, skont ix-xeħta ta' l-art, u l-qagħda fejn ikun se jibnih. U għalhekk bħal fil-każ tal-giren, insibu diversi għamliet ta' griebeġ, wieħed mhux bħall-ieħor, li minnhom wieħed jista' joħroġ dawk li jixxiebħu u jiġborhom f'kategoriji. Ngħidu aħna hemm dawk li huma mibnija mdaħħla fil-ħajt tas-sejjieħ innifsu b'tali mod li minn fuqhom tkun għaddeja għalqa oħra. Dawn issibhom mibnija fejn l-blat huwa wieqaf u l-għelieqi mtarrġa. Hemm griebeġ oħra li bnewhom għax-xeħta tal-ħajt li jkun jifred ħabel minn ieħor. Dawn ikunu jserrħu mal-ħajt lejn ix-xellug jew lejn il-lemin tagħhom u għalhekk jiena laqqamthom "imġennbin". Hemm dawk imbagħad li l-bidwi bniehom sewwasew fl-għafsa bejn ħajt u ieħor ta' l-għalqa, eżatt f'xi rokna. Dawn ikunu imqabbdin minn ħajt għall-ieħor bħal trianglu. Dawn laqqamthom "maqrut" u ma tantx issib ħafna minnhom. Inqas u inqas ma ssib mill-kategorija li jien sejjaħtilhom "mekkuk" u "imqammrin". Tal-ewwel għax huma mibnija fil-wisgħa tal-ħajt tas-sejjieħ bejn għalqa u oħra (jissejjaħ ukoll "katina") u tat-tieni għax ikollhom il-faċċata tagħhom mfassla nofs qamar. Imbagħad hemm dawk numerużi tal-kategorija li daharhom biss iserraħ mal-ħajt tas-sejjieħ li jkun għaddej fuq wara. Imma s-sabiħ ta' kull gorboġ huwa li kull wieħed huwa personalizzat u għandu r-ruħ tiegħu. Min bid-daħla baxxa u oħrajn bid-daħla għolja. Min bit-tawwala u oħrajn b'xejn. Min bil-faċċata tad-dobblu u min b'tas-singlu. Min mibni bil-ġebel naturali tax-xagħri u min mill-ġebel maħdum. Min bit-tisqifa mill-qiegħan u min bix-xorok. Min għandu t-tisqifa sserraħ fuq il-

kileb fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat u min bix-xorok iwasslu minn tarf s'ieħor. Min bis-saqaf ikkupplat minn barra u minn bis-saqaf ċatt. Min baxx u min għoli. Dawn id-differenzi fihom studju ta' tqabbil fihom infushom u aktarx li minn dawn id-differenzi wieħed ikun jista' jasal ukoll biex jifred dawk li huma antiki minn dawk li nbnew eqreb lejn żmienna.

Issa hawn taħt se nġib għad ta' disinji li juru l-għamliet ewlenin ta' griebeġ li sibt jiena f'dawn l-aħħar sentejn. L-għadd tagħhom kien madwar mija u għadni nsib xi wieħed 'l hemm u 'l hawn kultant bla ħsieb waqt li nkun nimraħ qalb l-għelieq jew għax nistaqsi xi bidwi. Dawn l-għamliet differenti ġbarthom mill-inħawi kollha ta' Malta u Għawdex fejn jinstabu dawn il-binjiet. Fil-faqar, is-sempliċita' u s-satra tagħhom dawn l-griebeġ joħorġu mimlija għana u nteress. Ħafna minnhom tant huma mibnija bla pompa u żina ta' xejn, tant huma mfillsati tajjeb fl-ambjent ta' madwarhom, li tgħaddi minn ħdejhom u ma tindunax bihom. U jien għalija dan hu l-ġmiel tagħhom. Is-sbuħija fis-sempliċita'. Jaqdu dmirhom ħafna drabi bla ma jagħtu fl-għajn. Huma rifless u espressjoni tar-ruħ u l-karattru kiebi u umli tal-bidwi bieżel Malti u Għawdxi.

**© Karmenu Pace**



**Gorboġ maqtugħ għalih bid-daħla fin-nofs.**



**Maqtugħ għalih bid-daħla mal-ġenb tax-xellug.**



**Maqtugħ għalih bid-daħla lejn il-lemin.**



**Imġenneb bid-daħla dritta mal-ħajt tal-lemin.**



**Imġenneb bid-daħla f'nofs il-faċċata.**



**Gorboġ b'daħla daharha mal-ħajt.**



**Gorboġ mibni kollu ġol-ħajt.**



**Garboġ ġol-ħajt bid-daħla lejn ix-xellug.**



**Gorboġ ġol-ħajt bid-daħla fin-nofs.**



Gorboġ imrekken bid-daħla f'nofs il-faċċata mqammra.



Gorboġ maqrut bid-daħla fin-nofs.



Gorboġ nofs tond bid-daħla fin-nofs.



Gorboġ mekkuk f'nofs katina bid-daħla fit-tarf.



Gorboġ mekkuk f'nofs katina b'daħla għall-ħabel ta' fuq u oħra għall-ħabel t'isfel.



Gorboġ imġenneb b'daħla quddiem u oħra wara.



Gorboġ għat-tond, rari ħafna, mibni ġo ħajt wiesa'.



Gorboġ bi grejbeġ ġo fih, mibni ġo ħajt wiesa'.



Gorboġ maqsum fi tnejn.



Goboġ doppju, wieħed fuq u ieħor isfel.



Gorboġ ġo gorboġ.



Tlett igriebeġ, wieħed minnhom b'żewġ daħliet.